# IT-TWETTIQ TAL-BAĠIT

2023

# IT-TWETTIQ TAL-BAĠIT
2023

Ottubru 2023

GVERN TA' MALTA
UFFIĊĊJU TAS-SEGRETARJU
PERMANENTI EWLIENI

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Komunikazzjoni tas-Servizz Pubbliku
Fl-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti Ewlieni, Uffiċċju tal-Prim Ministru
Il-Berġa ta' Kastilja
Il-Belt Valletta VLT 1061

Siti www.publicservice.gov.mt | fb.com/servizzpubbliku

***Cataloguing in Publication Data***
Malta. Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti Ewlieni
It-Twettiq tal-Baġit, 2023
Valletta: Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti Ewlieni, 2023

29.7, 21 cm

ISBN: 978-9918-9543-4-6

Mitbugħ: Stamperija tal-Gvern
Ritratti : Ħajr lid-Dipartiment tal-Informazzjoni u Dipartimenti oħra varji

FSC www.fsc.org MIX Paper from responsible sources FSC® C140603

# WERREJ

**Daħla** 6

**Għal Dawk l-Inqas Li Jifilħu** 8

**Tkabbir Reżiljenti fl-Ekonomija** 13

**Miżuri** 24

Uffiċċju tal-Prim Ministru 26

Ministeru għas-Saħħa 29

Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali 38

Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ 42

Ministeru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal 44

Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali 50

Ministeru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli 53

Ministeru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u Artijiet 57

Ministeru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur 62

Ministeru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali 65

Ministeru għal Għawdex 74

Ministeru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza 76

Ministeru għat-Turiżmu 83

Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża 86

Ministeru għall-Finanzi u x-Xogħol 94

Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni 99

Ministeru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar 105

Ministeru għall-Ġustizzja 108

Ministeru għall-Anzjanità Attiva 112

**Miżuri ta' Baġits Preċedenti** 115

DAHLA

Matul l-2023 l-Amministrazzjoni Pubblika kattret l-impenn sabiex il-programm tal-Gvern tal-ġurnata jkompli jitwettaq. Għodda importanti ħafna għal dan il-għan huwa t-twettiq tal-baġit li permezz tiegħu jkompli jsarraf il-viżjoni tal-Gvern f'azzjonijiet konkreti u tanġibbli għall-ġid komuni u għas-servizz aħjar taċ-ċittadin.

Għal darb'oħra din il-pubblikazzjoni qed tagħti xiehda ta' dan ix-xogħol permezz ta' rendikont tal-implimentazzjoni tal-miżuri tal-baġit 2023 li din is-sena kien jindirizza b'mod partikolari l-qasam soċjali, kif ukoll dak ekonomiku u ambjentali. L-Amministrazzjoni Pubblika għandha sehem ewlieni fil-proċess annwali tal-baġit, sew mill-aspett ta' studju, tfassil u implimentazzjoni tal-miżuri li ssemmew fil-baġit.

Din il-pubblikazzjoni sservi wkoll bħala mezz ieħor kif l-Amministrazzjoni Pubblika tkun aktar viċin tan-nies billi nagħtu rendikont tal-istat tal-miżuri tal-baġit u f'liema waslet l-implimentazzjoni tagħhom, inkluż dawk li għadhom fil-proċess ta' implimentazzjoni. Fil-fatt, il-ħidma tal-Amministrazzjoni Pubblika tkompli sabiex dawk il-miżuri li ma jkunux għadhom tlestew, ikomplu jitwettqu u jibqa' jkun irrapportat il-progress fl-implimentazzjoni tagħhom. Fil-pubblikazzjoni jingħata wkoll rendikont tal-implimentazzjoni ta' miżuri minn baġits ta' qabel l-2023.

Din is-sena ntlaħqet rata ta' implimentazzjoni ta' 81%. Persentaġġ b'saħħtu ħafna u jawgura tajjeb għall-kumplament tat-twettiq tal-miżuri. Dan juri li l-implimentazzjoni tal-miżuri ma ssirx b'kumbinazzjoni imma saret xjenza li daħlet fil-kultura tagħna ta' xogħolna.

Din il-pubblikazzjoni tinkludi analiżi ta' kif sejra l-ekonomija u x-xenarji li se jwasslu għall-baġit tas-sena d-dieħla, li se jkun ippreżentat fil-jiem li ġejjin. Tinkludi wkoll analiżi dwar l-element soċjali tal-baġit.

Fl-aħħar nixtieq nikkonkludi billi nirringrazzja lill-ħaddiema kollha tal-Amministrazzjoni Pubblika li ta' kuljum jaħdmu sabiex jitwettaq il-programm tal-Gvern għall-ġid tal-poplu Malti u Għawdxi kollu.  Dan is-suċċess jagħtina kuraġġ sabiex inkomplu noħolqu l-ġid u naraw li dan jitqassam b'mod ġust u ekwu.

**Tony Sultana**
Segretarju Permanenti Ewlieni

GĦAL DAWK

# L-INQAS LI JIFILĦU

## Miżuri biex isaħħu l-qafas soċjali

Miżuri biex isaħħu l-qafas soċjali tal-pajjiż u tonqos l-esklużjoni soċjali, kienu fil-qalba ta' kull baġit imressaq mill-Gvern. Minbarra li kienu mmirati biex itejbu l-kwalità tal-ħajja ta' anzjani u żgħażagħ, familji bit-tfal, pensjonanti u persuni vulnerabbli jew b'diżabilità, dawn il-miżuri fittxew li jixprunaw politika favur min jaħdem u tħajjar aktar nies jidħlu fid-dinja tax-xogħol u tonqos id-dipendenza fuq il-benefiċċji soċjali.

Dawn il-miżuri kienu sostnuti b'investiment soċjali li sal-2022 laħaq is-somma ta' €1.21 biljun, kważi d-doppju tan-nefqa fl-2013. L-investiment kompla jitkattar matul din is-sena, tant li skont ċifri tal-Uffiċju Nazzjonali tal-Istatistika (NSO) għall-ewwel sitt xhur juru żieda b'€52.5 miljun fuq l-istess perjodu fl-2022.

Filwaqt li l-għadd ta' pensjonanti kiber, l-akbar fattur għal qabża fin-nefqa kien dovut għat-titjib bla preċedent li sar fir-rati tal-pensjonijiet fl-aħħar tmien snin.  L-ewwel żidiet seħħew fl-2016 u l-2017 u kienu jolqtu pensjonanti b'pensjoni minima, u fis-snin ta' wara  komplew jinfirxu fuq il-pensjonanti kollha. Globalment mill-2018 'il hawn, iż-żidiet akkumulaw għal €2,613 fis-sena jew €50.25 fil-ġimgħa.



## Titjib ieħor għal pensjonanti

Barra minn hekk, permezz ta' mekkaniżmi li bdew jitħaddmu fl-aħħar sentejn, eluf ta' pensjonanti qed jibbenefikaw minn żidiet oħra bis-saħħa ta' aġġustamenti fil-pensjoni tar-romol u fil-bonus għall-għoli tal-ħajja. Dawn il-mekkaniżmi jaħsbu biex gradwalment il-pensjoni tar-romol tilħaq l-istess livell ta' pensjoni tal-konjugi tagħhom meta jiġu nieqsa u l-bonus għall-għoli tal-ħajja  jibda jitħallas sħiħ u bl-istess rata lill-pensjonanti kollha li rtiraw wara l-2008.

Aktar minn 83,000 pensjonanti tal-irtirar u romol gawdew ukoll minn titjib fir-rati tal-pensjoni tagħhom, u fejn kien japplika, tħallsu wkoll arretrati għal snin imgħoddija. Dan sar b'riħet eżerċizzju ta' reviżjoni li beda fl-2017 biex il-pensjonijiet jibqgħu f'sintonija maċ-ċaqliq li seħħ fil-pagi permezz ta' ftehim kollettiv fis-servizz pubbliku kif ukoll fis-settur pubbliku u dak privat.

L-għadd ta' pensjonanti żdied mhux biss b'dawk il-persuni li laħqu l-età tal-irtirar, iżda wkoll b'individwi oħra, l-aktar nisa, li kkwalifikaw għal pensjoni tal-irtirar imnaqqsa bit-twettiq ta' miżuri li ħadu inkonsiderazzjoni l-bolol li ħallsu qabel l-età ta' 19-il sena jew jekk kellhom mill-inqas għaxar snin bolol imħallsa. Għal dawk li ma kkwalifikawx għal pensjoni, komplew jirċievu bonus annwali li żdied kemm-il darba.



Pensjonanti bi dħul baxx flimkien ma' persuni fuq l-assistenza soċjali bbenefikaw minn żidiet fil-ħlas tal-Għajnuna Supplimentari, u hekk fl-età ta' 75 sena u akbar, kellhom titjib fir-rati tal-għotja annwali għal ċittadini anzjani.

## Tnaqqis fid-dipendenza soċjali

Għax fix-xogħol il-bniedem isib iċ-ċavetta ta' għajxien aħjar u dinjità, fl-2014 tnieda inċentiv, magħruf bħala tapering tal-benefiċċji, bil-għan li persuni li kienu jistrieħu fuq il-benefiċċji soċjali jitħajru jidħlu fid-dinja tax-xogħol mingħajr ma jitilfu d-dritt għall-benefiċċji f'daqqa.

Fi klima ta' progress ekonomiku li nissel opportunitajiet ta' xogħol, eluf ta' persuni bbenefikaw minn din l-iskema. Is-suċċess miksub ma kienx biss li nfatmu mill-benefiċċji, iżda l-aktar għaliex fil-maġġoranza tagħhom baqgħu fid-dinja tax-xogħol anke wara li għaddew it-tliet snin tal-iskema. Skont studju tal-Bank Ċentrali, l-iskema rdoppjat il-possibilità li benefiċjarji soċjali jsibu impjieg u li l-aktar li bbenefikaw kienu ġenituri waħidhom mhux miżżewġa.

Flimkien maċ-childcare b'xejn, dan l-inċentiv kabbar il-parteċipazzjoni tan-nisa fid-dinja tax-xogħol, tant li d-distakk fl-għadd ta' impjegati rġiel u nisa minn 29.2 fil-mija fl-2017 niżel għal 13.3 fil-mija fl-2022.



Naqset ukoll b'mod qawwi d-dipendenza soċjali. Ċifri tal-NSO juru li fuq medda ta' għaxar snin, l-għadd ta' persuni fuq l-assistenza soċjali u l-għajnuna għal qgħad kif ukoll ġenituri mhux miżżewġa waqa' bi 11,645 għal 7,182 fl-2022, tnaqqis ta' madwar 62 fil-mija. Kawża ta' dan it-tnaqqis, in-nefqa annwali fuq l-assistenza soċjali niżlet b'€40.7 miljun.

It-tnaqqis fid-dipendenza soċjali għen mhux ftit biex, minkejja l-isfidi tal-inflazzjoni u tal-pandemija, jonqos il-faqar u l-esklużjoni soċjali.

## Jiżdied l-għadd ta' benefiċjarji tal-InWork Benefit

Dawk il-ġenituri li temmew il-perjodu tat-tapering tal-benefiċċji u komplew jaħdmu ngħaqdu ma' ġenituri oħra impjegati bi tfal taħt it-23 sena biex igawdu mill-iskema tal-InWork Benefit. Din l-iskema ġiet varata fl-2015 biex issaħħaħ il-kunċett li bix-xogħol jaqbillek, u tkattar id-dħul ta' familji bieżla bi tfal.

Kemm bis-saħħa tat-twessigħ tal-limiti tad-dħul mill-impjieg kif ukoll għax tneħħiet il-ħtieġa li ġenituri eliġibbli japplikaw l-għadd ta' familji benefiċjarji fl-2022 tela' għal 24,600 b'madwar 36,500 tifel u tifla, it-tripplu tal-benefiċjarji fl-2021. Bejniethom din is-sena mistennija jirċievu €14-il miljun.

## Għajnuna oħra għall-familji

Familji bi tfal taħt is-16-il sena gawdew ukoll minn żidiet fir-rati taċ-Children's Allowance, u għall-ewwel darba bdew jirċievu suppliment addizzjonali għal kull wild. Ir-rati ta' dan is-suppliment qed jiżdiedu minn sena għall-oħra.



Madwar 44,500 familja f'sena jkunu intitolati għaċ-Children's Allowance. Dawk fosthom li jkollhom il-ferħ ta' wild ġdid jew adozzjoni, barra ċ-Children's Allowance jingħataw bonus għat-twelid ta' tarbija jew adozzjoni sabiex ilaħħqu aħjar mal-ispejjeż li jġib miegħu wild ġdid.

Barra titjib li seħħ fir-rata tal-benefiċċju li jirċievu, familji li jiffosterjaw ingħataw id-dritt li jżommu dan il-benefiċċju jekk jagħżlu li jaddottaw it-tifel jew it-tifla li jkunu taħt il-ħarsien tagħhom. Il-ħlas tal-benefiċċju jingħata b'rati mnaqqsa gradwalment fuq perjodu ta' erba' snin jew sakemm it-tifel jew it-tifla jagħlqu 21 sena.



Fl-istess waqt familja li tkun qed taddotta xorta waħda tkun intitolata għall-għotja ta' rifużjoni fuq l-ispejjeż relatati mal-adozzjoni. Din l-għotja bdiet tingħata lil familji li jaddottaw wild kemm minn barra 'l pajjiż kif ukoll lokalment, bir-rata mħallsa għall-adozzjoni minn barra 'l pajjiż tkun ogħla.

Il-pakkett ta' miżuri favur familji bit-tfal jinkludi wkoll l-Għotja tal-Carers biex iwieżen b'mod qawwi dawk il-ġenituri li jkollhom jitilqu mix-xogħol biex jieħdu ħsieb wild b'diżabilità severa. Dan il-benefiċċju jlaħħaq għan-nofs il-Paga Minima Nazzjonali netta li din is-sena kienet tlaħħaq €4,500 għal kull familja.

## Benefiċċju favur dawk l-inqas li jifilħu

Il-ħidma soċjali m'għandhiex waqfien għax minn żmien għall-ieħor, barra li tkompli ttejjeb u taġġorna l-katina ta' benefiċċji eżistenti, tfittex li toħloq oħrajn ġodda biex tilqa' għal sfidi jew ċirkustanzi ġodda. B'mod partikolari dan seħħ meta fl-eqqel tal-pandemija ssawru miżuri speċjali biex jgħinu familji u persuni milquta.

Biex jilqa' għall-isfida tal-inflazzjoni, f'Diċembru 2022 ġie varat mekkaniżmu ġdid biex titħallas COLA addizzjonali lill-eluf ta' familji biex jilqgħu għall-għoli fil-prezzijiet u jitbiegħdu mir-riskju tal-faqar. Dan il-mekkaniżmu ser jibqa' jitħaddem kull sena anke meta l-inflazzjoni terġa lura għal livelli normali.

## Għajnuna għal persuni b'diżabilità

Twettqu diversi miżuri favur persuni b'diżabilità li għamlu differenza fil-ħajja tagħhom b'mod partikulari bir-riforma fl-assistenza varata fl-2017. Bħala parti minn din ir-riforma ġie introdott benefiċċju, magħruf bħala Assistenza Miżjuda għal Diżabilità Severa, għall-persuni li d-diżabilità tagħhom timpedihom milli jsibu impjieg. Permezz ta' dan il-benefiċċju, madwar 900 persuna jirċievu assistenza li tlaħħaq daqs paga minima nazzjonali netta f'sena.

L-iżviluppi u l-kisbiet soċjali f'dawn l-aħħar snin ġew deskriviti minn osservaturi tal-qasam soċjali bħala rivoluzzjoni siekta għan-numru bla preċedent ta' miżuri li twettqu, iżda wisq aktar għal wens u differenza li nisslu fil-ħajja ta' eluf ta' persuni u familji. It-titjib u t-tiġdid ser jissokta bit-tkomplija tat-twettiq tal-wegħdiet elettorali tal-Gvern u sabiex jintlaħqu l-miri tal-politika strateġika nazzjonali mfassla mill-Ministeru għall-Politika Soċjali u Drittijiet tat-Tfal biex jogħla l-livell tal-għajxien u jitrażżan il-faqar fil-pajjiż.

TKABBIR REŻILJENTI

## FL-EKONOMIJA

# ANALIŻI TAL-MIŻURI EKONOMIĊI

## Kapitlu 1 – Kundizzjonijiet Makro-ekonomiċi

### 1.1 Xena Lokali

#### 1.1.1 It-tkabbir ekonomiku

Fl-2022, l-ekonomija Maltija kompliet turi tkabbir reżiljenti, hekk kif l-attività ekonomika żdiedet b'6.9 fil-mija f'termini reali jew 12.6 fil-mija f'termini nominali. Din iċ-ċifra ta' tkabbir kienet 3.5 punti perċentwali ogħla minn dak rekordjat fl-Unjoni Ewropea (UE).

Id-domanda domestika kienet il-mutur ewlieni wara t-tkabbir fl-attività ekonomika, hekk kif il-konsum irkupra għal-livelli ta' qabel il-pandemija, megħjun mill-prestazzjoni pożittiva fis-suq tax-xogħol. Barra minn hekk, investimenti sostanzjali fis-settur tal-avjazzjoni kkontribwew għal tkabbir robust fl-investiment. Min-naħa esterna, l-esportazzjonijiet kienu prinċipalment xprunati mill-irkupru qawwi fit-turiżmu. Din iż-żieda fl-esportazzjonijiet kienet ferm akbar mill-importazzjonijiet, li tirrifletti l-importazzjoni ta' għodda kapitali u provvisti industrijali.

Matul l-ewwel nofs tal-2023, l-ekonomija Maltija kibret b'4.4 fil-mija f'termini reali  kkumparat mal-perjodu korrispondenti fis-sena preċedenti, prinċipalment xprunata mill-esportazzjonijiet netti, filwaqt li d-domanda domestika kienet appoġġjata minn tkabbir fil-konsum.

Fig. 1: Tkabbir fil-Prodott Domestiku Gross (PDG) reali 2020–2023



Min-naħa tal-introjtu nazzjonali, kien hemm espansjoni notevoli ta' 12.6 fil-mija primarjament xprunata minn żieda sostanzjali ta' 11.6 fil-mija fil-profitti. Barra minn hekk, kien hemm żieda ta' 8.9 fil-mija fil-kumpens tal-impjegati u żieda ta' 11.0 fil-mija fit-taxxi netti mis-sussidji fuq il-produzzjoni u l-importazzjonijiet.

Matul l-istess perjodu, kien hemm żieda notevoli ta' 12.0 fil-mija fil-Valur Miżjud Gross (VMG). Ir-rati ta' tkabbir settorjali tal-VMG huma ppreżentati fit-tabella ta' hawn taħt.

Fig. 2: Tkabbir fil-Prodott Domestiku Gross (PDG) reali 2020–2023



### 1.1.2 Il-prospetti ta' Tkabbir ta' Malta

Il-komponent tal-esportazzjonijiet netti huwa mistenni li jkun l-ixprun ewlieni tat-tkabbir fl-2023. Minkejja tnaqqis ġenerali fir-ritmu ekonomiku fil-pajjiżi sħab kummerċjali ewlenin ta' Malta u tisħiħ aktar tal-ewro kontra d-dollaru, l-esportazzjonijiet huma mistennija li jibqgħu reżiljenti, xprunati l-aktar mill-prestazzjoni pożittiva u aħjar milli mistenni fis-settur tat-turiżmu.

L-importazzjonijiet huma mistennija li jesperjenzaw tkabbir moderat prinċipalment minħabba nfiq kbir ta' darba li sar matul l-2022. L-investiment huwa pproġettat li jerġa' lura għall-proporzjon medju storiku tiegħu bejn l-investiment u l-PDG wara żieda ta' darba fl-2022. Fid-dawl tat-tnaqqis mistenni fl-investiment, id-domanda domestika hija mistennija li tikkontribwixxi b'mod negattiv għat-tkabbir ekonomiku.

Il-konsum huwa appoġġjat mill-prestazzjoni pożittiva prospettiva tas-suq tax-xogħol u pressjonijiet inflazzjonarji aktar baxxi fit-tieni nofs tas-sena.

Fl-2024, id-domanda domestika, xprunata mill-konsum minħabba t-tnaqqis mistenni fl-inflazzjoni flimkien ma' stabbilizzazzjoni fl-investiment, hija antiċipata li tkun il-katalizzatur primarju tat-tkabbir. Appoġġjat minn reżiljenza kontinwa fis-suq tax-xogħol u aktar żidiet fil-pagi, li għandhom jiżdiedu f'termini reali hekk kif jonqsu l-pressjonijiet inflazzjonarji, il-konsum huwa mistenni jikber.

Hekk kif l-attività ekonomika globali hi mistennja li tiżdied fl-2024, l-esportazzjonijiet ta' Malta huma mistennija li jikbru. L-importazzjonijiet huma prevvisti li jallinjaw maż-żieda fl-attività domestika u partikolarment ikunu xprunati mill-irkupru fl-investiment u ż-żieda mistenni tal-ewro kontra muniti ewlenin inkluż id-dollaru Amerikan.

Il-kumpens totali tal-impjegati huwa mbassar li jiżdied fl-2023 u fl-2024, xprunat minn taħlita ta' fatturi inkluż l-impatt ta' kompetizzjoni għolja għall-impjiegi, kif rifless minn rati baxxi ta' qgħad prevvisti u prezzijiet li qed jogħlew. Fl-istess ħin, il-kumpens għal kull impjegat huwa pproġettat li jikber fl-2023 u fl-2024.

Ir-rata tal-inflazzjoni fl-2023 hija mistennija li tibqa' fl-istess livell tal-2022, xprunata l-aktar mill-prezzijiet tas-servizzi u tal-ikel, li qed juru li huma aktar persistenti milli antiċipat. L-inflazzjoni tal-enerġija hija pproġettata li tibqa' stabbli fl-2023, b'mod konsistenti mal-impenn tal-Gvern li jassorbi ż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija. L-inflazzjoni tal-Indikatur Armonizzat tal-Prezzijiet għall-Konsumatur (HICP) hija mistennija li tonqos fl-2024 influwenzata minn tnaqqis fil-prezzijiet tal-importazzjoni, effetti bażi għoljin mis-sena ta' qabel, riżoluzzjoni kontinwa fil-provvista, u t-trażmissjoni tal-politika monetarja li twassal għal domanda aggregata aktar baxxa f'ekonomiji avvanzati.

Tabella 1: Tkabbir fl-indikaturi makro-ewlenin (%)

| | 2021 | 2022 | 2023 | 2024 |
|---|---|---|---|---|
| PDG reali | 11.7 | 7.1 | 3.9 | 4.4 |
| PDG nominali | 13.9 | 12.7 | 8.6 | 7.6 |
| | | | | |
| Il-konsum | 8.2 | 9.8 | 3.8 | 3.9 |
| Nefqa tal-Gvern | 6.9 | 2.4 | 3.4 | 2.9 |
| Investiment | 11.0 | 29.5 | – 16.6 | 5.7 |
| L-esportazzjonijiet | 6.2 | 6.3 | 4.5 | 5.2 |
| Importazzjonijiet | 3.8 | 9.2 | 1.2 | 5.0 |
| | | | | |
| Rata ta' inflazzjoni (%) | 0.7 | 6.1 | 6.1 | 3.7 |

| | 2021 | 2022 | 2023 | 2024 |
|---|---|---|---|---|
| Tkabbir fl-impjiegi (FTEs) | 3.2 | 6.1 | 3.9 | 4.0 |
| Rata tal-qgħad (%) | 3.4 | 2.9 | 2.8 | 2.8 |
| Kumpens għal kull Impjegat | 4.7 | 2.7 | 5.3 | 3.9 |

Sors: L-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika, Projezzjonijiet tal-MFE

### 1.1.3 Is-suq tax-xogħol

Is-suq tax-xogħol kompla jipproduċi żviluppi pożittivi fl-2022. It-tkabbir fl-impjiegi laħaq il-5.1 fil-mija. Prospetti kummerċjali mtejba minħabba tkabbir ekonomiku qawwi kienu l-fatturi ewlenin wara t-tkabbir fl-impjiegi. Barra minn hekk, l-impjiegi ġew appoġġjati aktar minn sforzi kontinwi fil-promozzjoni u s-sostenn ta' politiki attivi tas-suq tax-xogħol.

Ir-rata ta' parteċipazzjoni tan-nisa żdiedet b'3.5 punti perċentwali meta mqabbla mal-2021, u qabżet ir-rati medji osservati fl-UE u fiż-żona tal-ewro (EA). Ir-rata ta' parteċipazzjoni tal-irġiel żdiedet ukoll bi ftit b'0.3 punti perċentwali, li jindika tnaqqis kontinwu tad-disparità bejn is-sessi fir-rati ta' parteċipazzjoni.

Fl-ewwel kwart tal-2023, l-impjiegi baqgħu b'saħħithom, fejn irreġistraw rata ta' tkabbir ta' 5.4 fil-mija meta mqabbla mal-kwart korrispondenti fl-2022. Ir-rata tal-qgħad uriet tnaqqis konsistenti, minkejja influss sostanzjali u kontinwu ta' ħaddiema barranin. Din iċ-ċifra tirrifletti kemm ekonomija robusta kif ukoll reżiljenti, u fl-istess ħin tenfasizza wkoll il-preżenza ta' nuqqasijiet ta' ħaddiema fis-suq tax-xogħol. Fl-2022, Malta marret relattivament tajjeb fil-qgħad fost iż-żgħażagħ (etajiet bejn il-15 u l-24 sena), li kien ta' 8.3 fil-mija meta mqabbel mal-medja tal-UE ta' 14.5 fil-mija.

Fig. 3: Żviluppi fir-Rata tal-Qgħad (%)



Figura 4: Bilanċ tal-kont kurrenti u l-komponenti tiegħu

*Sors: Eurostat*




## 1.1.4 Bilanċ tal-Pagamenti

Mill-perspettiva esterna, il-figura 4 turi x-xejriet annwali riċenti fil-kont kurrenti (current account) bħala parti mill-bilanċ tal-pagamenti (BOP). Storikament, il-kont kurrenti rreġistra b'mod konsistenti bilanċ favorevoli (surplus). Din ix-xejra ppersistiet fl-ewwel kwart tal-2023, fejn ġie rrekordjat surplus ekwivalenti għal 5.7 fil-mija tal-PDG, xprunat minn żviluppi pożittivi fis-servizzi.

## 1.1.5 It-turiżmu

Matul l-ewwel sitt xhur ta' din is-sena, l-għadd ta' turisti kważi laħaq il-1.3 miljun. Dan jindika rkupru qawwi fis-settur tat-turiżmu mill-effetti tal-pandemija tal-COVID-19. Meta mqabbla mal-2022, in-nefqa totali mit-turisti żdiedet b'0.34 miljun ewro, bl-infiq nominali ras għal ras jiżdied b'3.5 fil-mija. Fl-istess ħin, it-tul medju ta' żmien turistiku naqas marġinalment b'0.4 iljieli, fejn laħaq medja ta' 6.3 iljieli.

## 1.2.1 Is-settur tal-Logħob tal-Azzard

Is-settur tal-Arti, id-Divertiment u r-Rikreazzjoni esperjenza rata ta' tkabbir pożittiva ta' 2.7 fil-mija fil-VMG matul l-ewwel nofs tal-2023. It-tkabbir f'dan is-settur huwa influwenzat primarjament mill-avvanzi fl-industrija tal-attivitajiet tal-logħob (gaming) tal-azzard li għandha preżenza sproporzjonatament sinifikanti f'dan is-settur. Ta' min jinnota li din ir-rata ta' tkabbir hija kemxejn aktar baxxa minn dak li nistennew tipikament, u dan jirrifletti stabbilizzazzjoni fl-attivitajiet tal-logħob tal-azzard. Fl-istess perjodu, l-impjiegi f'dan is-settur żdiedu b'3.7 fil-mija.

### 1.2.2 Is-settur tal-Manifattura

Is-settur tal-manifattura wera sinjali notevoli ta' reżiljenza fl-ewwel sitt xhur ta' dis-sena, li juri rata ta' tkabbir ta' 16.9 fil-mija. L-espansjoni kienet mifruxa kważi fis-sottosetturi kollha fi ħdan l-industrija tal-manifattura. L-akbar rati ta' tkabbir ġew irreġistrati fil-Manifattura ta' Prodotti Farmaċewtiċi Bażiċi u Preparazzjonijiet Farmaċewtiċi; Prodotti tal-Elettronika; L-istampar u r-Riproduzzjoni tal-Midja Reġistrata; Makkinarju u Tagħmir; u Vetturi bil-Mutur, Trailers u Semi-Trailers. Fl-istess perjodu ta' żmien, is-settur tal-manifattura esperjenza wkoll żieda ta' 3.4 fil-mija fil-livelli tal-impjiegi.

### 1.2.3 Żviluppi Monetarji

Id-dejn privat bħala perċentwali tal-PDG qed jonqos gradwalment għal-livell tiegħu ta' qabel il-pandemija, prinċipalment minħabba l-irkupru ekonomiku rapidu u t-tkabbir kontinwu.

Hekk kif l-ekonomija rkuprat, id-dejn tal-konsumatur bħala perċentwali tal-PDG beda jikkonverġi lura għal-livelli li dehru fil-perjodu ta' qabel il-pandemija, fejn kien stabbilizza għal madwar 55.0 fil-mija tal-PDG. Madankollu, filwaqt li l-ekonomija rkuprat bis-sħiħ mir-riċessjoni, il-proporzjon tad-dejn tal-konsumatur għadu ogħla mil-livell ta' qabel il-pandemija, li jindika li l-livell tad-dejn żdied bi ftit minħabba s-self ghax-xiri tad-djar.

Il-kreditu għall-konsumatur u self ieħor aċċelleraw matul l-ewwel xhur tal-2023, filwaqt li s-self għax-xiri tad-djar naqas miż-żidiet kbar matul il-pandemija, għalkemm xorta waħda rreġistra tkabbir qawwi ta' 8.5 fil-mija matul l-ewwel nofs tas-sena. Il-kreditu tal-konsumatur kien appoġġjat ukoll mit-trasferiment limitat tar-rata tal-imgħax meta mqabbel ma' pajjiżi oħrajn fil-EA.

Dinamika simili tista' tiġi osservata meta d-dejn tal-konsumatur jitqabbel mal-kumpens tal-impjegati. F'dan il-każ, il-pagi matul il-pandemija kienu appoġġjati minn miżuri tal-Gvern, inkluża l-iskema ta' suppliment tal-pagi. Dan fisser li l-livell tad-dejn tal-konsumatur żamm sehem stabbli tal-introjtu matul ir-riċessjoni, b'żieda żgħira biss u żamm xejra stabbli minn dak iż-żmien 'il hawn.

Id-dejn privat tan-Non-Financial Corporations (NFCs) bħala perċentwali tal-PDG naqas b'mod sinifikanti matul l-aħħar sentejn, u laħaq proporzjon aktar baxx minn dak li ġie osservat qabel il-pandemija. Il-kreditu lill-korporazzjonijiet residenti għadu xprunat mis-settur tal-attivitajiet tal-proprjetà immobbli, segwit mis-settur tal-Kostruzzjoni u t-Trasport, il-Ħżin, l-Informazzjoni & Komunikazzjoni.

F'dawn l-aħħar għaxar snin, id-depożiti kibru kontinwament, xprunati minn żviluppi ekonomiċi pożittivi li ġġeneraw likwidità fl-ekonomija. Id-depożiti totali staġnaw f'dawn l-aħħar xhur, li jammontaw għal €4,452.9 miljun f'Ġunju 2023, li jindika tnaqqis żgħir fid-depożiti residenzjali ta' 1.2 fil-mija meta mqabbla mal-istess xahar fis-sena preċedenti. Madankollu, dan jirrifletti aktar it-tnaqqis fid-depożiti ta' NFCs u FCs, hekk kif id-depożiti residenzjali komplew jikbru, li jindika li l-pożizzjoni finanzjarja tal-konsumatur għadha pożittiva.

## 1.2 L-inflazzjoni

### 1.2.1 Żviluppi Esterni

Il-moderazzjoni tal-inflazzjoni hija notevoli fl-UE, bl-inflazzjoni ewlenija tal-HICP irreġistrata għal 6.4 fil-mija f'Ġunju 2023, b'kuntrast mad-9.6 fil-mija fl-istess xahar tal-2022. Madankollu, l-inflazzjoni bażika, li teskludi l-komponenti volatili tal-ikel u tal-enerġija, qed turi sinjali ta' aktar persistenza, kif muri fil-Figura 5 hawn taħt. It-traettorja osservata għall-UE tirrifletti mill-qrib dik fil-EA kif muri fil-Figure 5

Id-deċellerazzjoni fl-inflazzjoni tirrifletti riżoluzzjonijiet kontinwi tal-katina tal-provvista, kif enfasizzat min-'New York Federal Reserve's Global Supply Chain Pressure Index.' It-twaqqif taċ-Ċina tan-'no COVID policy' fi tmiem l-2022 ikkontribwixxa wkoll għas-soluzzjoni ġenerali fil-kwistjonijiet min-naħa tal-provvista. Barra minn hekk, l-ispejjeż tat-trasport reġgħu lura għal-livelli ta' qabel il-pandemija. Fl-aħħar nett, fl-UE, il-fatturi li jillimitaw il-produzzjoni minħabba nuqqas ta' materjal u tagħmir naqsu mill-ogħla livell osservat fl-ewwel nofs tal-2022. Dan ifisser li l-pressjonijiet inflazzjonarji ġenerali min-naħa tal-provvista naqsu b'mod sinifikanti fl-2023.

L-invażjoni Russa fl-Ukrajna aggravat din is-sitwazzjoni, b'mod partikolari fil-prodotti bażiċi tal-enerġija u tal-ikel. Dan it-tfixkil inħass b'mod sproporzjonat mill-pajjiżi Ewropej, speċjalment fl-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant. Iż-żieda qawwija fil-prezzijiet tal-gass u tal-elettriku fl-2022 tista' tkun attribwibbli wkoll għal azzjoni deċiżiva tal-UE fil-mili tar-riżervi tal-ħżin tal-gass bi tħejjija għall-istaġun tax-xitwa ta' din is-sena. Hekk kif ir-riżervi tal-gass imtlew b'suċċess għall-istaġun tax-xitwa, id-domanda għall-gass stabbilizzat, li wassal għal tnaqqis fil-prezz tiegħu.

Barra minn hekk, l-inizjattivi għad-diversifikazzjoni tal-provvista tal-enerġija Ewropea lil hinn mill-gass Russu, kienu partikolarment strumentali għat-tnaqqis fil-prezzijiet tal-enerġija. Staġun xitwi moderat u miri volontarji għat-tnaqqis tad-domanda mill-pajjiżi Ewropej għenu aktar fl-istabbilizzazzjoni tal-prezzijiet tal-gass u tal-enerġija.

It-tieni nofs tal-2022 ra tnaqqis ġenerali fil-prezzijiet tal-komoditajiet tal-ikel wara sensiela ta' avvenimenti bla preċedent li kkawżaw żieda fil-prezzijiet. L-iżviluppi fil-gwerra fl-Ukrajna għad għandhom riperkussjonijiet fuq il-prezzijiet globali tal-komoditajiet. Madankollu, din iż-żieda kienet parzjalment kontrobilanċjata minn tnaqqis fl-indiċi tal-prezzijiet taz-zokkor, u tnaqqis żgħir fl-indiċijiet tal-prezzijiet għaċ-ċereali, il-prodotti tal-ħalib u l-laħam.

Fig. 5 L-Inflazzjoni Prinċipali u l-Inflazzjoni Ewlenin kemm tal-UE kif ukoll taż-ŻE

*Sors: Eurostat*




## 1.2.2 Inflazzjoni Domestika

Abbażi tar-Retail Price Index (RPI), Malta kompliet turi tkabbir sostanzjali fil-prezzijiet fl-ewwel kwart tas-sena, bi prezzijiet jogħlew b'rata medja ta' 7.0 fil-mija meta mqabbla mal-istess perjodu s-sena l-oħra. Madankollu, l-inflazzjoni naqset kemxejn matul it-tieni kwart ta' din is-sena, b'medja ta' 5.6 fil-mija. It-tkabbir fil-prezzijiet kien sostanzjali speċjalment fl-Ikel u fl-Akkomodazzjoni. It-tnaqqis gradwali fir-rati tal-inflazzjoni matul it-tieni kwart tas-sena jista' jiġi attribwit għat-tnaqqis tal-pressjonijiet fl-Akkomodazzjoni u, sa ċertu punt, fir-Rikreazzjoni u l-Kultura. Barra minn hekk, il-ħwejjeġ u ż-żraben daħlu f'fażi deflazzjonarja fit-tieni kwart.

Fir-rigward tal-HICP, Malta rreġistrat it-tieni l-aktar rata baxxa ta' inflazzjoni fl-UE matul l-2022 (6.1 fil-mija). Dan kien frott il-miżuri tal-Gvern immirati biex jipproteġu l-ekonomija mill-prezzijiet tal-enerġija u li jappoġġjaw is-sigurtà tal-provvisti importati ta' qamħ u għalf tal-annimali. Dawn il-miżuri ammontaw għal 514-il miljun ewro kumulattivi, li jkopru l-perjodu mill-bidu tal-kunflitt fl-Ukrajna fl-2022 sa Ġunju 2023.

Il-moderazzjoni fil-prezzijiet tal-enerġija u tal-komoditajiet f'livelli aktar baxxi sa tmiem l-2022 bdiet tikkontribwixxi għal prezzijiet tal-enerġija għall-konsumatur aktar baxxi fl-2023 fl-Ewropa. Dan fisser li r-rati tal-inflazzjoni tal-Istati Membri tal-UE fejn il-prezzijiet domestiċi tal-enerġija kienu żdiedu b'mod sinifikanti, osservaw tnaqqis aktar qawwi fir-rata ġenerali tal-inflazzjoni fl-ewwel nofs tal-2023, meta mqabbla ma' pajjiżi oħrajn li żammew prezzijiet tal-enerġija stabbli. B'hekk, fl-2023, id-differenza fir-rati tal-inflazzjoni bejn Malta u l-UE bdiet tonqos.

Ir-rata tal-inflazzjoni f'Malta kienet ta' 6.2 fil-mija f'Ġunju 2023, kemxejn taħt il-medja tal-UE ta' 6.4 fil-mija (Figura 5). Filwaqt li dan jikkostitwixxi żieda fir-rati tal-inflazzjoni meta mqabbla mal-istess perjodu fis-sena preċedenti, huwa mistenni li l-pass taż-żidiet fil-prezzijiet se jkompli jonqos minħabba l-materjalizzazzjoni ta' effetti bażi għoljin fix-xhur li ġejjin, flimkien mat-trażmissjoni ta' prezzijiet aktar baxxi tal-komoditajiet fil-prezzijiet tal-importazzjoni u tnaqqis fid-domanda globali xprunata mill-issikkar tal-politika monetarja.

Fig. 6: Rata ta' Inflazzjoni tal-'HICP' – Ġunju 2023







Il-figura 6 tqabbel ir-rata tal-inflazzjoni ta' diversi kategoriji ta' konsum fl-UE u fil-EA mal-kategoriji komparabbli f'Malta. Huwa evidenti li fil-biċċa l-kbira tal-kategoriji, ir-ritmu taż-żidiet fil-prezzijiet huwa aktar baxx f'Malta, bi ftit eċċezzjonijiet.

## Forzi tad-Dħul

Matul l-2022, il-pagi nominali f'Malta żdiedu bi 3.3 fil-mija. Madankollu, iż-żieda fil-prezzijiet fil-biċċa l-kbira qabżet it-tkabbir fil-pagi, li wassal għal tnaqqis fil-pagi reali.

It-tkabbir fil-pagi jidher li mmodera fl-ewwel nofs tal-2023, b'żieda ta' 3.6 fil-mija. L-aċċellerazzjoni fil-pagi f'Malta ġiet wara żidiet fil-prezzijiet u issa bdiet timmodera hekk kif l-inflazzjoni naqset mill-quċċata tagħha.

In-nuqqas ta' ħaddiema fis-suq tax-xogħol għadu prevalenti fl-ekonomija Maltija, u dan huwa ta' appoġġ fiż-żidiet fil-pagi sabiex jattiraw lill-ħaddiema. Fil-kuntest ta' nuqqasijiet bħal dawn, il-pagi nominali huma mistennija li jkomplu jiżdiedu.

Madankollu, l-aspettattivi dwar l-inflazzjoni għadhom ankrati sew filwaqt li ż-żidiet fil-pagi huma xprunati iktar minn nuqqasijiet fil-provvista ta' ħaddiema. Peress li l-pressjonijiet inflazzjonarji diġà naqsu, wieħed jistenna li l-aspettattivi jibqgħu mrażżna. Barra minn hekk, l-awtoritajiet monetarji ssikkaw il-kundizzjonijiet finanzjarji biex jiżguraw li l-aspettattivi dwar l-inflazzjoni jkomplu jkunu ankrati mal-għan tal-istabbiltà tal-prezzijiet. Fl-istess ħin, iż-żidiet osservati fil-marġnijiet tal-profitt jistgħu jtaffu l-impatti taż-żieda fil-pagi fil-futur qarib.

MIŻURI

| | |
|---|---|
| **OPM** | Uffiċċju tal-Prim Ministru |
| **MFH** | Ministeru għas-Saħħa |
| **MHAL** | Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali |
| **MFET** | Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ |
| **MSPC** | Ministeru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal |
| **MAFA** | Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali |
| **MSAA** | Ministeru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli |
| **MEFL** | Ministeru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u Artijiet |
| **MIVC** | Ministeru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur |
| **MTIP** | Ministeru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali |
| **MGOZ** | Ministeru għal Għawdex |
| **MHSR** | Ministeru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza |
| **MFT** | Ministeru għat-Turiżmu |
| **MEEE** | Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża |
| **MFE** | Ministeru għall-Finanzi u x-Xogħol |
| **MEYR** | Ministeru għall-Edukazzjoni, Sport, Żgħażagħ, Riċerka u Innovazzjoni |
| **MPWP** | Ministeru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar |
| **MFJ** | Ministeru għall-Ġustizzja |
| **MFAA** | Ministeru għall-Anzjanità Attiva |

UFFIĊĊJU
**TAL-PRIM MINISTRU**

## Baġit 2023

| Nru | Miżura | Impatt | Stat |
|---|---|---|---|
| **1 (2023)** | Iż-żieda għall-għoli tal-ħajja ser tkun ta' €9.90 fil-ġimgħa | Il-ħaddiema kollha, full-time u part-time | **Implimentata** |
| **55 (2023)** | Il-Gvern ser ikun qed jara li l-ħaddiema tas-settur privat li jaħdmu bħala parti minn kuntratt tal-Gvern jieħdu ż-żieda sħiħa tal-għoli tal-ħajja hekk kif il-Gvern ser ikun qed joħroġ id-differenza mar-rati stabbiliti | Il-ħaddiema kollha, full-time u part-time | **Implimentata** |
| **56 (2023)** | Ser jibda wkoll studju dwar reviżjoni u armonizzazzjoni tal-Wage Regulation Orders | Il-ħaddiema li jaħdmu ma' kuntratturi li jipprovdu xogħol lis-settur pubbliku | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| **95 (2023)** | Il-Kabinett approva biex jinħarġu sejħiet ta' espressjoni ta' interess bil-għan li Evans Building jingħata l-ħajja mill-ġdid. Irridu naraw proġetti ta' livell li jirrispettaw il-valur tal-post, li jkunu sostenibbli u li joħolqu opportunitajiet ġodda. Ma' dawn qed nesploraw siti oħra. L-ewwel fażi. | Il-ħaddiema kollha li huma koperti minn dawn il-WROs | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| **96 (2023)** | Il-Kabinett approva biex jinħarġu sejħiet ta' espressjoni ta' interess bil-għan li l-eks Pixkerija fil-Belt Valletta, tingħata l-ħajja mill-ġdid. Irridu naraw proġetti ta' livell li jirrispettaw il-valur tal-post, li jkunu sostenibbli u li joħolqu opportunitajiet ġodda. Ma' dawn qed nesploraw siti oħra. L-ewwel fażi. | Il-pubbliku inġenerali | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| **97 (2023)** | Il-Kabinett approva biex jinħarġu sejħiet ta' espressjoni ta' interess bil-għan li x-Chalet f'Tas-Sliema jingħata l-ħajja mill-ġdid. Irridu naraw proġetti ta' livell li jirrispettaw il-valur tal-post, li jkunu sostenibbli u li joħolqu opportunitajiet ġodda. Ma' dawn qed nesploraw siti oħra. | Il-pubbliku inġenerali | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |



## Minn Baġit 2021

| Nru | Miżura | Stat |
|---|---|---|
| **233 (2021)** | Wara li nħoloq proċess rigoruż approvat mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika (NAO), se jiġu evalwati diversi siti u proprjetajiet pubbliċi li bi sħab mas-settur privat, dawn is-siti abbandunati u żdingati jkunu jistgħu jiġu rijabilitati biex ikomplu jikkontribwixxu b'mod attiv fl-iżvilupp ekonomiku tal-pajjiż. | **Implimentata f'Jannar 2023** |



## Baġit 2023

| Nru | Miżura | Impatt | Stat |
|---|---|---|---|
| 54 (2023) | L-għoli tal-ħajja impatta l-fehmiet kollettivi u r-relattività ta' bejn il-gradi fis-settur pubbliku u għalhekk il-Gvern ser ikun qed jilqa' proposta mit-trade unions fuq kif nistgħu ntaffu d-daqqa tal-għoli tal-ħajja għal fehmiet li kienu jinkludu l-COLA u kif r-relattività ma titħarbatx. | Il-ħaddiema kollha tas-Servizz Pubbliku | **Implimentata** |



MINISTERU

**GĦAS-SAĦĦA**

## Baġit 2023

| Nru | Miżura | Impatt | Stat |
|---|---|---|---|
| 19<br>(2023) | Dawk li jbatu mill-kundizzjoni tas-coeliac, ser inkunu qed inżidu l-għotja lil dawn il-persuni b'valur ta' €20 fix-xahar. | 1,830 persuna li jbatu mill-kundizzjoni tas-coeliac | **Implimentata** |
| 116<br>(2023) | Ser ninvestu wkoll fid-diġitalizzazzjoni tas-settur tas-saħħa inkluż e-health. | Pazjenti kollha u uffiċjali inklużi t-tobba, professjonisti u konsulenti li jaħdmu fil-qasam tas-saħħa | **Implimentata** |
| 121<br>(2023) | Is-sena d-dieħla, ser inkomplu nintroduċu mediċini bla ħlas fil- Formolarju tal-Gvern:<br><br>Titqiba tal-Human Papillomavirus (HPV) li ser tingħata lis-subien kollha li twieldu fis-sena 2000 u wara. | In-numru totali massimu ta' subien li jibbenefikaw minn din il-BM huwa ta' 22,000 tifel għall-fażi inizjali. Wara din il-fażi, skont l-adozzjoni, kull sena se jibbenefikaw 2000 tifel. | **Implimentata** |
| 122<br>(2023) | Is-sena d-dieħla, ser inkomplu nintroduċu mediċini bla ħlas fil-Formolarju tal-Gvern:<br><br>Mediċini għal dawk li jbatu mill-isklerożi multipla. | 'Il fuq minn 250 persuna li tbati bl-isklerożi multipla | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| 123<br>(2023) | Is-sena d-dieħla, ser inkomplu nintroduċu mediċini bla ħlas fil- Formolarju tal-Gvern:<br><br>Faxxa usa' ta' persuni ser jibbenefikaw minn mediċini li jittrattaw il-kundizzjonijiet tad-dijabete. | Persuni li jbatu mid-dijabete | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| 124<br>(2023) | Is-sena d-dieħla, ser inkomplu nintroduċu mediċini bla ħlas fil- Formolarju tal-Gvern:<br><br>Ser jiġu aġġornati wkoll il-formoli ta' nutrizzjoni speċjalizzata, li jittieħdu permezz ta' tubu. | Mijiet ta' pazjenti | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |



| Nru | Miżura | Impatt | Stat |
|---|---|---|---|
| 125<br><br>(2023) | Is-sena d-dieħla, ser inkomplu nintroduċu mediċini bla ħlas fil- Formolarju tal-Gvern:<br><br>Persuni għaddejjin minn interventi li jinvolvu d-donazzjoni ta' gameti minn terzi se jibdew jibbenefikaw mill-mediċini stimulanti li huma kumplimentari mas-servizzi offruti mill-Assisted Reproductive Technology Clinic (ART). Il-Formularju tal-Gvern ser jiġi aġġornat ukoll biex jinkludi numru minn dawn il-mediċini bla ħlas. | Koppji li jagħmlu l-intervent tal-IVF<br><br>360 intervent fis-sena | Implimentata |
| 126<br>(2023) | Is-sena d-dieħla ser inkomplu nintroduċu mediċini bla ħlas fil-Formolarju tal-Gvern:<br><br>Fond ieħor sabiex każijiet urġenti ta' pazjenti b'suspett jew dijanjożi ta' kanċer jingħataw it-trattament meħtieġ sal-perjodu ta' 12-il ġimgħa stabbilit mill-istess Charter. | | Implimentata |
| 127<br><br>(2023) | Is-sena d-dieħla ser inkomplu nintroduċu mediċini bla ħlas fil- Formolarju tal-Gvern:<br><br>Chemotherapy Pumps li l-pazjent jista' juża mill-kumdità ta' daru, jekk u kif preskritt mill-konsulent kuranti. | Il-poplu inġenerali | Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni |
| 128<br><br>(2023) | Introduzzjoni ta' Kliniċi tal-Onkoloġija fil-livell ta' kura primarja | Jiddependi fuq in-numru ta' pazjenti li jiġu rreferuti mis-SAMOC | Implimentata |
| 129<br><br>(2023) | Introduzzjoni ta' Ċentru tad-Dijabete fiċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Ħal Qormi | Pazjenti li jbatu mill-kundizzjoni tad-dijabete mhux kontrollata | Implimentata |
| 130<br><br>(2023) | Introduzzjoni ta' Genitourinary (GU) Clinics fil-komunità. | Il-klijenti li jaħsbu li jista' jkollhom infezzjoni relatata mal-GU | Implimentata |
| 131<br><br>(2023) | Is-servizzi pprovduti mill-ART Clinic li kienu ta' sostenn għal dawk li xtaqu l-ewwel tarbija, iżda kellhom problemi ta' infertilità, ser jiġu estiżi għal dawk li jixtiequ t-tieni wild. | 200 koppja li diġà kellhom l-ewwel wild bl-IVF u jixtiequ jkollhom it-tieni wild, u koppji li kellhom l-ewwel wild b'mod naturali u issa għandhom bżonn MAR biex ikollhom it-tieni wild | Implimentata |
| 132<br><br>(2023) | Ser jiġi offrut ukoll il-Pre-Implantation Genetic Testing (PGTM), skont ma jipprovdi l-protokoll tal-Awtorità għall-Protezzjoni tal-Embrijuni. | Persuni li għandhom il-kundizzjonijiet kif speċifikati fil-Protokoll tal-Awtorità għall-Protezzjoni tal-Embrijun | Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni |

| Nru | Miżura | Impatt | Stat |
|---|---|---|---|
| 133 (2023) | Ser nestendu wkoll is-servizz ta' Infermier Navigatur fl-Isptar Sir Anthony Mamo Oncology Centre (SAMOC) sabiex, mid-data tad-dijanjożi sa ma jintemm il-proċess kollu, pazjenti morda bil-kanċer tas-sider, u familjari tagħhom, jiġu assistiti kif meħtieġ. | Madwar 35 pazjent fix-xahar li qiegħed jirċievi kura għall-kanċer tas-sider | **Implimentata** |
| 134 (2023) | Pazjenti residenti f'Għawdex, li jkunu temmew it-trattament għall-kanċer, ser igawdu mis-servizz ta' Holistic Needs Assessment (HNA) Clinic, offrut fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex. | Madwar 200 pazjent fis-sena | **Implimentata** |
| 135 (2023) | B'konsolidazzjoni mal-introduzzjoni tal-GU Clinics fil-komunità, l-Isptar Mater Dei biħsiebu jespandi s-servizzi eżistenti billi jipprovdi l-Point of Care (POC) testing li huwa intiż biex każijiet serji ta' mard trażmess sesswalment jiġu trattati malajr kemm jista' jkun. | | **Implimentata** |
| 136 (2023) | Ser niċċentralizzaw is-servizzi li bħalissa jingħataw ġewwa s-CDAU u s-CYPS f'ċentru state of the art ewlieni sabiex is-servizz li jingħata jkun ikkonsolidat u integrat skont il-ħtiġijiet tat-tfal. | Tfal li għandhom bżonn dan is-servizz | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| 137 (2023) | Inkomplu nsegwu l-investimenti fit-tul li għamilna fuq proġetti infrastrutturali:<br><br>Il-proġett tal-bini ta' Bank tad-Demm ġdid. | Kull min ikollu bżonn jagħmel użu mis-servizzi offruti mill-bank tad-demm u/jew miċ-ċentru speċjalizzat għall-ipproċessar u l-ħażna tat-tessuti u ċelloli staminali | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| 138 (2023) | Inkomplu nsegwu l-investimenti fit-tul li għamilna fuq proġetti infrastrutturali:<br><br>Il-proġett tal-bini l-ġdid tal-Outpatients u l-Parkeġġ taħt l-art ġewwa l-Isptar Mater Dei. | Il-pubbliku inġenerali | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |



| Nru | Miżura | Impatt | Stat |
|---|---|---|---|
| 139<br>(2023) | Inkomplu nsegwu l-investimenti fit-tul li għamilna fuq proġetti infrastrutturali :<br><br>Iċ-Ċentru Reġjonali Ċensu Moran f'Raħal Ġdid. | Madwar 120,000 persuna | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| 140<br>(2023) | Inkomplu nsegwu l-investimenti fit-tul li għamilna fuq proġetti infrastrutturali:<br><br>Iċ-Ċentru l-ġdid ġewwa r-Rabat, Għawdex. | Madwar 40,000 persuna li tagħmel użu miċ-ċentru tas-saħħa fir-Rabat, Għawdex. | **Implimentata** |
| 141.1<br>(2023) | Inkomplu nsegwu l-investimenti fit-tul li għamilna fuq proġetti infrastrutturali:<br><br>L-immodernizzar tas-swali tal-Isptar Monte Karmeli<br><br>(a) Female Ward 8 (FW8) | Persuni b'diffikultà ta' saħħa mentali | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| 141.2<br>(2023) | Inkomplu nsegwu l-investimenti fit-tul li għamilna fuq proġetti infrastrutturali:<br><br>L-immodernizzar tas-swali tal-Isptar Monte Karmeli<br><br>(b) Female Ward 7 (FW7) | Persuni b'diffikultà ta' saħħa mentali | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| 141.3<br>(2023) | Inkomplu nsegwu l-investimenti fit-tul li għamilna fuq proġetti infrastrutturali:<br><br>L-immodernizzar tas-swali tal-Isptar Monte Karmeli<br><br>(c) Block 1 (BLK 1) | Persuni b'diffikultà ta' saħħa mentali | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| 142.1<br>(2023) | Ix-xogħol f'diversi Ċentri tas-Saħħa ser jibqgħu prijorità.<br><br>Birkirkara | Madwar 40,000 persuna | **Implimentata** |
| 142.2<br>(2023) | Ix-xogħol f'diversi Ċentri tas-Saħħa ser jibqgħu prijorità.<br><br>Ir-Rabat | Madwar 40,000 persuna | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| 142.3<br>(2023) | Ix-xogħol f'diversi Ċentri tas-Saħħa ser jibqgħu prijorità.<br><br>Ħal Qormi | Madwar 40,000 persuna | **Implimentata** |

| Nru | Miżura | Impatt | Stat |
|---|---|---|---|
| 142.4 (2023) | Ix-xogħol f'diversi Ċentri tas-Saħħa ser jibqgħu prijorità.<br><br>Bormla | Madwar 40,000 persuna | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| 142.5 (2023) | Ix-xogħol f'diversi Ċentri tas-Saħħa ser jibqgħu prijorità.<br><br>Il-Mosta | Madwar 40,000 persuna | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| 142.6 (2023) | Ix-xogħol f'diversi Ċentri tas-Saħħa ser jibqgħu prijorità.<br><br>Il-Furjana | Madwar 40,000 persuna | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| 142.7 (2023) | Ix-xogħol f'diversi Ċentri tas-Saħħa ser jibqgħu prijorità.<br><br>Birżebbuġa | Madwar 13,000 persuna | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| 142.8 (2023) | Ix-xogħol f'diversi Ċentri tas-Saħħa ser jibqgħu prijorità.<br><br>Il-Qala | Madwar 13,000 persuna | **Implimentata** |
| 142.9 (2023) | Ix-xogħol f'diversi Ċentri tas-Saħħa ser jibqgħu prijorità.<br><br>Is-Siġġiewi | Madwar 40,000 persuna | **Implimentata** |
| 142.10 (2023) | Ix-xogħol f'diversi Ċentri tas-Saħħa ser jibqgħu prijorità.<br><br>Ħad-Dingli | Madwar 40,000 persuna | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| 142.11 (2023) | Ix-xogħol f'diversi Ċentri tas-Saħħa ser jibqgħu prijorità.<br><br>Burmarrad/San Pawl il-Baħar | Madwar 29,000 persuna | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| 142.12 (2023) | Ix-xogħol f'diversi Ċentri tas-Saħħa ser jibqgħu prijorità.<br><br>Pembroke | Madwar 3,800 persuna | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| 143 (2023) | Inkomplu nsegwu l-investimenti fit-tul li għamilna fuq proġetti infrastrutturali:<br><br>L-investiment fl-infrastruttura tad-Dipartiment tal-Inċidenti u l-Emerġenza | Il-pubbliku inġenerali | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |

| Nru | Miżura | Impatt | Stat |
|---|---|---|---|
| 144 (2023) | Inkomplu nsegwu l-investimenti fit-tul li għamilna fuq proġetti infrastrutturali:<br><br>Id-Dipartiment tal-Medical Imaging. | Il-poplu inġenerali | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| 145 (2023) | Inkomplu nsegwu l-investimenti fit-tul li għamilna fuq proġetti infrastrutturali:<br><br>It-tielet Cardiac Catherisation Suite. | Il-pubbliku inġenerali | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| 146 (2023) | L-għajxien assistit fil-komunità ser jiġi sostnut permezz ta' sheltered accommodation, kif ukoll għal min ibati minn imġiba vizzjuża. | Madwar 15/20 klijent għandhom jibbenifikaw mix-xelter u l-appartamenti - dawn il-persuni bħalissa huma bla saqaf fuq rashom jew iqattgħu żminijiet twal fl-isptar | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| 147 (2023) | Ser nintroduċu wkoll Ċentru Terapewtiku għal min għandu dijanjożi doppja ta' nuqqas ta' saħħa mentali u mġiba vizzjuża. | Madwar 200 pazjent fis-sena | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| 148 (2023) | Ser invaraw ukoll Akkademja għall-Irkupru u l-Benesseri sabiex utenti tas-servizz, carers u professjonisti jiksbu l-edukazzjoni meħtieġa dwar kif għandha titnaqqas l-istigma, jikber l-għarfien f'dan il-qasam u jittieħdu l-aħjar inizjattivi preventivi. | Is-soċjetà Maltija kollha. Trasformazzjoni ta l-entità MHS - iktar enfasi viżibbli fuq prevenzjoni tal-mard tas-saħħa mentali | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| 149 (2023) | Fis-snin li ġejjin ser nibnu l-Isptar il-ġdid tal-Kura Psikjatrika Akuta ħdejn Mater Dei sabiex noffru servizz speċjalizzat li jikkumplimenta dak li llum qed jiġi pprovdut ġewwa l-Isptar Monte Karmeli. Dan ser inkunu qed nagħmluh b'fondi Ewropej. | Persuni bi problemi ta' saħħa mentali li jkollhom bżonn kura akuta | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |



| Nru | Miżura | Impatt | Stat |
|---|---|---|---|
| 150 (2023) | Is-Servizzi tas-Saħħa Mentali (MHS) ser ikunu qed jippromwovu politika ta' promozzjoni, prevenzjoni u sapport, fuq il-livell makro sabiex tiżdied l-edukazzjoni dwar is-saħħa mentali fuq il-post tax-xogħol. | Ħaddiema li jaħdmu fl-entità ta' servizzi tas-Saħħa Mentali | Implimentata |
| 266 (2023) | Ser ninvestu wkoll fid-diġitalizzazzjoni tas-settur tas-saħħa inkluż id-diġitalizzazzjoni tad-Dipartiment tal-Patoloġija. | Department of Histopathology, IT Department Mater Dei, MITA, pazjenti Maltin | Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni |
| 267 (2023) | Is-sena d-dieħla ser inkomplu nintroduċu mediċini bla ħlas fil- Formolarju tal-Gvern:<br><br>Faxxa usa' ta' persuni ser jibbenefikaw minn mediċini li jittrattaw il-kundizzjonijiet tal-osteoporożi | 11,000 persuna li tbati bl-osteoporożi | Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni |
| 268 (2023) | Introduzzjoni ta' GP Appointment Clinics fiċ-Ċentri tas-Saħħa. | Il-popolazzjoni Maltija inġenerali | Implimentata |
| 269 (2023) | Permezz tal-proġett tar-Remote Patient Monitoring, pazjenti b'livell għoli ta' zokkor fid-demm ser ikomplu jiġu mmonitorjati. | Żgħażagħ ta' età sa 23 sena | Implimentata |



## Minn Baġit 2022

| Nru | Miżura | Stat |
|---|---|---|
| 14 (2022) | Żieda fil-mediċini u trattamenti b'xejn billi jiġi estiż il-formolarju sabiex jinkludi: Mediċini psikjatriċi li ser jindirizzaw il-bżonnijiet ta' madwar 5,000 pazjent u jnaqqsu t-tul ta' żmien li persuna jkollha tqatta' l-isptar fuq kura psikjatrika. | Implimentata f'Lulju 2023 |
| 253 (2022) | F'Mater Dei ser jinkrew faċilitajiet addizzjonali sabiex id-domanda dejjem tikber għal servizzi ta' kura akuta u elettiva jiġu indirizzati bl-iktar mod effiċjenti u effettiv. | Implimentata f'Jannar 2023 |

## Minn Baġit 2021

| Nru | Miżura | Stat |
| --- | --- | --- |
| 260 (2021) | Se nkunu qed nintroduċu mediċini psikjatriċi ġodda fuq il-Formolarju tal-Gvern li se tikkumplimenta l-firxa ta' servizzi ta' kura mentali fil-komunità. | Implimentata f'Lulju 2023 |
| 364 (2021) | Qed jiġu allokati riżorsi finanzjarji, fosthom għall-fini ta' kiri ta' faċilitajiet addizzjonali, biex fid-dawl tar-ristrutturar li kellu jsir fl-isptar Mater Dei kawża tas-sitwazzjoni preċipitata mill-COVID-19, il-kura akuta u dik elettiva skedata tibqa' tingħata xorta waħda u mingħajr xkiel għalkemm minn faċilitajiet ġodda. | Implimentata f'Jannar 2023 |

## Minn Baġit 2020

| Nru | Miżura | Stat |
| --- | --- | --- |
| 370 (2020) | Isir studju li jeżamina b'mod partikolari r-rata ta' obeżità f'Malta fejn jidħlu tfal ta' 4-5 snin. Ir-riżultati ta' dan l-istudju għandhom jelenkaw ix-xejriet u b'hekk jinħarġu rakkomandazzjonijet dwar kif nistgħu nsostnu s-saħħa aktar sana għat-tfal. | Implimentata f'Jannar 2023 |

## Minn Baġit 2017

| Nru | Miżura | Stat |
| --- | --- | --- |
| 328 (2017) | Fl-2017 se nibdew inwasslu wkoll lill-pazjenti fid-djar tagħhom trattament li jkun goff jew tqil wisq biex jinġarr. B'hekk ser ikollna mmaniġġjar ta' stokk aħjar; twassil tal-istokk f'waqtu u tnaqqis fil-ħela tat-trattamenti, tal-flus u tal-ispazju fl-imħażen kif ukoll ser nindirizzaw il-ħtieġa tal-klijent.<br><br>(a) Proġett Pilota ta' CAPD<br>(b) Proġett tal-Ossiġnu<br>(ċ) Skema ta' Nutrizzjoni<br>(d) Proġett ta' Special Nutrition<br>(e) Trattament Komplut Flimkien ma' Outreach | Implimentata f'Jannar 2023 |

MINISTERU **GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI**

## Baġit 2023

| Nru | Miżura | Impatt | Stat |
|---|---|---|---|
| 227 (2023) | Tiġi konkluża l-Istrateġija ġdida għall-Gvern Lokali. | 68 Kunsill Lokali + 6 Kunsilli Reġjonali | **Implimentata** |
| 246 (2023) | Ser ikompli jsir investiment fir-restawr tas-swar.<br><br>Linji tal-Kottonera - Il-Bastjun ta' Notre Dame (it-tieni fażi) | Il-pubbliku inġenerali | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjon** |
| 247.1 (2023) | Ser ikompli jsir investiment fir-restawr tas-swar.<br><br>Linji tal-Kottonera - Is-Sur ta' San Ġwann u l-Bieb Barokk | Il-pubbliku inġenerali | **Implimentata** |
| 247.2 (2023) | Ser ikompli jsir investiment fir-restawr tas-swar.<br><br>Linji tal-Kottonera - Is-Sur ta' Notre Dame (l-ewwel fażi) | Il-pubbliku inġenerali | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| 247.3 (2023) | Ser ikompli jsir investiment fir-restawr tas-swar.<br><br>Linji tal-Kottonera - Il-Bastjun ta' Notre Dame (it-tieni fażi) | Il-pubbliku inġenerali | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| 247.4 (2023) | Ser ikompli jsir investiment fir-restawr tas-swar.<br><br>Linji tal-Kottonera - Is-Sur ta' San Nikola | Il-pubbliku inġenerali | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| 247.5 (2023) | Ser ikompli jsir investiment fir-restawr tas-swar.<br><br>Linji tal-Kottonera - Il-Bastjun ta' San Pawl (l-ewwel fażi) | Il-pubbliku inġenerali | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |



| Nru | Miżura | Impatt | Stat |
|---|---|---|---|
| **247.6 (2023)** | Ser ikompli jsir investiment fir-restawr tas-swar.<br><br>Linji tal-Kottonera - Il-Bastjun ta' San Nikola | Il-pubbliku inġenerali | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| **247.7 (2023)** | Ser ikompli jsir investiment fir-restawr tas-swar.<br><br>Linji tal-Kottonera - Noħolqu 'Green network' fuq is-swar tal-Kottonera bejn is-Sur ta' San Ġwann u s-Sur ta' San Nikola | Il-pubbliku inġenerali | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| **247.8 (2023)** | Ser ikompli jsir investiment fir-restawr tas-swar.<br><br>Swar ta' Santa Margerita - Is-Sur (Curtain) ta' Santa Liena u l-Bieb<br>(St Helen Curtain and Gate) | Il-pubbliku inġenerali | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| **247.9 (2023)** | Ser ikompli jsir investiment fir-restawr tas-swar.<br><br>Swar ta' Santa Margerita - Is-Sur ta' Santa Liena (St Helen Bastion) | Il-pubbliku inġenerali | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| **247.10 (2023)** | Ser ikompli jsir investiment fir-restawr tas-swar.<br><br>Swar ta' Santa Margerita - Is-Sur tal-Verdala u l-Bieb<br>(Verdala Curtain and Gate) | Il-pubbliku inġenerali | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| **247.11 (2023)** | Ser ikompli jsir investiment fir-restawr tas-swar.<br><br>Swar ta' Santa Margerita<br><br>Is-Sur ta' Santa Margerita (Santa Margherita Bastion) | Il-pubbliku inġenerali | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| **248.1 (2023)** | Ser ikompli jsir investiment fir-restawr ta' knejjes u kappelli f'diversi lokalitajiet.<br><br>Ta' Ġieżu | Il-pubbliku inġenerali | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |





| Nru | Miżura | Impatt | Stat |
| --- | --- | --- | --- |
| **248.2 (2023)** | Ser ikompli jsir investiment fir-restawr ta' knejjes u kappelli f'diversi lokalitajiet.<br><br>Salib tal-Għolja | Il-pubbliku inġenerali | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| **249 (2023)** | Ninvestu bis-sħiħ fir-rinnovar ta' Villa Guardamangia li hija l-unika dar barra mir-Renju Unit li għexet fiha r-Reġina Eliżabetta II. | Il-pubbliku inġenerali | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| **251 (2023)** | Malta ser tieħu sehem fil-London Design Biennale biex isservi ta' vetrina għas-settur u l-qasam artistiku u kreattiv ta' pajjiżna. | Madwar 60 parteċipant fosthom artisti, ġurnalisti, disinjaturi, ħaddiema fil-kostruzzjoni tal-padiljun. Bi stennija ta' 95,000 persuna bħala udjenza | **Implimentata** |
| **252 (2023)** | Tibqa' għaddejja l-ħidma għall- parteċipazzjoni ta' Malta fil-Biennale ta' Venezja għall-edizzjoni li jmiss tal-2024. | Madwar 150 parteċipant fosthom artisti, ġurnalisti, disinjaturi, ħaddiema fil-kostruzzjoni tal-padiljun. L-Esebizzjoni taffettwa madwar 600,000 persuna | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| **253.1 (2023)** | Għandhom jitlestew ix-xogħlijiet fuq il-gallariji, il-ġnien tal-iskultura, ir-raba' fażi tal-proġett kif ukoll ser jitlestew l-uffiċini amministrattivi.<br><br>Gallariji | Il-pubbliku inġenerali | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| **253.2 (2023)** | Għandhom jitlestew ix-xogħlijiet fuq il-gallariji, il-ġnien tal-iskultura, ir-raba' fażi tal-proġett kif ukoll ser jitlestew l-uffiċini amministrattivi.<br><br>Ġnien tal-iskultura | Il-pubbliku inġenerali | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| **253.3 (2023)** | Għandhom jitlestew ix-xogħlijiet fuq il-gallariji, il-ġnien tal-iskultura, ir-raba' fażi tal-proġett kif ukoll ser jitlestew l-uffiċini amministrattivi.<br><br>Ir-raba' fażi tal-proġett | Il-pubbliku inġenerali | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| **253.4 (2023)** | Għandhom jitlestew ix-xogħlijiet fuq il-gallariji, il-ġnien tal-iskultura, ir-raba' fażi tal-proġett kif ukoll ser jitlestew l-uffiċini amministrattivi.<br><br>Uffiċini Amministrattivi | Il-pubbliku inġenerali | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| **270 (2023)** | Ser inżidu t-tax rebate minn €100 għal €300 fis-sena għall-ġenituri li jibagħtu lil uliedhom għal attivitajiet artistiċi jew kulturali. | Il-pubbliku inġenerali | **Implimentata** |

MINISTERU
GĦALL-AFFARIJIET
BARRANIN U EWROPEJ
U L-KUMMERĊ

## Baġit 2023

| Nru | Miżura | Impatt | Stat |
|---|---|---|---|
| 265 (2023) | Il-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima hija waħda globali. Għaldaqstant, Malta ser tkun qiegħda tixpruna investiment f'pajjiżi terzi sabiex jgħinu tali pajjiżi jagħtu l-kontribut tagħhom u jaddattaw għat-tibdil fil-klima. Dan ser isir billi nagħtu prijorità ta' dawn il-proġetti fl-Overseas Development Assistance u billi jsir ir-rappurtaġġ ħolistiku dwar din l-għajnuna. | 50 benefiċjarju ta' boroż ta' studji/taħriġ jew li rċevew capacity-building jew taħriġ virtwali | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |



MINISTERU
GĦALL-POLITIKA
SOĊJALI U D-DRITTIJIET
TAT-TFAL

## Baġit 2023

| Nru | Miżura | Impatt | Stat |
|---|---|---|---|
| 2 (2023) | Żieda għall-pensjonanti Maltin u Għawdxin li din is-sena ser titla' għal €12.50 fil-ġimgħa inkluż il-COLA. | 5,000 benefiċjarju tal-Pensjoni tal-Età mhux Kontributorja | Implimentata |
| 7 (2023) | Ser inkomplu l-proċess li bdejna fl-2022 li b'mod gradwali, il-bonus għall-għoli tal-ħajja jibda jitħallas sħiħ lill-pensjonanti kollha li rtiraw wara l-2008. | Madwar 93,000 pensjonant | Implimentata |
| 8 (2023) | Ser inżidu għal darb'oħra b'€200 l-ammont ta' pensjoni tas-servizz li jiġi injorat fl-assessjar tal-pensjoni tas-sigurtà soċjali. B'hekk matul l-2023, is-somma eżentata għal dan l-iskop ser titla' għal €3,266. | Madwar 2,500 pensjonant li minbarra li jirċievu pensjoni tas-Sigurtà Soċjali jirċievu wkoll pensjoni ta' servizz | Implimentata |
| 9 (2023) | Il-pensjonanti tas-servizz li għandhom 72 sena jew aktar ser ikomplu jgawdu mit-titjib li daħħalna fl-aħħar sentejn li jikkonċerna l-parti tal-pensjoni tas-servizz li jkunu kkommutaw biex jieħdu s-somma, li issa qed tkun eżentata kollha. | Madwar 1,000 pensjonant li minbarra li jirċievu pensjoni tas-Sigurtà Soċjali jirċievu wkoll pensjoni ta' servizz | Implimentata |
| 10 (2023) | Ser inkomplu naġġustaw b'mod gradwali r-rata tal-pensjoni tar-romol biex sal-aħħar tal-leġiżlatura tkun ekwivalenti għall-pensjoni tal-konjugi tagħhom li jkun ġie nieqes. | Mhux possibbli jiġi kkwantifikat in-numru ta' benefiċjarji | Implimentata |



| Nru | Miżura | Impatt | Stat |
|---|---|---|---|
| 11 (2023) | Mis-sena li ġejja ħaddiema li jkunu qed jirċievu pensjoni tar-romol għax ikunu romlu ta' età żgħira ser ikunu intitolati għall-benefiċċji kontributorji tal-qgħad, mard jew korriment fuq ix-xogħol, jekk jiġu bżonnhom u skont il-ħlas tal-bolla. | Mhux possibbli jiġi kkwantifikat in-numru ta' benefiċjarji | Implimentata |
| 12 (2023) | Ser inżidu b'€50 il-bonus ta' kull sena għal persuni li jkunu laħqu l-età tal-irtirar iżda ma jikkwalifikawx għall-pensjoni għax ma kellhomx biżżejjed kontribuzzjonijiet.<br><br>Fl-2023, il-bonus għal dawk li ħallsu inqas minn ħames snin kontribuzzjonijiet ser jitla' għal €450 fis-sena waqt li għal persuni li ħallsu aktar minn ħames snin imma inqas minn għaxar snin bolol, il-bonus ser jiżdied għal €550 fis-sena. | Mhux possibbli jiġi kkwantifikat in-numru ta' benefiċjarji | Implimentata |
| 13 (2023) | Ser inżidu b'€50 il-bonus ta' kull sena għal persuni li jkunu laħqu l-età tal-irtirar iżda ma jikkwalifikawx għall-pensjoni għax ma kellhomx biżżejjed kontribuzzjonijiet.<br><br>Fl-2023, il-bonus għal dawk li ħallsu inqas minn ħames snin kontribuzzjonijiet ser jitla' għal €450 fis-sena waqt li għal persuni li ħallsu aktar minn ħames snin imma inqas minn għaxar snin bolol, il-bonus ser jiżdied għal €550 fis-sena. | Madwar 35,000 persuna | Implimentata |
| 14 (2023) | Biex inkomplu nindirizzaw l-inġustizzji tal-imgħoddi, din is- sena ser nagħlqu l-ħlasijiet dovuti lill-eks ħaddiema tax-Xatt. | | Implimentata |



| Nru | Miżura | Impatt | Stat |
|---|---|---|---|
| 15 (2023) | Is-sena d-dieħla ser nerġgħu nivvutaw €8 miljun oħra sabiex ikomplu jsiru l-pagamenti dovuti lill-eks ħaddiema tal-Korpi li wara kienu daħlu fis-servizz pubbliku, apprentisti u studenti ħaddiema. B'dan il-pagament tas-sena d-dieħla, dawn ser ikunu magħluqa wkoll. | 3,000 persuna | Implimentata |
| 16 (2023) | Inħarsu wkoll lejn il-każijiet tal-eks ħaddiema tal-Korpi li wara daħlu mas-settur pubbliku, eks ħaddiema tal-Gas Board u eks apprentisti tal-MEB u l-eks ħaddiema tat-Telemalta. | 1,600 persuna | Implimentata |
| 17 (2023) | Matul l-2023 ser inkunu qed inżidu l-allowance tat-tfal b'€90 għal kull wild bħala parti mill-wegħda tagħna li nkunu żidna gradwalment dan l-allowance b'€450 tul il- leġiżlatura kollha. | Madwar 42,000 familja li jirċievu l-allowance għat-tfal | Implimentata |
| 18 (2023) | Sal-lum, il-Foster Care Allowance tieqaf immedjatament malli l-ġenitur jaddotta iżda mill-2023 il-benefiċċju mhux ser jibqa' jieqaf mill-ewwel iżda ser jibda jonqos gradwalment fuq perjodu ta' erba' snin jew sakemm il-wild jagħlaq il-21 sena, liema tiġi l-ewwel.<br><br>B'dan il-mod, fl-ewwel sena tal-adozzjoni jibqa' jitħallas 80% tal- allowance tal-fostering, 60% fit-tieni sena, 40% fit-tielet sena u 20% fir-raba' sena. | Mhux possibbli jiġi kkwantifikat in-numru ta' benefiċjarji | Implimentata |



| Nru | Miżura | Impatt | Stat |
|---|---|---|---|
| 22 (2023) | Persuni li jgħixu fuq l-assistenzi soċjali bdew jirċievu għall-ewwel darba ż-żieda għall-għoli tal-ħajja sħiħa. Ċertament li din il-miżura ġiet f'waqtha fil-mument li qed ngħixu fih illum.<br><br>Għaldaqstant, is-sena d-dieħla, dawn il-persuni mill-ġdid ser jirċievu ż-żieda għall-għoli tal-ħajja sħiħa u għalhekk dawn l-għajnuniet ser jiżdiedu wkoll b'€9.90 fil-ġimgħa. | 6,000 benefiċjarju tal-Għajnuna Soċjali | Implimentata |
| 23 (2023) | Is-sena li ġejja ser inkomplu ntejbu t-tapering tal-benefiċċji tal-persuni fuq id-dipendenza soċjal, billi dak li jkun jibqa' jirċievi 10% aktar tal-benefiċċju fit-tliet snin imsemmija. B'hekk, fl-ewwel sena tax-xogħol jibqa' jirċievi 75% tal-benefiċċju, fit-tieni sena 55% u fit-tielet sena 35%. | 1,500 benefiċjarju tat-Tapering tal-Benefiċċji | Implimentata |
| 24 (2023) | Sal-lum, persuni li ma jkunux f'impjieg u li jkunu qed jirċievu jew il-benefiċċju kontributorju tal-qgħad jew tal-mard ma jistgħux jibbenefikaw ukoll għall-Assistenza Medika non-kontributorja.<br><br>Mis-sena li ġejja, dan ukoll ser jinbidel u ser ikunu jistgħu jiġu intitolati għall-Assistenza Medika non-kontributorja wkoll, anke jekk ikunu jirċievu xi wieħed minn dawn il-benefiċċji kontributorji u jekk ma jkunux qed jaħdmu. | 14-il benefiċjarju | Implimentata |
| 25 (2023) | Żieda fil-Carers Grant - dan il-benefiċċju ser ikun qed jiżdied minn €500 għal ftit aktar minn €4,500 fis-sena u ser jibda jitħallas kull tliet xhur. | 450 benefiċjarju tal-Carers Grant | Implimentata |
| 30 (2023) | Persuni li jikkwalifikaw għall-Allowance tal-Carers Miżjuda jew għall-Allowance tal-Carers mhux miżjuda, sal-lum jikkwalifikaw għall-krediti tal-bolol li jgħoddu għall-pensjoni għall-perjodu li jkunu qed jieħdu xi wieħed minn dawn l-allowances, jekk qabel dan iż-żmien ikunu ħallsu medja ta' mill-anqas għoxrin bolla fis-sena minn meta għalqu t-18-il sena 'l quddiem.<br><br>Mis-sena d-dieħla din il-medja ser innizżluha għal 15-il bolla fis-sena bħalma hi fil-każ tad-dritt għall-pensjoni taż-żewġ terzi biex b'hekk aktar persuni li jkunu qed jagħmlu s-sagrifiċċju li jitilqu mid-dinja tax-xogħol biex jieħdu ħsieb anzjan qarib tagħhom jibdew jibbenefikaw minn dawn il-krediti. | Mhux possibbli jiġi kkwantifikat in-numru ta' benefiċjarji | Implimentata |

| Nru | Miżura | Impatt | Stat |
|---|---|---|---|
| 31 (2023) | Krediti tal-bolol għal dawk fuq l-Allowances tal-Carers.<br><br>Jekk xorta ma jkunx hemm persuni li ma jikkwalifikawx għall-krediti b'dan il-kejl, lil min ma jkunx jikkwalifika għall-krediti kif ġie spjegat, xorta ser nibdew nagħtuh sa erba' snin krediti ta' bolla. | Mhux possibbli jiġi kkwantifikat in-numru ta' benefiċjarji | **Implimentata** |
| 32 (2023) | Krediti tal-bolol għal dawk fuq l-Allowances tal-Carers.<br><br>Barra minn hekk, lil min ikun qed jieħu xi wieħed mill-allowances tal-carers ser nibdew nagħtuhom l-opportunità li jekk ikollhom bżonn, iħallsu sa ħames snin bolol neqsin meta jagħlqu d-59 sena sabiex itejbu d-dritt tal-pensjoni tal-irtirar tagħhom meta jilħqu l-età tal-irtirar. | Mhux possibbli jiġi kkwantifikat in-numru ta' benefiċjarji | **Implimentata** |
| 33 (2023) | Minħabba li jista' jkun hemm sitwazzjonijiet fejn persuni li jkunu qed jgħixu flimkien ikollhom restrizzjonijiet legali biex jirreġistraw il-koabitazzjoni tagħhom, ser inkunu qed indaħħlu tibdil sabiex persuni li jkun ippruvat li ilhom jgħixu flimkien bħala koppja għal mill-inqas għaxar snin, ikunu meqjusa bħala li jgħixu f'koabitazzjoni reġistrata u għalhekk jistgħu jibdew jikkwalifikaw għall-Allowances tal-Carers. | 4 benefiċjarji | **Implimentata** |
| 34 (2023) | Benefiċjarji Soċjali meta jieħdu ħsieb qarib anzjan.<br><br>Persuni singoli li jkunu jgħixu għal rashom fuq l-assistenza soċjali u jmorru jgħixu ma' qarib anzjan biex jieħdu ħsiebu, jekk jikkwalifikaw għall-Allowance għall-Carers mhux miżjuda, sal-lum ikollhom tnaqqis fid-dħul tagħhom.<br><br>Dan jiġri minħabba li ma jibqgħux intitolati għall-assistenza soċjali għax ma jibqgħux il-kap tal-familja waqt li r-rata tal-allowance li jibdew jirċievu tkun inqas.<br><br>Mill-1 ta' Jannar li ġej ser indaħħlu tibdil li bih dawn il-persuni xorta jibqgħu jirċievu l-istess ammont ta' benefiċċju li kienu jirċievu qabel u b'hekk ser ineħħu din l-anomalija. | 13-il benefiċjarju | **Implimentata** |

## Baġit 2022

| Nru | Miżura | Stat |
|---|---|---|
| 32 (2022) | Jiġu kkunsidrati proposti sabiex l-effetti fuq il-pensjoni f'każi ta' separazzjoni tiġi indirizzata b'mod li biha ssir ġustizzja soċjali maż-żewġ konjugi. | **Implimentata f'Marzu 2023** |
| 36 (2022) | Miżura favur ħaddiema part-time b'aktar minn impjieg wieħed sabiex meta jaslu biex jirtiraw ngħinuhom ikollhom pensjoni aħjar, ser nagħtuhom l-opportunità li jibdew iħallsu l-bolla tas-sigurtà soċjali fuq aktar minn xogħol part-time wieħed sa massimu ta' 40 siegħa xogħol fil-ġimgħa. | **Implimentata f'April 2023** |

MINISTERU

**GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI**

## Baġit 2023

| Nru | Miżura | Impatt | Stat |
|---|---|---|---|
| **62 (2023)** | Ser nerġgħu nintroduċu d-distribuzzjoni ta' frott u ħaxix frisk fl-iskejjel primarji. | Studenti eliġibbli fl-iskejjel primarji. Madwar 20,000 matul is-sena skolastika, u madwar 19,000 matul Skola Sajf | **Implimentata** |
| **63 (2023)** | Nibdew diskussjoni biex id-distribuzzjoni ta' frott u ħaxix frisk tiġi estiża fl-iskejjel sekondarji wkoll. | Madwar 20,000 student eliġibbli fl-iskejjel sekondarji | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| **201.6 (2023)** | Jitkompla x- xogħol Park Nazzjonali f'Ta' Qali - Farmers Market. | Il-bdiewa u l-pubbliku inġenerali | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| **217 (2023)** | Il-Gvern qed jaħdem fuq l-iżvilupp tal-ewwel Politika Nazzjonali għall-Ikel Sostenibbli, liema Politika ser ikun fiha wkoll il-Pjan ta' Azzjoni għall-Produzzjoni Organika f'Malta. | Il-pubbliku inġenerali, il-bdiewa u s-sajjieda u dawk kollha involuti fil-katina tal-ikel (bħal produtturi, proċessuri, trasportaturi, ristoranti, lukandi, bejjiegħa, esportaturi u importaturi) | **Implimentata** |
| **218 (2023)** | Jitkompla proġett pilota biex tiġi mnedija inizjattiva għal carbon farming. Dan il-proġett ser ikompli tul is-sena 2023 fejn ser jiġi analizzat l-effett tal-proġett pilota u tinħoloq strateġija. | Madwar 6,000 bidwi u raħħal | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| **219 (2023)** | Isiru emendi fl-Att dwar it-Tiġdid ta' Kiri tar-Raba'. | Madwar 6,000 bidwi | **Implimentata** |
| **220 (2023)** | Ser inkunu qed ninvestu wkoll fl-għarfien tas-sajjieda tagħna, b'sistema informatika ġdida li ser tirriforma lis-settur tas-Sajd u l-Akwakultura bi mmodernizzar tal-infrastruttura f'għodod diġitali u servizz b'iktar effiċjenza. | Madwar 800 sajjied | **Implimentata** |



## Minn Baġit 2022

| Nru | Miżura | Stat |
|---|---|---|
| 238 (2022) | Sabiex ninċentivaw aktar raba' jinħadem b'mod effettiv mill-bdiewa u nżidu l-produzzjoni organika f'pajjiżna, ser inkunu qed nagħtu inċentivi lis-sidien tal-artijiet sabiex jidħlu f'arranġament ma' bdiewa li jixtiequ jaħdmu l-art għall-produzzjoni organika. | Implimentata f'Marzu 2023 |
| 239 (2022) | Wara li din is-sena wettaqna r-riforma fil-Pitkalija, ser inkunu qed ninvestu fil-faċilitajiet meħtieġa biex inkunu nistgħu nbigħu l-frott u l-ħaxix tal-bdiewa tagħna b'mod li jkun ippakkjat u preżentat aħjar, skont standards tas-suq u biex jintgħaraf minn prodotti oħrajn. | Implimentata f'Mejju 2023 |








MINISTERU

**GĦALL-AKKOMODAZZJONI SOĊJALI U AFFORDABBLI**

## Baġit 2023

| Nru | Miżura | Impatt | Stat |
|---|---|---|---|
| **42 (2023)** | Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli.<br><br>Sejra tiġi ppubblikata Espressjoni ta' Interess biex jiġu ingaġġati għadd ta' professjonisti li ser jamministraw dan il-care plan personalizzat skont il-bżonnijiet ta' kull inkwilin ġdid tal-akkomodazzjoni soċjali. | 15 - 30 applikant u benefiċjarju ta' akkomodazzjoni soċjali (numru ta' każijiet li se jiġu segwiti bl-ewwel EOI (15 kull professjonist) | **Implimentata** |
| **43 (2023)** | Ser tingħata għotja ta' €10,000 fuq medda ta' għaxar snin lil kull first-time buyer li jakkwista proprjetà ta' valur li ma jaqbiżx il-€500,000.<br><br>Din il-miżura ser tapplika għal kull akkwist li sar mill-1 ta' Jannar 2022 'l hawn, u mhux ser tkun soġġetta għal test tal-mezzi u ser titħaddem ma' kull bank kummerċjali li jopera f'Malta u Għawdex u li jagħti self fuq proprjetà residenzjali. | 3,000 first time buyers kull sena; peress li l-iskema se tkun effettiva minn Jannar 2022, sal-aħħar tas-sena 2023 huwa mbassar li jkun hemm 6,000 benefiċjarju | **Implimentata** |
| **44 (2023)** | Jogħla b'€50,000 il-valur massimu, fid-Deposit Payment Scheme biex tinkludi proprjetajiet sa massimu ta' €225,000. | 120 benefiċjarju li jixtru darhom għall-ewwel darba | **Implimentata** |
| **45 (2023)** | Ser ngħollu l-capping tal-benefiċċju massimu tal-iskema għal<br>€500 fix-xahar għal residenza one-bedroom, €600 fix-xahar għal residenza two-bedroom u €700 fix-xahar għal residenza three-bedroom biex naġġornaw it-termini u l-kundizzjonijiet tagħha biex jirriflettu aħjar ir-realtà tal-lum. | 2,900 benefiċjarju tal-Benefiċċju tal-Kera | **Implimentata** |
| **46 (2023)** | Garanzija New Hope.<br><br>Żewġ banek prominenti oħra se jidħlu fl-iskema, filwaqt li oħrajn qegħdin f'negozjati avvanzati biex jipparteċipaw. | 10 benefiċjarji li ma jingħatawx polza ta' assigurazzjoni fuq ħajjithom | **Implimentata** |





| Nru | Miżura | Impatt | Stat |
|---|---|---|---|
| 47 (2023) | Tneħħija mit-test tal-mezzi għas-sussidji soċjali mogħtija lil persuni b'diżabilità<br><br>Se neliminaw l-introjtu kollu li ġej minn allowances tad-diżabilità mill-komputazzjoni tat-test tal-mezzi għal skemi maħruġa mill-Awtorità tad-Djar u b'hekk ser inkomplu ngħinu persuni b'diżabilità jgħixu ħajja indipendenti u jaċċessaw is-suq tal-proprjetà u tal-kirjiet b'mod sħiħ. | Madwar ħamsin benefiċjarju tal-Benefiċċju tal-Kera li jirċievu għajnuna għal diżabilità severa | Implimentata |
| 153 (2023) | Ser inkunu qed nestendu għal sena oħra l-iskemi ta' tnaqqis fit-taxxa tal-Boll għall-first-time buyers, second-time buyers u x-xiri ta' proprjetà f'Għawdex. | Mhux magħruf - l-informazzjoni s'issa tinżamm mill-Ministeru għall-Finanzi | Implimentata |

## Minn Baġit 2020

| Nru | Miżura | Stat |
|---|---|---|
| 58 (2020) | Riġenerazzjoni tal-Oqsma tad-Djar. L-Awtorità tad-Djar se tkompli fuq il-programm ta' manutenzjoni ta' blokok fuq ħamsin blokk ieħor ta' akkomodazzjoni soċjali li jiffurmaw parti mill-Oqsma tad-Djar f'lokalitajiet differenti.<br><br>(a) Ir-Rabat<br>(i) Ent A, 1-8 u 9-16, Misraħ Feniċi<br>(ii) Ent B, 1-8 u 9-16, Misraħ Feniċi<br>(iii) Ent C, 1-8 u 9-16, Misraħ Feniċi<br>(iv) Blk D Ent 1, 2, 3, 4, 5, 6, Triq Bir ir-Riebu<br>(v) Blk E, 1-8, u 9-16, Triq in-Normanni<br>(vi) Blk F, 1-8 u 9-16, Triq E. J. Nicholas<br><br>(b) Iż-Żejtun - Blokok J, K, L, M, N, O, P, Dawret Ħal Tmien<br><br>(ċ) Bormla - Blokok 1, 2, 3, 4, 5, 6, 7, 8, 9, 10, 11, 12, 13 Triq Alessandra Hubbard Flats<br><br>(d) San Ġiljan<br>(i) Blk G, Triq Jean Houel<br>(ii) Blk H, Triq Jean Houel<br>(iii) Blk I Ent A, B, Triq Jean Houel<br>(iv) Blk J Ent A, B, Triq Jean Houel<br>(v) Blk K Triq Andre Maurois<br><br>(e) St Luċija<br>(i) Blk 12 Triq il-Gardenja<br>(ii) Blk 13 Trejqet il-Liedna<br>(iii) Blk 14 Trejqet il-Ward<br>(iv) Blk 15 Trejqet is-Sardinell<br><br>(f) Is-Siġġiewi<br>(i) Blk 1, Ent A, Triq Ramija<br>(ii) Blk 2, Ent B, Triq Ramija<br>(iii) Blk 2, Ent A, B, Triq Ramija<br>(iv) Blk 3, Ent A, B, Triq Ramija | Implimentata fi Frar 2023 |



MINISTERU
GĦALL-EKONOMIJA,
IL-FONDI EWROPEJ
U ARTIJIET

## Baġit 2023

| Nru | Miżura | Impatt | Stat |
|---|---|---|---|
| 78 (2023) | Il-Malta Enterprise, li timmaniġġja l-Kordin Business Incubation Centre, ser tkun qed tiżviluppa permezz ta' fondi Ewropej Business Incubation Centre ġdid attrezzat sabiex ikun touch down facility tal-aqwa kwalità għal start-ups innovattivi li qed ikomplu jiddiversifikaw l-ekonomija ta' Malta. | Negozji lokali u self-employed | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| 81 (2023) | Id-Digital Innovation Hub għandu l-għan li jipprovdi opportunitajiet ta' trasformazzjoni diġitali lill-Intrapriżi Żgħar u Medji (SMEs) u Start-ups, permezz ta' teknoloġiji bħal Intelliġenza Artifiċjali, Cyber High Performance Computing (HPC) u cloud solution. | Kumpaniji interessati | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| 87 (2023) | Għaddej studju dwar kif se jitwaqqaf il-fond ta' Venture Capital li kien imħabbar mill-Gvern. L-għan huwa li titħabbar miżura ta' kif ħa jaħdem il-fond li hu mmirat li jgħin kumpaniji start-ups jistabbilixxu ruħhom f'Malta. | Kumpaniji interessati | **Implimentata** |
| 91 (2023) | Kumitat maħtur ser jkun qed jaħdem flimkien mal-istakeholders fuq id-dritt għal kont bankarju bażiku għan-negozji. | Investituri Prospettivi, Negozji lokali u self-employed | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| 92 (2023) | Għandu jiġi mwaqqaf Credit Review Office li jiffaċilita kemm l-interessi tal-banek kummerċjali kif ukoll tal-klijenti tagħhom dwar l-applikazzjonijiet għal self. | Negozji lokali u self-employed | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| 93 (2023) | Qed tiġi studjata proposta li jsir repożitorju ta' due diligence. | Investituri Prospettivi, Negozji lokali u self-employed | **Implimentata** |
| 94 (2023) | Il-Malta Business Registry qiegħda taħdem sabiex is-servizzi kollha li toffri lin-negozji jiġu mmodernizzati b'teknoloġija ġdida bil-għan li tiżdied l-effiċjenza, trasparenza u kontabbiltà. | Investituri Prospettivi, Negozji lokali u self-employed | **Implimentata** |





| Nru | Miżura | Impatt | Stat |
|---|---|---|---|
| **100 (2023)** | Wara li tlesta x-xogħol fuq l-inkubatur għall-istart-ups f'dan is- settur tal-gaming, magħruf bħala basecamp, sal-aħħar ta' din is-sena dan l-inkubatur se jkun imtela b'kumpaniji jaħdmu minn hemm. | 7 kumpaniji start-ups fis-settur tal-gaming | **Implimentata** |
| **109 (2023)** | Implimentazzjoni ta' masterplan madwar l-ajruport biex pajjiżna jdaħħal niċeċ relattivament ġodda għalina bħal leasing u cargo, drones u eVTOLs filwaqt li nikkonsolidaw in-negozju u l-avjazzjoni kummerċjali. | Is-settur tal-avjazzjoni u n-numru tan-negozji u operaturi li joperaw mill-ajruport. | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| **110 (2023)** | F'Għawdex se niftħu spazju ġdid biswit iż-żona industrijali tax-Xewkija li jipprovdi lill-intrapriżi żgħar u medji spazju għal workshops u spazju għal parkeġġ ta' vetturi kbar. | Negozji lokali u self-employed | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| **111 (2023)** | Permezz ta' INDIS Malta ser noħolqu plots ġodda għal diversi clusters biex jissodisfaw it-talbiet li dejjem qed jiżdiedu. | Negozji lokali u self-employed | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| **112 (2023)** | Jibda x-xogħol fuq diversi espansjonijiet ta' fabbriki stabbiliti f'pajjiżna. | Kumpaniji stabbiliti f'Malta | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |



| Nru | Miżura | Impatt | Stat |
|---|---|---|---|
| **113 (2023)** | Ser inniedu proġett pilota li ser jiffoka primarjament fuq is-settur tal-manifattura u l-avjazzjoni biex jindirizza l-ħtiġijiet tal-industrija billi nassistu fl-upskilling tal-ħaddiema preżenti u fit-taħriġ ta' ħaddiema ġodda. | Is-settur tal-avjazzjoni u studenti li jridu jsegwu korsijiet dwar l-avjazzjoni | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| **118 (2023)** | Ser nerġgħu niftħu l-iskema għal ħwienet li huma proprjetà tal-Gvern u li bħalissa qegħdin mikrija jew mogħtija b'ċens u li jinsabu barra l-Belt Valletta. Din il-miżura għandha l-għan li tgħin lin-negozji sabiex il-kirja jew iċ-ċens tagħhom jiġġedded għal ċens ta' 45 sena. | Negozji lokali u self-employed | **Implimentata** |
| **119 (2023)** | Ser inkomplu nħabbru skemi bl-għan li nnaqqsu l-burokrazija u nkomplu nindirizzaw problemi li ilhom pendenti għal numru kbir ta' snin fl-Awtorità tal-Artijiet. | Mijiet ta' residenti Maltin | **Implimentata** |
| **120 (2023)** | Se nindirizzaw ukoll il-kwistjoni ta' nies li għandhom darhom mibnija fuq art mogħtija b'ċens agrikolu jew bi qbiela. Wara l-proġett pilota li sar f'Tas-Salvatur fir-Rabat, ser nagħtu ċ-ċans lil aktar nies li jgħixu fi bnadi oħra ta' Malta biex jixtru t-titolu tal-art fejn jgħixu. | Nies li għandhom darhom mibnija fuq art mogħtija b'ċens agrikolu jew bi qbiela | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| **165 (2023)** | Ikompli l-proċess biex fil-Port Ħieles ikun implimentat ix-shore-to-ship. | Residenti u dawk li jżuru l-inħawi kif ukoll dawk li jaħdmu jew jagħtu servizz fil-Port Ħieles | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |

**Baġit 2023** *(Fondi Ewropej)*

| Nru | Miżura | Impatt | Stat |
|---|---|---|---|
| **79 (2023)** | Is-sena d-dieħla ser inkomplu noffru opportunitajiet ta' cash grants b'investiment ta' madwar €40 miljun għall-intrapriżi żgħar u medji taħt l-iskemi Business Enhance.<br><br>L-għan ewlieni tal-miżura hu li aktar minn 40 miljun ewro jaslu għand il-benefiċjarji (li huma intrapriżi) biex jitwettaq żvilupp reġjonali u tkabbir ekonomiku bħala riżultat tal-proġetti implimentati mill-istess benefiċjarji.<br><br>L-iskemi tal-għotja huma maħsuba biex jindirizzaw l-oqsma tal-Istart-ups, tal-iżvilupp tal-intrapriżi (Business Development), Diversifikazzjoni, kif ukoll jiffaċilitaw l-intrapriżi biex jilħqu swieq ġodda billi jsaħħu l-internazzjonalizzazzjoni tal-operat tagħhom u jibbenefikaw ukoll minn għajnuna biex jiżviluppaw Pjanijiet ta' Ħidma (Business Plans) li jwassluhom jinvestu f'dak li verament għandhom bżonn u f'waqtu.<br><br>Dan il-proċess ser isir b'mod sinkronizzat mal-għeluq tal-iskemi taħt il-Programm 2014-2020. | L-intrapriżi ta' daqs mikro, żgħir u medju, kif ukoll intrapriżi kbar. Madwar 250 benefiċjarju. | **Implimentata** |
| **80 (2023)** | Malta ser tkun qed tipparteċipa wkoll fl-inizjattiva InvestEU b'opportunitajiet oħra għall-intrapriżi. L-istrumenti finanzjarji għan-negozji b'fondi Ewropej ser jitkomplew fis-snin li ġejjin. | Intrapriżi żgħar u ta' daqs medju | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| **117 (2023)** | Is-settur privat ser ikompli jiġi inċentivat fil qasam tad-diġitalizzazzjoni permezz ta' għotjiet inkluż għas-self-employed iż-żgħir taħt il-programm Business Enhance bi €15-il miljun. | 360 benefiċjarju li huma intrapriżi ta' daqs mikro, żgħar u medju, kif ukoll intrapriżi kbar. | **Implimentata** |
| **188 (2023)** | L-iskema ta' għotjiet taħt l-RRP għar-rinnovazzjoni favur il-klima ta' binjiet kummerċjali fis-settur privat b'valur ta' madwar €20 miljun ser titkompla matul is-sena li ġejja.<br><br>Din il-miżura qed tiffoka fuq l-aċċessibbiltà tal-fondi allokati taħt l-RRP għar-rinnovazzjoni ta' bini tas-settur privat għat-tagħmir mill-ġdid (retrofitting) u effiċjenza fl-enerġija. | L-indikatur marbut ma' din l-iskema huwa ta' 40,605 metri kwadri li jkunu ġew rinnovati. Dan jista' jintlaħaq minn numru ta' benefiċjarji ta' daqs kemm ta' SME jew ta' daqs kbir. | **Implimentata** |

MINISTERU

**GĦALL-INKLUŻJONI, IL-VOLONTARJAT U D-DRITTIJIET TAL-KONSUMATUR**

## Baġit 2023

| Nru | Miżura | Impatt | Stat |
|---|---|---|---|
| **26 (2023)** | Ser inkunu qegħdin ninvestu s-somma ta' €4.2 miljun fuq il-kunċett ta' Assistenti Personali u Independent Community Living biex aktar persuni b'diżabilità jkunu jistgħu jilħqu l-potenzjal tagħhom.<br><br>Dan ser ikun l-ewwel pass biex matul is-sena d-dieħla tiġi ffinalizzata r-riforma tal-Assistenti Personali skont il-linji gwida tal-European Network for Independent Living. | Persuni b'diżabilità li jirrikjedu assistenza personali<br><br>Numru ta' nies affettwati jiġi determinat meta jibda jaħdem is-servizz. S'issa taħt l-Independent Community Living Scheme hemm madwar 350 ruħ li jirċievu fondi biex ikollok Assistent Personali | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| **28 (2023)** | Persuni li ser jixtru karozza Drive from Wheelchair ser jibbenefikaw minn sussidju ta' mhux aktar minn 20% fuq il-prezz tal-karozza. | Peress li din hija skema ġdida, l-Aġenzija m'għandhiex informazzjoni kemm jistgħu jkunu l-benefiċjarji | **Implimentata** |
| **29 (2023)** | Dawk li jixtru karozza modifikata second hand (inklużi karozzi mgħammra b'lifts jew rampi għall-aċċess tas-siġġu tar-roti) li tkun reġistrata diġà, ser jibdew jingħataw il-possibilità li jibbenefikaw minn sussidju ta' mhux aktar minn 10% fuq il-prezz tal-karozza. Dan apparti l-eżenzjoni tal-ħlas tar-reġistrazzjoni tat-taxxa. Biex vettura ta' dan it-tip tikkwalifika għas-sussidju, l-emissjonijiet tagħha jridu jkunu taħt il-180g ta' $CO_2$. | Peress li din hija skema ġdida, l-Aġenzija m'għandhiex informazzjoni kemm jistgħu jkunu l-benefiċjarji | **Implimentata** |






| Nru | Miżura | Impatt | Stat |
|---|---|---|---|
| **41 (2023)** | Is-settur tal-volontarjat.<br>Ser nestendu l-ispazji minn fejn l-għaqdiet volontarji jkunu jistgħu joperaw permezz ta' żieda tas-servizz ta' one-stop shop. Grazzi għal dan is-servizz, l-istess għaqdiet ser isibu informazzjoni, servizzi u sapport sabiex insaħħu l-għajnuna mogħtija lilhom taħt saqaf wieħed filwaqt li nsostnu l-ħidma tagħhom fil-komunitajiet tagħna.<br><br>a) Taħriġ lill-impjegati li se jservu fil-Volunteer Centres<br>b) Kampanja ta' Informazzjoni<br>ċ) Il-Belt Valletta<br>d) Ir-Rabat, Malta<br>e) Ix-Xewkija, Għawdex<br>f) OCVO - Belt is-Sebħ<br>ġ) Il-Kottonera - Kordin<br>g) Birkirkara | Madwar 1,800 Għaqda Volontarja | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| **226 (2023)** | Ħarsien tad-drittijiet tal-Konsumatur: Matul is-sena 2023, dan il-Gvern ser isaħħaħ ir-rimedji disponibbli għall-konsumatur billi kif wiegħed fil-Manifest Elettorali, nerġgħu ngħollu l-ammont massimu ta' €5,000 li fuqhom jistgħu jsiru talbiet quddiem it-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi. | Konsumaturi | **Implimentata** |

MINISTERU

# GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U L-PROĠETTI KAPITALI

## Baġit 2023

| Nru | Miżura | Impatt | Stat |
|---|---|---|---|
| **107 (2023)** | Jitħabbru aktar linji tal-ajru li ser jimxu għal Malta biex jingħaqdu ma' ħafna oħrajn li diġà għamlu dan. | Il-pubbliku inġenerali | **Implimentata** |
| **108 (2023)** | Titnieda politika tal-avjazzjoni ċivili. | Stakeholders pubbliċi u privati kif ukoll il-pubbliku inġenerali | **Implimentata** |
| **115 (2023)** | Ser inkomplu b'investiment massiċċ mill-Pjan ta' Rkupru u Reżiljenza (RRP) fid-diġitalizzazzjoni; madwar €6 miljun fir-reġistru marittimu. | 150 ħaddiem tad-Direttorat tal-Bastimenti Merkantili, l-industrija tar-reġistrazzjoni tal-Bastimenti | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| **154 (2023)** | Fit-tliet snin li ġejjin ser inkomplu nlestu u nimplimentaw proġetti kbar: l-Imrieħel Underpass | Il-pubbliku inġenerali | **Implimentata** |
| **155 (2023)** | Fit-tliet snin li ġejjin ser inkomplu nlestu u nimplimentaw proġetti kbar: Ħal Kirkop Tunnels | Il-pubbliku inġenerali | **Implimentata** |
| **156 (2023)** | Fit-tliet snin li ġejjin ser inkomplu nlestu u nimplimentaw proġetti kbar: L-Airport Intersection Project | Il-pubbliku inġenerali | **Implimentata** |
| **157 (2023)** | Fit-tliet snin li ġejjin ser inkomplu nlestu u nimplimentaw proġetti kbar: Luqa Junction | Il-pubbliku inġenerali | **Implimentata** |
| **158 (2023)** | Fit-tliet snin li ġejjin ser inkomplu nlestu u nimplimentaw proġetti kbar: Imsida Creek | Il-pubbliku inġenerali | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| **159 (2023)** | Fit-tliet snin li ġejjin ser inkomplu nlestu u nimplimentaw proġetti kbar: Programm ta' bini ta' toroq residenzjali | Il-pubbliku inġenerali | **Implimentata** |
| **161 (2023)** | Infrastructure Malta ser toħroġ sejħa għal offerti biex ix-xogħol jitkompla f'partijiet oħra tal-Port il-Kbir. | Operaturi marittimi kummerċjali u dilettanti; residenti; passiġġieri li jużaw il-Fast Ferry u Harbour Ferry u Dgħajjes tal-Pass | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| **162 (2023)** | Jibdew ix-xogħlijiet tal-estensjoni tal-mollijiet ta' Pinto bl-għan li issa jkun hemm moll dritt li miegħu jistgħu jittrakkaw vapuri kbar ta' madwar 330 metru. | Operaturi u passiġġieri fil-qasam tal-cruise liners li joperaw fuq il-baħar u fuq l-art | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |



| Nru | Miżura | Impatt | Stat |
|---|---|---|---|
| **163 (2023)** | Jibdew ix-xogħlijiet tal-estensjoni tal-mollijiet ta' Lascaris bl-għan li issa jkun hemm moll dritt li miegħu jistgħu jittrakkaw vapuri kbar ta' madwar 330 metru. | Operaturi ta' vapuri żgħar li jagħtu diversi servizzi fil-port | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| **164 (2023)** | Jitkompla x-xogħol b'investiment ta' €50 miljun li ser inaqqas it-tniġġis fl-arja madwar il-Port il-Kbir. | Vapuri tal-merkanzija, dawk għat-tiswija fit-tarzna u għal servizzi f'MMH<br><br>Operaturi portwali: tal-mollijiet ta' Parlatorju, Dock 6, Laboratory u Magazine wharf, Ras Ħanżir u MMH<br><br>Komunità residenzjali u kummerċjali fil-Kottonera, Raħal Ġdid u l-Marsa | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| **167 (2023)** | Reklamazzjoni tal-art- Fl-aħħar xhur iltqajna mal-esperti biex nesploraw numru ta' proġetti li mhux biss jirrispettaw u jtejbu l-ambjent iżda jagħtu lil dik iż-żona u fl-aħħar nett lil pajjiżna l-valur miżjud li jixraqlu.<br>Il-pass li jmiss f'dan il-proġett huwa li fil-ġimgħat u x-xhur li ġejjin jingħata bidu għal studju li għandu jiddetermina l-fattibilità ekonomika u finanzjarja, u l-impatt ambjentali u soċjali li dawn il-proġetti ser ikollhom fuq pajjiżna. | Il-pubbliku inġenerali | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| **168 (2023)** | Inkomplu nelettrifikaw il-flotta tat-trasport pubbliku fejn b'investiment ta' miljuni ta' ewro, ammont kbir mill-flotta se jkunu elettriċi. | Il-pubbliku inġenerali | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| **169 (2023)** | Ser inkomplu naħdmu biex ikollna iktar uffiċjali fit-toroq tagħna. | Il-pubbliku inġenerali | **Implimentata** |

| Nru | Miżura | Impatt | Stat |
|---|---|---|---|
| 170 (2023) | Ser inkunu qed nifthu diskussjoni wiesgħa mal-istakeholders konċernati biex numru ta' servizzi fit-toroq tagħna ma jingħatawx qabel id-9:00 ta' filgħodu. Fir-rush hour, il-vetturi ta' dawn is-servizzi m'għandhomx ikunu fit-toroq tagħna. | L-operaturi privati tal-portijiet, il-kumpaniji tal-loġistika, il-burdnara, id-dwana, il-kumpaniji li joperaw 24/7, il-bejjiegħa bl-ingrossa u l-bejjiegħa bl-imnut. | Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni |
| 171 (2023) | L-għotja finanzjarja biex ninċentivaw ix-xiri ta' vetturi ġodda li jaħdmu bl-elettriku ser tiġġedded u kull min jixtri vettura ġdida, inkluż muturi, li jaħdmu bl-elettriku ser ikun intitolat għall-għotja ta' €11,000, li titla' sa €12,000 f'każ li tiġi użata l-iskema tal-iskrappjar tal-vetturi wkoll. L-istess jgħodd għall-iskema li tinċentiva x-xiri ta' mopeds, pedelecs u roti assistiti b'mutur tal-elettriku. | Il-pubbliku inġenerali | Implimentata |
| 172 (2023) | L-għotja finanzjarja tal-iskema ta' skrappjar ta' vetturi li jħammġu f'Għawdex ser tibqa' dik ta' €2,000. | Il-pubbliku inġenerali | Implimentata |
| 173 (2023) | L-għotja li tinċentiva x-xiri ta' muturi żgħar li jaħdmu bil-petrol, ser tiġi estiża filwaqt li l-għotja għal min jaqleb il-vettura tiegħu biex taħdem bil-gass minflok bil-petrol ser terġa' tiġi estiża wkoll. | Il-pubbliku inġenerali | Implimentata |
| 174 (2023) | Vetturi elettriċi u dawk plug-in hybrid ser jibqgħu eżentati mit-taxxa ta' reġistrazzjoni u eżentati mill-ħlas tal-liċenzja annwali tat-triq għal perjodu ta' ħames snin mid-data tal-ewwel reġistrazzjoni. | Il-pubbliku inġenerali | Implimentata |
| 175 (2023) | Estiża l-iskema fejn vetturi bħal minibuses, coaches u trakkijiet li fuqhom jiġu installati l-pannelli fotovoltajiċi jingħataw għotja sa massimu ta' €900. | Il-pubbliku inġenerali | Implimentata |



| Nru | Miżura | Impatt | Stat |
|---|---|---|---|
| 176 (2023) | Estiża l-iskema fejn operaturi ta' minibuses u coaches kif ukoll trakkijiet jinstallaw filtru tal-partikuli tad-diżil (DPF) u ta' sistemi ta' tnaqqis katalitiku selettiv (SCR). | Il-pubbliku inġenerali | **Implimentata** |
| 177 (2023) | Jinbeda x-xogħol fuq il-moll ta' Buġibba biex tiżdied konnettività bil-baħar. | Dgħajjes li jagħmlu użu mill-breakwater kemm bħala moll biex jorbtu miegħu kif ukoll li jistkennu fiż-żona ta' ġewwa u nies li ser jibdew jagħmlu użu mis-servizz il-ġdid tal-lanċa | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| 178 (2023) | Jinbeda x-xogħol fuq il-moll ta' Marsamxett biex tiżdied konnettività bil-baħar. | Nies li ser jibdew jagħmlu użu mis-servizz il-ġdid tal-lanċa | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| 179 (2023) | Tinbeda skeda ġdida bil-prezzijiet maqbula rigward s-servizz tal-fast ferry. | Il-pubbliku inġenerali, partikolarment ir-residenti Għawdxin | **Implimentata** |
| 206 (2023) | Bħala parti mix-xogħol fuq din il-wegħda ta' iktar postijiet miftuħa għall-pubbliku, qed issir evalwazzjoni ta' parkeġġi miftuħa li jistgħu jiġu mibdula f'parkeġġi taħt l-art u l-ispazju bħalissa użat bħala parkeġġ jinbidel fi spazju miftuħ. Il-pjan huwa li sal-ewwel kwart tas-sena d-dieħla nkunu ħriġna l-ewwel sejħiet għal konċessjoni tal-bini u operat ta' dawn l-ispazji. | Il-pubbliku inġenerali | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |





## Minn Baġit 2022

| Nru | Miżura | Stat |
|---|---|---|
| 106 (2022) | Infrastruttura tat-toroq - Jitkompla x-xogħol fuq il-mini ta' Ħal Kirkop. Dan il-proġett qed jiġi kkumplimentat bit-tisbiħ tal-madwar, permezz ta' tħawwil ta' siġar maturi u pjanti oħra. | Implimentata f'Jannar 2023 |
| 107 (2022) | Infrastruttura tat-toroq - Jitkompla ix-xogħol fuq l-Airport Intersection Project (KTAIP). Dan il-proġett qed jiġi kkumplimentat bit-tisbiħ tal-madwar, permezz ta' tħawwil ta' siġar maturi u pjanti oħra. | Implimentata f'Ġunju 2023 |
| 205 (2022) | Wara s-suċċess li nkiseb permezz tal-fast ferry bejn Malta u Għawdex, se jiżdied in-numru ta' mollijiet biex b'hekk ikunu jistgħu jinħolqu rotot alternattivi u b'hekk titnaqqas id-dipendenza fuq il-vetturi privati. Għalhekk ser jitlesta il-bini tal-moll f'Bormla. | Implimentata f'April 2023 |
| 206 (2022) | Wara s-suċċess li nkiseb permezz tal-fast ferry bejn Malta u Għawdex, se jiżdied in-numru ta' mollijiet biex b'hekk ikunu jistgħu jinħolqu rotot alternattivi u b'hekk titnaqqas id-dipendenza fuq il-vetturi privati. Għalhekk ser jitlesta il-bini mill-ġdid tal-mollijiet u x-xatt ġdid bejn il-Birgu u l-Kalkara. | Implimentata f'Ġunju 2023 |

## Minn Baġit 2021

| Nru | Miżura | Stat |
|---|---|---|
| 71 (2021) | Bit-twaqqif ta' Stakeholders Forum, li jkun jinkludi rappreżentanti ta' min huwa involut fil-qasam tal-avjazzjoni, se tiġi mnedija l-Politika tal-Avjazzjoni. | Implimentata f'Awwissu 2023 |
| 182 (2021) | Proġetti infrastrutturali ġodda - Xogħol fuq il-mini ta' Ħal Kirkop u l-Airport Intersection Project. | Implimentata f'Ġunju 2023 |
| 185 (2021) | Se jitkomplew it-tħejjijiet neċessarji biex ikun jista' jibda l-bini mill-ġdid tal-bypass ta' Wied il-Għajn. | Implimentata f'Marzu 2023 |
| 243 (2021) | Jinbeda x-xogħol fuq il-promenades f'Tal-Pieta'. | Implimentata f'Awwissu 2023 |

## Minn Baġit 2020

| Nru | Miżura | Stat |
|---|---|---|
| 95 (2020) | Aktar Riġenerazzjoni u Tisbiħ. Għas-sena d-dieħla hemm maħsub li jibda xogħol ta' riġenerazzjoni fuq ix-Xatt tal-Imsida u x-Xatt f' tal-Pieta. | Implimentata fi Frar 2023 |
| 261 (2020) | Avjazzjoni. Matul din is-sena, il-Ministeru għat-Turiżmu qed jaġġorna l-politika tal-avjazzjoni. | Implimentata fi Frar 2023 |
| 263 (2020) | Il-Malta Air Traffic Services se tkompli tinvesti f'sistemi ġodda tal-aħħar teknoloġija għall-immaniġġjar tat-traffiku. | Implimentata f'Mejju 2023 |

## Minn Baġit 2019

| Nru | Miżura | Stat |
|---|---|---|
| 116 (2019) | L-avjazzjoni huwa settur ieħor li qed tikkontribwixxi għall-ħolqien tal-ġid u l-impjiegi f'Malta. Għal dan il-għan, matul is-sena d-dieħla, se tkun qed tiġi aġġornata l-politika tal-avjazzjoni. | Implimentata fi Frar 2023 |

MINISTERU
**GĦAL GĦAWDEX**

## Baġit 2023

| Nru | Miżura | Impatt | Stat |
|---|---|---|---|
| **61 (2023)** | Matul is-sena d-dieħla ser jitkompla x-xogħol fuq l-Iskola tan-Nadur, Għawdex. | Ir-residenti tal-lokal b'mod partikolari l-istudenti u l-edukaturi | **Implimentata** |
| **105 (2023)** | Flimkien mal-Gozo Tourism Association, ser invaraw skema ta' inċentivi biex nattiraw dan it-tip ta' turiżmu long stay lejn il-gżira Għawdxija bi sħab ma' tour operators biex b'hekk Għawdex ikollu iktar turiżmu fil-low season. | L-operaturi f'oqsma turistiċi f'Għawdex kif ukoll l-impjiegi f'Għawdex. | **Implimentata** |
| **166 (2023)** | Għawdex ser jibbenefika minn madwar €60 miljun f'investiment taħt l-inizjattiva Sustainable Urban Development fejn ser jiġi stabbilit fejn dawn il-fondi ser jiġu investiti biex b'hekk jinbeda minnufih ix-xogħol marbut ma' din l-inizjattiva. | Il-pubbliku inġenerali, b'mod partikolari r-residenti u l-viżitaturi. | **Implimentata** |
| **160.1 (2023)** | Fit-tliet snin li ġejjin ser inkomplu nlestu u nimplimentaw proġetti kbar: Bini ta' toroq f'Għawdex.<br><br>Parti minn Triq it-Tabib A Tabone, limiti x-Xewkija (magħrufa wkoll bħala Sannat Road, Victoria | Il-pubbliku inġenerali, b'mod partikolari r-residenti tal-lokal u l-viżitaturi. | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| **160.2 (2023)** | Fit-tliet snin li ġejjin ser inkomplu nlestu u nimplimentaw proġetti kbar: Bini ta' toroq f'Għawdex.<br><br>It-triq li mir-Rabat Għawdex twasslek għal M'forn | Il-pubbliku inġenerali, b'mod partikolari r-residenti tal-lokal u l-viżitaturi. | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| **160.3 (2023)** | Fit-tliet snin li ġejjin ser inkomplu nlestu u nimplimentaw proġetti kbar: Bini ta' toroq f'Għawdex.<br><br>It-triq Ta' wara s-Sur, ir-Rabat Għawdex | Il-pubbliku inġenerali, b'mod partikolari r-residenti tal-lokal u l-viżitaturi. | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| **160.4 (2023)** | Fit-tliet snin li ġejjin ser inkomplu nlestu u nimplimentaw proġetti kbar: Bini ta' toroq f'Għawdex.<br><br>Parti minn Triq il-Għajn, Fontana | Il-pubbliku inġenerali, b'mod partikolari r-residenti tal-lokal u l-viżitaturi. | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| **160.5 (2023)** | Fit-tliet snin li ġejjin, ser inkomplu nlestu u nimplimentaw proġetti kbar:- Bini ta' toroq f'Għawdex.<br><br>Triq Ġuzeppi Spiteri, ir-Rabat Għawdex | Il-pubbliku inġenerali, b'mod partikolari r-residenti tal-lokal u l-viżitaturi. | **Implimentata** |
| **180 (2023)** | Ikompli wkoll ix-xogħol biex issir ir-Rural Airfield f'Għawdex, li wara konsultazzjoni wiesgħa dwarha hemm applikazzjoni għand l-Awtorità tal-Ippjanar. | Il-pubbliku inġenerali, b'mod partikolari residenti u l-viżitaturi. | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| **250 (2023)** | Jibda x-xogħol fir-restawr tal-akwadotti fil-limiti tar-Rabat, Għawdex, b'valur ta' madwar €2.5 miljun. | Il-pubbliku inġenerali, b'mod partikolari r-residenti u l-viżitaturi. | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |

| Nru | Miżura | Impatt | Stat |
| --- | --- | --- | --- |
| **262 (2023)** | Jitkompla x-xogħol fil-Mużew ta' Għawdex. | Il-pubbliku inġenerali, b'mod partikolari r-residenti u l-viżitaturi. | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| **263 (2023)** | Jitkompla l-proġett tal-bini taċ-Ċentru Akwatiku fir-Rabat, Għawdex. | Kull min jagħmel użu minn faċilitajiet sportivi f'Għawdex, fosthom ir-residenti, partikolarment l-isportivi, persuni b'diżabilità u persuni li għaddejjin minn programm ta' rijabilitazzjoni, il-viżitaturi, l-assoċjazzjonijiet sportivi u l- operaturi fis-settur tat-turiżmu sportiv. | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |







## Minn Baġit 2021

| Nru | Miżura | Stat |
|---|---|---|
| 376 (2021) | Tkomplija tax-xogħol fuq l-Osservatorju Astronomiku Nazzjonali fil-Qortin fin-Nadur. | Implimentata f'Mejju 2023 |

## Minn Baġit 2020

| Nru | Miżura | Stat |
|---|---|---|
| 275 (2020) | L-introduzzjoni tar-raba' vapur li ngħaqad mal-flotta tal-Gozo Channel dan is-sajf, kien proġett pilota li rnexxa. Bl-introduzzjoni tar-raba' vapur ġew eliminati l-kjus u t-tgergir li kien ikun hemm, kemm fl-Imġarr kif ukoll fiċ-Ċirkewwa. Dan għaliex il-ħin sħiħ tat-traġitt bejn iż-żewġ gżejjer naqas b'mod drastiku. Il-Gozo Channel tgħallmet minn din l-esperjenza u issa tinsab f'pożizzjoni ferm aħjar biex tagħmel l-investiment meħtieġ biex ikollha r-raba' vapur. Bħalissa qed isiru l-preparamenti sabiex jitfasslu r-rekwiżiti li r-raba' għandu jkollu. Wara dan il-proċess jibda l-proċess tat-tendering. | Implimentata fi Frar 2023 |
| 276 (2020) | Il-Gozo Channel qed tinvesti f'sistema elettronika tal-biljetti biex timmodernizza din il-parti importanti tal-operazzjoni tagħha filwaqt li ttejjeb il-kontrolli. | Implimentata fi Frar 2023 |
| 280 (2020) | Matul is-sena d-dieħla se nkunu qed nibdew ix-xogħlijiet fuq Triq l-Imġarr li min-Nadur tibqa' nieżla għall-port. | Implimentata f'Jannar 2023 |

MINISTERU
**GĦALL-INTERN, IS-SIGURTÀ, IR-RIFORMI U L-UGWALJANZA**

## Baġit 2023

| Nru | Miżura | Impatt | Stat |
|---|---|---|---|
| 228 (2023) | Malta ser tospita l-avveniment Euro Pride għall-ewwel darba fl-istorja. | Il-Komunità LGBTQI+, dik lokali u internazzjonali u l-popolazzjoni Maltija inġenerali | Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni |
| 229 (2023) | L-inċentivi li ddaħħlu fl-2016 għal persuni li jżommu l-impjieg tagħhom wara li jilħqu l-età tal-pensjoni tagħhom ħallew il-frott. Għalhekk, wasal iż-żmien li nibdew proċess sabiex nestendu dawn l-inċentivi lil dawk l-uffiċjali tal-korpi dixxiplinati li jkomplu jagħtu s-servizz tagħhom wara li jkunu taw 25 sena ta' servizz. Din l-inizjattiva ser tagħti l-opportunità lill-membri tal-korpi dixxiplinati sabiex itejbu l-pensjoni tagħhom bi 23% wara erba' snin ta' servizz addizzjonali. | Il-membri tal-korp dixxiplinati li jkomplu jagħtu s-servizzi tagħhom wara li jkunu taw 25 sena ta' servizz | Implimentata |
| 230 (2023) | Ser indaħħlu kunċett ta' pensjoni tas-servizz għal ħames snin lir-romol ta' uffiċjali fil-forzi dixxiplinati li jkunu ġew nieqsa jew qabel jagħlqu l-25 sena servizz jew fil-perjodu bejn l-għeluq tas-servizz u l-età tal-irtirar. | Romol ta' uffiċjali fil-forzi dixxiplinati li jkunu ġew nieqsa jew qabel jagħlqu l-25 sena servizz jew fil-perjodu bejn l-għeluq tas-servizz u l-età tal-irtirar. | Implimentata |
| 231.1 (2023) | Matul is-sena 2023, kull belt u raħal f'Malta jkunu koperti bis-servizz tal-Community Policing.<br><br>(a) Matul is-sena d-dieħla ser jiġi estiż is-servizz tal-Community Policing ġewwa Ħal Luqa/il-Gudja/Ħal Għaxaq. | Ir-residenti ta' Ħal Luqa/tal-Gudja/Ħal Għaxaq u l-inħawi u kull minn ikollu bżonn servizz mill-uffiċċju tal-komunità f'dan ir-raħal | Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni |



| Nru | Miżura | Impatt | Stat |
|---|---|---|---|
| 231.2<br><br>(2023) | Matul is-sena 2023 kull belt u raħal f'Malta jkunu koperti bis-servizz tal-Community Policing.<br><br>(b) Matul is-sena 2023 ser jiġi estiż is-servizz tal-Community Policing ġewwa n-Naxxar/Ħal Għargħur. | Ir-residenti tan-Naxxar/ Ħal Għargħur u l-inħawi u kull minn ikollu bżonn servizz mill-uffiċċju tal-komunità f'dan ir-raħal | Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni |
| 231.3<br><br>(2023) | Matul is-sena 2023 kull belt u raħal f'Malta jkunu koperti bis-servizz tal-Community Policing.<br><br>(c) Matul is-sena 2023 ser jiġi estiż is-servizz tal-Community Policing ġewwa Birkirkara. | Ir-residenti ta' Birkirkara u l-inħawi u kull minn ikollu bżonn servizz mill-uffiċċju tal-komunità f'dan ir-raħal | Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni |
| 231.4<br><br>(2023) | Matul is-sena 2023 kull belt u raħal f'Malta jkunu koperti bis-servizz tal-Community Policing.<br><br>(d) Matul is-sena 2023 ser jiġi estiż is-servizz tal-Community Policing ġewwa tas-Sliema. | Ir-residenti ta' tas-Sliema u l-inħawi u kull minn ikollu bżonn servizz mill-uffiċċju tal-komunità f'dan ir-raħal | Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni |
| 231.5<br><br>(2023) | Matul is-sena 2023 kull belt u raħal f'Malta jkunu koperti bis-servizz tal-Community Policing.<br><br>(e) Matul is-sena 2023 ser jiġi estiż is-servizz tal-Community Policing ġewwa Ħal Qormi. | Ir-residenti ta' Ħal Qormi u l-inħawi u kull minn ikollu bżonn servizz mill-uffiċċju tal-komunità f'dan ir-raħal | Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni |
| 231.6<br>(2023) | Matul is-sena 2023 kull belt u raħal f'Malta jkunu koperti bis-servizz tal-Community Policing.<br><br>(f) Matul is-sena 2023 ser jiġi estiż is-servizz tal-Community Policing ġewwa ż-Żejtun. | Ir-residenti taż-Żejtun u l-inħawi u kull minn ikollu bżonn servizz mill-uffiċċju tal-komunità f'dan ir-raħal | Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni |
| 232<br>(2023 | Fil-Forzi Armati ta' Malta titkompla t-trasformazzjoni fl-użu ta' binjiet eżistenti bħal Virtual Small Arms Training Simulator b'investiment ta' €1.3 miljun u bini ġdid u faċilitajiet anċillari li ser jammontaw għal investiment ta' madwar €12-il miljun. | | Implimentata |
| 233.1<br>(2023) | Investiment' f'apparat u f'xiri ta' vetturi: Pulizija<br><br>Investiment f'apparat u f'xiri ta' vetturi: Xiri ta' vetturi mhux immarkati b'liverija tal-Pulizija. | Il-Pulizija u l-pubbliku inġenerali | Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni |
| 233.2<br><br>(2023) | Investiment f'apparat u f'xiri ta' vetturi: Pulizija<br><br>Xiri ta' vetturi elettriċi li se jintużaw mill-Pulizija tal-komunità. | Il-Pulizija u l-pubbliku inġenerali | Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni |

| Nru | Miżura | Impatt | Stat |
|---|---|---|---|
| 233.3 (2023) | Investiment f'apparat u f'xiri ta' vetturi:<br><br>Vetturi għat-taqsima tal-K9. | Il-Pulizija u l-pubbliku inġenerali | Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni |
| 233.4 (2023) | Investiment f'apparat u f'xiri ta' vetturi:<br><br>Xiri ta' muturi għat-taqsima tat-traffiku. | Il-Pulizija u l-pubbliku inġenerali | Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni |
| 233.5 (2023) | Investiment f'apparat u f'xiri ta' vetturi:<br><br>Xiri ta' muturi għat-taqsima tas-'CDO'. | Il-Pulizija u l-pubbliku inġenerali | Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni |
| 234 (2023) | Investiment f'apparat u f'xiri ta' vetturi:<br><br>Forzi Armati. | | Implimentata |
| 235.1 (2023) | Xiri ta' fire engines industrijali u domestiċi għall-Protezzjoni Ċivili.<br><br>A) Jinxtraw żewġ Fire Engines Industrijali biex jintużaw għat-tifi tan-nar ta' grad industrijali u bini għoli, mgħammra b'sellum ta' għaxar metri, 5000 litru tal-ilma, tagħmir tas-salvataġġ, ġeneratur, tagħmir tat-tifi tan-nar ieħor assoċjat ma' nirien industrijali, elf litru ta' foam tal-arja kompressata, u pompa b' kapaċità li tarmi 3600 litru fil-minuta. | Id-DPĊ u l-poplu Malti | Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni |



| Nru | Miżura | Impatt | Stat |
|---|---|---|---|
| **235.2**<br><br>**(2023)** | B) Jinxtraw erba' Fire Engines Domestiċi li jintużaw għal nirien ġewwa djar u appartamenti 'High Rise,' fejn se jkunu mgħammra b'sellum ta' għaxar metri, 2500 litru tal-ilma, tagħmir tas-salvataġġ, ġeneratur, tagħmir tat-tifi tan-nar ieħor assoċjat ma' nirien domestiċi, 400 litru ta' foam tal-arja kompressata, kif ukoll 'High Pressure Lance.' | Id-DPĊ u l-poplu Malti | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| **236**<br><br>**(2023)** | Xiri ta' vetturi Hazmat bi trailer għall-Protezzjoni Ċivili.<br><br>Tinxtara vettura kbira li tkun tista' ġġorr l-apparat kollu tal-Hazmat biex tibdel il-vettura li qiegħda tintuża attwalment, dik li kienet inxtrat fl-1991.<br><br>Jinxtara wkoll trailer li jipprovdi mezz ta' dekontaminazzjoni immedjat, liema trailer ser jibdel dak attwali li hu wieħed żgħir. | Id-DPĊ u l-poplu Malti | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| **237**<br><br>**(2023)** | Xiri ta' tagħmir speċifiku tal-vetturi elettriċi għall-Protezzjoni Ċivili.<br><br>Jinxtraw żewġ hook loaders u tliet EV vehicle boxes għal din l-inizjattiva. Iż-żewġ hook loaders jintużaw biex ikunu jistaw iġorru l-EV vehicle boxes.  L-EV Vehicle boxes huma containers speċjalizzati li fih jitpoġġew vetturi elettriċi u jiġu mgħarrqa. | Id-DPĊ u l-poplu Malti | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| **238**<br>**(2023)** | Ser tibda titħaddem il-liġi tal-Moniteraġġ Elettroniku wara l-approvazzjoni mill-Parlament. | Persuni li jkunu bil-Moniteraġġ Elettroniku | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| **239**<br>**(2023)** | Ser tkompli l-ħidma fir-rinnovar tal-binjiet eżistenti tal-Faċilità Korrettiva ta' Kordin. | Ir-residenti u l-ħaddiema tal-Faċilità Korrettiva ta' Kordin - xi 800 persuna bejn residenti tal-Faċilità u ħaddiema | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| **240**<br>**(2023)** | Ser tkompli x-xogħol fil-binja l-ġdida għaċ-ċentru rijabilitazzjoni tal-Faċilità Korrettiva ta' Kordin. | Ir-residenti u l-ħaddiema tal-Faċilità Korrettiva ta' Kordin - xi 1200 persuna bejn residenti tal-Faċilità u ħaddiema | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| **241**<br>**(2023)** | Ser tissaħħaħ is-sigurtà ta' madwar il-bini tal-Ħabs. | Ir-residenti u l-ħaddiema tal-Faċilità Korrettiva ta' Kordin - xi 800 persuna bejn residenti tal-Faċilità u ħaddiema | **Implimentata** |
| **242**<br>**(2023)** | L-Aġenzija għall-Vittmi tal-Kriminalità ser tkun qed topera helpline nazzjonali li tkun aċċessibbli 24 siegħa kuljum, u dan bil-għan li tkompli ssaħħaħ is-servizz ħolistiku lill-vittmi ta' bosta forom ta' kriminalità. | Pubbliku inġenerali | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |

| Nru | Miżura | Impatt | Stat |
|---|---|---|---|
| **243 (2023)** | Wara t-tibdil riċenti li jirrikonoxxi l-femiċidju fil-kodiċi kriminali, ser insaħħu l-kumitat interministerjali biex jassigura ħidma aktar ħolistika mill-entitajiet kollha tal-Gvern kif ukoll mill-istakeholders nazzjonali u għaqdiet non-governattivi. Dan irid isir fil-kuntest tat-tisħiħ tal-Kummissjoni dwar il-Vjolenza abbażi tal-ġeneru u l-vjolenza domestika. | Il-professjonisti li jaħdmu f'dan il-qasam u l-popolazzjoni femminili | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| **244 (2023)** | Ser inwettqu programmi ta' taħriġ għal professjonisti fil-qasam tal-ġlieda kontra l-vjolenza domestika fosthom l-uffiċjali tal-pulizija, professjonisti fil-qasam tas-saħħa u fil-qasam soċjali, edukaturi u l-ġudikatura. | Madwar 150 professjonist | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |

## Minn Baġit 2022

| Nru | Miżura | Stat |
|---|---|---|
| **122 (2022)** | Identity Malta ser tkompli tipprovdi u ssaħħaħ is-servizz tal-e-ID bil-għan li tippromwovi aktar l- istrateġija għat-trasformazzjoni diġitali filwaqt li tnaqqas l-użu tal-karta. | **Implimentata f'Jannar 2023** |
| **285.3 (2022)** | Korpi Dixxiplinati - Tkompli tiġi implimentata l-istrateġija tat-trasformazzjoni li biha qed isir investiment fl-infrastruttura, f'apparat speċjalizzat, vetturi ġodda u taħriġ tar-riżorsi umani.<br><br>(Ċ) Il-Korp tal-Pulizija jkompli jinvesti f'mobile remote and ticketing system devices sabiex inkunu aktar effiċjenti u kontabbli. (Apparat Speċjalizzat) | **Implimentata f'Jannar 2023** |
| **294 (2022)** | Matul is-sena d-dieħla ser jiġi estiż is-servizz tal- Community Policing fil-Mosta. | **Implimentata f'Mejju 2023** |
| **295 (2022)** | Matul is-sena d-dieħla ser jiġi estiż is-servizz tal- Community Policing fil-Mosta/ fl-Imġarr. | **Implimentata f'Mejju 2023** |
| **297 (2022)** | Matul is-sena 2023 ser jiġi estiż is-servizz tal-Community Policing ġewwa l-Imqabba/Ħal Safi/Ħal Kirkop | **Implimentata f'Mejju 2023** |
| **298 (2022)** | Matul is-sena 2023 ser jiġi estiż is-servizz tal-Community Policing ġewwa l-Imqabba/Ħal Safi/Ħal Kirkop | **Implimentata f'Mejju 2023** |

MINISTERU
**GĦAT-TURIŻMU**

## Baġit 2023

| Nru | Miżura | Impatt | Stat |
|---|---|---|---|
| **69 (2023)** | Se jinbeda x-xogħol fuq il-kampus ġdid għall-Istitut tal-Istudji Turistiċi fi Smart City. | Madwar 700 student u 200 ħaddiem fl-ITS | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| **70 (2023)** | L-ITS qiegħda taħdem fuq proċess ta' ristrutturar operattiv li permezz tiegħu ser tkun qiegħda timplimenta l-pjan strateġiku tagħha. | Madwar 700 student u 200 ħaddiem fl-ITS | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| **71 (2023)** | Ser inkunu qed naraw li l-ITS testendi l-ambitu akkademiku tagħha għal programmi akkreditati minnha stess sa livell MQF 7. | Madwar 700 student tal-ITS | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| **101 (2023)** | Ser ikompli l-investiment fl-infrastruttura tal-Malta Film Studios, bil-bini tal-ewwel sound stages f'pajjiżna. | Mal-elf impjegat Malti u mal-elfejn impjegat barrani li jaħdmu fl-industrija ċinematografika kif ukoll madwar 400 negozju Malti li b'xi mod imissu mal-industrija tal- films | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| **103 (2023)** | Noħolqu industrija tal-films sostenibbli bbażata fuq karrieri, fejn minn settur staġjonali jkompli jinqaleb għal settur li joffri xogħol matul is-sena kollha. | Il-pubbliku inġenerali u dawk li huma interessati jaħdmu fl-industrija tal-films | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| **106 (2023)** | Il-Fondazzjoni għall-Iżvilupp taż-Żoni Turistiċi ser tinbidel fl-Aġenzija għal Riġenerazzjoni għall-Iżvilupp taż-Żoni Turistiċi. L-Aġenzija ser tkompli tiffoka fuq il-formulazzjoni u l-implimentazzjoni ta' pjanijiet ta' riġenerazzjoni, kif ukoll l-introduzzjoni u l-implimentazzjoni tal-kunċett tat-Town Centre Management bi proġett pilota ġewwa Paceville, il-manutenzjoni tal-bajjiet u l-ħarsien tal-ambjent ħolistiku taż-żoni turistiċi. | Ministeru għat-Turiżmu | **Implimentata** |

## Minn Baġit 2020

| Nru | Miżura | Stat |
|---|---|---|
| 102 (2020) | Aktar Riġenerazzjoni u Tisbiħ. F'Birżebbuġa jsir xogħol ta' preparazzjoni għal sit għall-ikkampjar. | Implimentata f'Marzu 2023 |



MINISTERU
**GĦALL-AMBJENT,
L-ENERĠIJA U
L-INTRAPRIŻA**

## Baġit 2023

| Nru | Miżura | Impatt | Stat |
|---|---|---|---|
| **76 (2023)** | Ser inkunu qed inniedu one-stop shop taħt il-brand Start f'Malta. Dan il-one-stop shop ser joffri servizzi ta' assistenza sabiex aktar start-ups ikunu jistgħu jiġu stabbiliti f'pajjiżna kif ukoll assistenza fl-applikazzjonijiet tal-iskemi amministrati minn Malta Enterprise u entitajiet oħrajn f'pajjiżna. | Kumpaniji start-ups eżistenti u prospettivi | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| **77 (2023)** | Ser naraw ukoll li nniedu f'pajjiżna l-EU Start-ups Summit. Konferenza internazzjonali li ġġib lejn pajjiżna wħud mill-aqwa start-ups Ewropej. | Parteċipanti fl-EU Start-ups Summit | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| **82 (2023)** | Malta Enterprise ser tkun qed tirdoppja l-assistenza finanzjarja f'forma ta' cash grants għal kumpaniji Maltin kollha li jinvestu fi proġetti diġitali u sostenibbli. Fil-fatt, issa l-għotja se tkun qed tkopri 50% tal-investiment eliġibbli, sa massimu ta' €100,000. | Kumpaniji li jinvestu fi proġetti diġitali u sostenibbli | **Implimentata** |
| **83 (2023)** | In-negozji Għawdxin kif ukoll start-ups ser jibqgħu jibbenefikaw minn assistenza finanzjarja addizzjonali ta' 10% f'forma ta' kreditu ta' taxxa, liema għotja tista' tirdoppja għal 20% jekk il-kumpaniji jinvestu fi proġetti li jnaqqsu l-carbon footprint tal-operat. | Kumpaniji li jinvestu fi proġetti diġitali u sostenibbli | **Implimentata** |
| **84 (2023)** | Ser inkunu qegħdin nirduppjaw ukoll il-kreditu ta' taxxa li dawn in-negozji jistgħu jibbenefikaw minnu, meta jinvestu fil-kumpaniji tagħhom stess. | Kumpaniji li jinvestu fi proġetti diġitali u sostenibbli | **Implimentata** |
| **85 (2023)** | L-intrapriżi Maltin ser ikunu jistgħu jibbenefikaw minn massimu ta' €40,000 fi kreditu ta' taxxa meta jinvestu fi proġetti diġitali, proġetti li jnaqqsu l-konsum tal-enerġija u l-ilma jew f'investimenti li jżidu l-effiċjenza billi jnaqqsu l-ħela ta' materja prima jew skart. Minn din iż-żieda ser ikunu jistgħu jibbenefikaw in-negozji kollha f'pajjiżna, inkluż dawk żgħar u medji, dawk li jaħdmu għal rashom u anke n-negozji tal-familja. | Kumpaniji li jinvestu fi proġetti diġitali u sostenibbli | **Implimentata** |
| **86 (2023)** | Il-Malta Enterprise ser tkun qiegħda tiżviluppa linji gwida biex il-kumpaniji jiksbu l-kredenzjali tal-ESG (Environmental, Social, Governance). Dan il-proċess ser nestenduh ukoll f'forma ta' sapport tekniku għan-negozji żgħar u medji permezz ta' kollaborazzjoni ma' pajjiżi Ewropej li bħalna jridu jixprunaw lin-negozji tagħhom sabiex jagħmlu din il-qabża fil-kwalità. | Negozji varji, inklużi dawk żgħar u medji | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |

| Nru | Miżura | Impatt | Stat |
|---|---|---|---|
| **88 (2023)** | Qegħdin nestendu l-iskema biex jiġi rikonoxxut l-investiment li sar minn gruppi ta' kumpaniji, biex sostnew negozji milquta mill-Covid-19. B'hekk gruppi ta' kumpaniji li kellhom allowances tal-kapital mhux assorbiti jew mhux użati fis-sena 2020 u 2021 minħabba telf imġarrab fil-pandemija jkunu jistgħu japplikaw għal dan il- benefiċċju ta' tnaqqis fit-taxxa kontra kwalunkwe dħul taxxabbli minn kumpaniji oħra, li jifformaw parti mill-istess grupp, għas-sena 2022 (Sena ta' Assessjar 2023) ukoll. | Gruppi ta' kumpaniji ta' negozji milquta mill-COVID 19. | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| **89 (2023)** | Mis-sena d-dieħla n-negozji Maltin ser ikunu jistgħu jibbenefikaw minn assistenza finanzjarja ta' €50,000 flok €25,000, bħala inċentiva ta' sussidju ta' din il-kera. | Negozji varji | **Implimentata** |
| **90 (2023)** | Ser nirduppjaw ukoll il-perjodu li fih in-negozji tagħna ser ikunu jistgħu jibbenefikaw minn skema inċentiva ta' sussidju ta' din il-kera, minn tliet snin sa massimu ta' sitt snin. | Negozji varji | **Implimentata** |
| **98 (2023)** | Ser jibdew jiġu estiżi numru ta' benefiċċji li bħalissa jinsabu disponibbli biss għal kumpaniji kummerċjali sabiex dawn jiġu disponibbli wkoll għal Intrapriżi Soċjali stabbiliti f'pajjiżna. L-ewwel skema li ser tiġi estiża għal intrapriżi soċjali hija l-iskema Micro Invest. Permezz ta' din il-miżura, intrapriżi soċjali ser ikunu eliġibbli għal kreditu mit-taxxa li jista' jilħaq is-€70,000 mifruxin fuq tliet snin. | Intrapriżi soċjali | **Implimentata** |
| **181 (2023)** | L-investiment fin-network tad-Distribuzzjoni tal-Enemalta ser ikompli, biex permezz tiegħu, intejbu l-kwalità tas-servizz u niżguraw li l-grid ikun jiflaħ għal elettriku minn sorsi rinnovabbli. | Il-pubbliku inġenerali | **Implimentata** |



| Nru | Miżura | Impatt | Stat |
|---|---|---|---|
| 182 (2023) | Estiżi skemi għall-installazzjoni ta' pannelli tax-xemx u batteriji għall-ħażna tal-enerġija rinnovabbli. | Familji u sidien ta' djar li japplikaw għall-iskema għal pannelli fotovoltajċi flimkien ma' batteriji għall-ħażna tal-enerġija | Implimentata |
| 183 (2023) | Estiżi skemi għall-installazzjoni ta' heat pump water heaters u solar water heaters. | Familji u sidien ta' djar li japplikaw għall-iskema għal solar water heaters u heat pump water heaters | Implimentata |
| 184 (2023) | Estiżi skemi għal restawr ta' bjar ta' djar antiki. | Familji u sidien ta' djar li jixtiequ jieħdu vantaġġ mill-iskema tar-restawr ta' bjar fi djar residenzjali | Implimentata |
| 185 (2023) | Ser ikunu allokati 8MW bħala skema ta' Feed In Tariff għal fotovoltajċi ta' inqas minn 40kWp għad-djar u nestendu l-iskemi tal-FIT għad-djar residenzjali fuq 20 sena. | Familji u sidien ta' djar u intrapriżi li jixtiequ jieħdu vantaġġ mill-Feed-in-tariff għal elettriku ġġenerat minn installazzjonijiet fotovoltajċi solari | Implimentata |
| 186 (2023) | Ikompli għaddej ix-xogħol biex ikollna 1,200 punt ieħor tal-iċċarġjar sal-2024 mat-340 li diġà hemm. | Il-pubbliku inġenerali | Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni |
| 187 (2023) | Inkomplu ninkoraġġixxu kumpaniji privati u negozji biex jaqilbu l-flotta tagħhom għal waħda elettrika billi jibbenefikaw minn self bla interessi sabiex jikkumplimentaw l-investiment li jagħmlu f'vetturi elettriċi u charging stations. | Kumpaniji privati u negozji | Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni |
| 189 (2023) | Enerġija Rinnovabbli Offshore: Ser inkunu qed inniedu l-fażi ta' implimentazzjoni billi nistiednu parteċipazzjoni mis-settur privat permezz ta' investiment f'dan il-qasam. | Il-pubbliku inġenerali u entitajiet pubbliċi konċernati inklużi l-EWA, ir-REWS, l-Era u l-PA | Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni |
| 190 (2023) | Ser titwaqqaf aġenzija ġdida sabiex tikkordina l-implimentazzjoni ta' waħda mill-miżuri ewlenin tal-Manifest Elettorali tal-Gvern, jiġifieri l-allokazzjoni ta' €700 miljun fuq medda ta' seba' snin għal proġetti ambjentali.<br><br>Dawn il-proġetti ser iwasslu għal aktar ġonna, proġetti ta' tħaddir urban u aktar spazji miftuħa li jistgħu jitgawdew mill-familji Maltin u Għawdxin. | Il-pubbliku inġenerali | Implimentata |
| 191 (2023) | Proġetti ġodda Green Urban:<br><br>f'Bormla. | Il-pubbliku inġenerali | Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni |

| Nru | Miżura | Impatt | Stat |
|---|---|---|---|
| **192 (2023)** | Proġetti ġodda Green Urban:<br><br>f'Birżebbuġa. | Il-pubbliku inġenerali | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| **193 (2023)** | Proġetti ġodda Green Urban:<br><br>Fil-Ħamrun.<br><br>Il-fabbrika tal-ħalib li hemm fil-Ħamrun ser titwaqqa' u minflokha ser jinbena parkeġġ taħt l-art bi spazju aħdar miftuħ fuqu. | Il-pubbliku inġenerali | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| **194 (2023)** | Proġetti ġodda Green Urban:<br><br>Fil-Marsa. | Il-pubbliku inġenerali | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| **195 (2023)** | Proġetti ġodda Green Urban:-<br><br>Fis-Siġġiewi | Il-pubbliku inġenerali | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| **196 (2023)** | Proġetti ġodda Green Urban:-<br><br>F'San Ġwann. | Il-pubbliku inġenerali | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| **197 (2023)** | L-aġenzija ser tikkordina wkoll proġetti ta' green urban reclamation. Fost tal-ewwel hemm il-proġett li ser isir flimkien mal-Wasteserv Malta, f'dak li kien l-impjant tar-riċiklaġġ ta' Sant'Antnin li ser ikun ikkonvertit għal żona oħra miftuħa għall-familji, li tingħaqad ma' diversi ġonna li tlestew iktar kmieni din is-sena. | Il-pubbliku inġenerali | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| **198 (2023)** | Tkompli l-ħidma fuq spazji akbar bħal Park ta' San Klement f'Ħaż- Żabbar. | Pubbliku inġenerali | **Implimentata** |
| **199 (2023)** | Jitlestew ix-xogħlijiet fil-Park tal-Majjistral. | Il-pubbliku inġenerali | **Implimentata** |
| **200 (2023)** | Jitkompla x-xogħol fil-Park ġewwa Wied il-Għajn. | Il-pubbliku inġenerali | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| **202.1 (2023)** | Ser inkomplu bir-rijabilitazzjoni ta' diversi widien.<br><br>(a) Wied Għajn Riħana | Il-pubbliku inġenerali | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| **202.2 (2023)** | Ser inkomplu bir-rijabilitazzjoni ta' diversi widien.<br><br>(b) Wied Qannotta | Il-pubbliku inġenerali | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |

| Nru | Miżura | Impatt | Stat |
|---|---|---|---|
| **203 (2023)** | Matul is-sena li ġejja ser inniedu programm ta' investiment fi green urban areas kemm b'fondi nazzjonali kif ukoll permezz tal-fondi mill-Unjoni Ewropea. | Il-pubbliku inġenerali | **Implimentata** |
| **204 (2023)** | Ser ninvestu wkoll fit-tisħiħ tal- bijodiversità b'investiment f'żoni Natura 2000. | Il-pubbliku inġenerali | **Implimentata** |
| **205 (2023)** | Ser ninvestu wkoll fit-tisħiħ tal- bijodiversità b'investiment fil-Marine Protected Areas (MPAs). | Il-pubbliku inġenerali | **Implimentata** |
| **207 (2023)** | Filwaqt li għaddejjin b'ħidma estensiva fuq l-akbar investiment li qatt sar fis-settur tal-immaniġġjar tal-iskart f'pajjiżna, il-proġett EcoHive, sal-bidu tal-2023 ser jibda jopera wkoll il-Multi-Material Recovery Facility ġewwa Ħal Far. Dan ser jgħin fir-riċiklaġġ ta' diversi materjali li altrimenti jispiċċaw fil-miżbla. | Il-pubbliku inġenerali | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| **208 (2023)** | Ser inniedu proġett ta' madwar €50 miljun f'Organic Processing Plant sabiex anke f'dan il-qasam inkunu aktar effiċjenti u nimmassimizzaw l-użu tal-iskart f'pajjiżna. Infatti, dan l-impjant ser irendi kemm enerġija elettrika kif ukoll kompost għas-settur agrikolu. | Il-pubbliku inġenerali | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| **209 (2023)** | Ser nintroduċu gate fees ġodda mill-1 ta' Jannar 2023 biex innaqqsu l-ammont ta' skart li jispiċċa fil-miżbla u ninkoraġġixxu dejjem iktar is-separazzjoni ta' skart. | Is-settur kummerċjali tal-industrija | **Implimentata** |
| **210 (2023)** | Ser niftħu wkoll Material Recovery Facility ġewwa l-Magħtab li ser tgħin biex inkomplu nżidu r-rata ta' riċiklaġġ. | Il-pubbliku inġenerali | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |



| Nru | Miżura | Impatt | Stat |
|---|---|---|---|
| 211 (2023) | Ser tkun qed tinbena Skip Management Facility li biha ser innaqqsu madwar 47,000 tunnellata ta' skart goff mill-miżbla u minflok jibda jiġi sseparat u pproċessat sabiex jintlaħqu l-miri tar-riċiklaġġ. | Il-pubbliku inġenerali | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| 212 (2023) | Ser nintroduċu miżuri li jinkludu l-użu mill-ġdid ta' ilma griż trattat (grey water), u t-trattament ta' ilma mormi minn negozji jew intrapriżi li joperaw tul il-kosta. | Il-pubbliku inġenerali | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| 213 (2023) | Tkompli l-ħidma biex jinbidlu madwar 40 kilometru ta' mejnijiet antiki tal-ilma. | Il-pubbliku inġenerali | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| 214 (2023) | Ser isir mejn ġdid ta' trasferiment tal-ilma bejn l-impjant tar-Reverse Osmosis fiċ-Ċirkewwa u l-ġibjuni ta' Ta' Qali b'investiment ta' €11-il miljun. | Il-pubbliku inġenerali | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| 215 (2023) | Ser isir mejn li jwassal l-ilma min-Naxxar sas-Salini bi spiża ta' €3.5 miljun. | Il-pubbliku inġenerali speċjalment fl-inħawi tal-Qawra u Buġibba. | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| 216 (2023) | Inwettqu proġett li ser jindirizza żbroffi ta' drenaġġ fl-inħawi tal-Marsa. | Madwar 150 resident u negozji fil-Marsa fl-inħawi ta' Triq is-Sajjieda | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |

## Minn Baġit 2022

| Nru | Miżura | Stat |
|---|---|---|
| 150 (2022) | Spazji ħodor f'żoni urbani, ġonna u parks - f'Ħaż-Żabbar. Ser inkunu qed nagħmlu wkoll provvediment sabiex, ladarba jitlesta, dan il-proġett jibqa' jinżamm fi stat tajjeb ta' manutenzjoni. | **Implimentata f'April 2023** |
| 165 (2022) | Tkompli l-ħidma fuq spazji akbar bħall-Park tal-Familja f'Bengħajsa. | **Implimentata f'Jannar 2023** |
| 196 (2022) | Wara s-suċċess tal-proġett pilota ta' batteriji għall-ħażna tal-enerġija rinnovabbli fiċ-Ċentru edukattiv l-Għajn, l-Aġenzija għall-Enerġija u l-Ilma ser tniedi żewġ proġetti oħra f'binjiet pubbliċi sabiex tiġi esebita l-applikazzjoni ta' din it-teknoloġija f'Malta. | **Implimentata f'April 2023** |

## Minn Baġit 2020

| Nru | Miżura | Stat |
|---|---|---|
| 266 (2020) | Miżuri dwar tnaqqis ta' burokrazija għall-intrapriżi. Se jiġi varat Business Portal interattiv li se juża l-aktar teknoloġija moderna biex jinkisbu effiċjenzi kemm għas-settur pubbliku u anke dak privat. | **Implimentata f'Ġunju 2023** |

## Minn Baġit 2017

| Nru | Miżura | Stat |
|---|---|---|
| 23 (2017) | Ser jibdew jinbnew l-ewwel solar farms bi ftehim bejn il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, il-GRTU u l-Malta Developers Association. Is-sena d-dieħla jibda l-installar tal-pannelli.<br>(a) Reservoir Ta' Tomna, il-Mellieħa<br>(b) Reservoir Ta' Qali<br>(ċ) Reservoir Ta' Ċenċ | **Implimentata fi Frar 2023** |



MINISTERU
**GĦALL-FINANZI U X-XOGĦOL**

## Baġit 2023

| Nru | Miżura | Impatt | Stat |
|---|---|---|---|
| **4 (2023)** | Ser jiġi introdott mekkaniżmu tal-COLA ġdid għal dawk l-iktar vulnerabbli. | 48,000 familja | **Implimentata** |
| **5 (2023)** | Il-limitu ta' dħul mill-pensjoni li mhux taxxabbli ser nerġgħu ngħolluh b'kemm se jkunu qed jogħlew il-pensjonijiet sabiex min jaqla' sal-ekwivalenti tal-pensjoni massima jibqa' ma jkunx taxxabbli. B'hekk dan l-ammont is-sena d-dieħla ser jitla' għal €14,968. | 70,000 pensjonant | **Implimentata** |
| **6 (2023)** | Se ndaħħlu wkoll limitu ġdid li jikkonċerna pensjonanti li twieldu mill-1962 'il quddiem li se jkun abbinat mal-ogħla pensjoni li tali persuni jkunu jistgħu jirċievu. | 70,000 pensjonant | **Implimentata** |
| **27 (2023)** | Sabiex nindirizzaw ir-realtà li jiffaċċjaw ġenituri ta' tfal b'diżabilità li jagħmlu użu minn terapiji offruti b'xejn mill-Gvern u li jinvestu minn buthom eluf ta' ewro kull sena f'terapiji oħra għal uliedhom, il-Gvern ser ikun qed jagħti tax credit ta' €200 kull sena lill-ġenituri għal kull tifel jew tifla b'diżabilità. | | **Implimentata** |
| **48 (2023)** | Jibda x-xogħol fuq ir-rakkomandazzjonijiet numru 38, 39 u 40 tal-politika nazzjonali għax-xogħol, fejn fihom ser naraw li pajjiżna jkollu l-viżibilità u l-għarfien meħtieġ biex jintroduċi politiki sensibbli fil-qasam tal-ħaddiema minn pajjiżi terzi. Fost dawn il-miżuri hemm li nsaħħu l-kapaċità ta' riċerka analitika tas-suq, biex permezz tat-teknoloġija niffaċilitaw il-bżonnijiet temporanji u ċikliċi kemm tal-ħaddiem u kemm ta' min iħaddem kif ukoll biex nevalwaw il-bżonnijiet tan-negozji u l-ħiliet li s-suq b'mod preżenti ma jistax jimla. | | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |



| Nru | Miżura | Impatt | Stat |
|---|---|---|---|
| **49 (2023)** | Ser jitnieda proċess ta' konsultazzjoni biex tiġi mibnija politika nazzjonali għal ekonomija migratorja, li tiġi rakkomandazzjoni 22 tad-dokument tal-Politika Nazzjonali għax-Xogħol, fejn fiha ser naraw il-passi li jeħtieġu jsiru filwaqt li nimxu 'l quddiem b'mod sostenibbli għall-pajjiż. | Min iħaddem | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| **50 (2023)** | Ser jingħata Tax Refund. Iċ-ċekk ser ikun bejn €60 u €140, bl-ogħla rifużjoni tibqa' tingħata lil dawk bl-aktar dħul baxx. | Aktar minn 250,000 persuna li taħdem u li taqla' anqas minn €60,000 fis-sena | **Implimentata** |
| **51 (2023)** | 40% tad-dħul mill-pensjoni mhux ser jiġi kkalkulat għal fini tat-taxxa, għal dawk il-pensjonanti li ser jibqgħu attivi fid-dinja tax-xogħol. | 70,000 pensjonant | **Implimentata** |
| **52 (2023)** | In-Work Benefit għal ħaddiema b'ħinijiet atipiċi.<br><br>Ser tiġi estiża billi dawn il-ħaddiema ser ikunu qed jirċievu ċekk ta' €150 oħra. | Madwar 20,000 ħaddiem li jaħdmu xogħlijiet atipiċi | **Implimentata** |
| **53 (2023)** | Tnaqqis fit-taxxa tad-dħul għal awturi u ko-awturi. Fil-leġiżlatura li għaddiet naqqasna t-taxxa fuq dħul li jirċievu awturi u ko-awturi minn royalties fuq bejgħ ta' kotba tagħhom għal 15%. Irridu nagħtu l-appoġġ kollu possibbli lill-Letteratura u lill-awturi Maltin u għalhekk ser nerġgħu nnaqqsu din it-taxxa bin-nofs għal 7.5%. | Awturi ta' kotba | **Implimentata** |
| **66 (2023)** | Ser inkomplu bl-iskema tal-Youth Guarantee b'investiment ta' madwar €10 miljun. | Madwar 500 żagħżugħ/a li mhux qegħdin jattendu edukazzjoni, xogħol jew taħriġ u żgħażagħ f'riskju li jaqgħu fil-kategorija NEET | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| **67 (2023)** | Jitkomplew ukoll l-iskemi ta' taħriġ bħat-Training for Employment u Investing in Skills u l-iskemi Access to Employment u Vaste. | Madwar 18,000 benefiċjarju tal-iskemi Access to Employment, Investing in Skills u Training for Employment<br><br>Madwar 2,162 persuna b'diżabilità (59%) u individwi vulnerabbli | **Implimentata** |
| **99 (2023)** | Nestendu l-konċessjoni fuq it-tnaqqis fit-taxxa tal-boll minn 5% għal 1.5% meta negozji tal-familja jiġu trasferiti intervivos lill-ulied u ġenerazzjonijiet iżgħar. | Madwar 30 ulied jew ġenerazzjoni iżgħar li jibbenefikaw mit-trasferiment ta' negozju tal-familja. | **Implimentata** |
| **104 (2023)** | Jiġi propost li jsir tibdil meħtieġ biex naġġornaw il-liġi rigward dawn il-programmi ta' residenza kif wkoll l-amministrazzjoni fil-prattika tagħhom. | Madwar 13,000 persuna | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |

| Nru | Miżura | Impatt | Stat |
|---|---|---|---|
| 151 (2023) | Ser nkomplu nħaddmu skemi relatati ma' inċentivi fiskali għal proprjetà isbaħ. | | Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni |
| 152 (2023) | Fl-ewwel kwart tas-sena d-dieħla ser jitwaqqaf ukoll il-Bord għal proprjetajiet ġodda li jiġu mibnija u rfinati skont linji gwida ta' kwalità u estetika li ser jiġu stabbiliti sabiex kif imwiegħed sidien ta' dawn il-proprjetajiet ikunu jistgħu wkoll jibbenefikaw mit-traħħis fit-taxxa u l-għotjiet. | | Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni |
| 245 (2023) | Fejn ikun hemm bżonn ser ikomplu jsiru riformi sabiex il-fiduċja li ksibna fl-istituzzjonijiet tkompli tissaħħaħ. Għal dan il-għan, ser niżguraw li entitajiet bħall-FIAU, il-Malta Business Registry, l-MFSA, il-Pulizija, id-Dipartiment tat-Taxxi Interni, l-Asset Recovery Bureau u oħrajn jingħataw is-sapport kollu meħtieġ sabiex jibqgħu jagħmlu x-xogħol tagħhom b'mod effettiv. B'hekk inkomplu naċċertaw li l-entitajiet liċenzjati ġewwa Malta ma jiġux użati għal ħasil ta' flus u finanzjament tat-terroriżmu. | Madwar 200 persuna impjegati mal-entitajiet involuti fid-diskussjonijiet | Implimentata |

## Minn Baġit 2022

| Nru | Miżura | Stat |
|---|---|---|
| 59 (2022) | Tiġi esplorata l-possibilità biex jiġi kkreat fond b'rati vantaġġjużi u termini ta' pagament iżjed ħfief għal dawk il-koppji bi dħul baxx. | Implimentata f'Ġunju 2023 |
| 64 (2022) | Ċensiment tal-Ħiliet tal-Ħaddiema. Dan iċ-ċensiment ser ikun l-ewwel wieħed tax-xorta tiegħu mhux biss f'pajjiżna iżda anke fl-Ewropa b'investiment totali ta' €2 miljun. Biex dan iċ-ċensiment jibqa' aġġornat fil-futur, ser naraw li dan il-proċess ikun wieħed diġitali. | Implimentata f'Ġunju 2023 |



## Minn Baġit 2020

| Nru | Miżura | Stat |
|---|---|---|
| 310 (2020) | Aktar investiment fid-Dwana. Se jkun hemm investiment f'xiri ta' żewġ magni għal scanning tal-bagalji. | Implimentata f'Ġunju 2023 |

## Minn Baġit 2016

| Nru | Miżura | Stat |
|---|---|---|
| 281 (2016) | Esplorazzjoni taż-Żejt u Gass u Minerali. Fil-qasam tat-tfittix għaż-żejt, il-Gvern qiegħed fil-proċess li jiġbor informazzjoni ġeofiżika ġdida u li jirriproċessa informazzjoni siżmika li nġabret fil-passat. Fl-istess ħin il-Gvern se jkompli jagħmel tibdil fil-leġiżlazzjoni li tirregola dan il-qasam u se jkomplu bl-inizjattivi sabiex informazzjoni tal-passat tinqaleb f'format diġitali.<br>(a) Informazzjoni Ġeofiżika<br>(b) Informazzjoni Siżmika<br>(ċ) Emendi fil-Leġislazzjoni tal-Petroleum<br>(d) L-Informazzjoni tal-Passat Tinqaleb f'Format Diġitali | Implimentata f'Ġunju 2023 |



MINISTERU

GĦALL-EDUKAZZJONI,
SPORT, ŻGĦAŻAGĦ,
RIĊERKA U INNOVAZZJONI

## Baġit 2023

| Nru | Miżura | Impatt | Stat |
|---|---|---|---|
| **3 (2023)** | L-istipendji tal-istudenti ser ikunu qed jiżdiedu pro-rata | Madwar 16,500 student | **Implimentata** |
| **20 (2023)** | Minbarra l-għotja ta' €10,000 fis-sena biex il-kapijiet tal-iskola jiżguraw li t-tfal ma jkunx jonqoshom affarijiet bażiċi fosthom ikel u riżorsi, l-allokazzjoni ta' fondi għall-iskejjel għandha tirrifletti r-realtà ta' dik l-iskola. Flimkien mal-iskejjel u tim ta' professjonisti multidixxiplinari ser infasslu programmi mmirati biex nindirizzaw dawn l-isfidi li jħabbtu wiċċhom magħhom it-tfal. L-iskejjel li qed jirċievu l-akbar numru ta' studenti li ġejjin minn ambjent diffiċli ser jirċievu allokazzjoni ta' fondi akbar, kif ukoll ir-riżorsi kollha meħtieġa biex iwettqu dan il-programm. | Madwar 1,800 familja bi dħul baxx li wliedhom jattendu l-iskejjel tal-istat | **Implimentata** |
| **21 (2023)** | Ser inwessgħu l-iskema 9 biex it-tfal eliġibbli ma jkollhomx jagħżlu mis-servizzi offruti, iżda jkunu eliġibbli għalihom kollha. | Madwar 2,500 tifel/tifla | **Implimentata** |
| **57 (2023)** | Matul is-sena d-dieħla ser jitlesta x-xogħol fl-Iskola ta' Ħal Għaxaq. | Madwar 400 student li jattendi l-iskola primarja ta' Ħal Għaxaq u l-ħaddiema li jaħdmu fl-iskola | **Implimentata** |
| **58 (2023)** | Matul is-sena d-dieħla ser jitlesta x-xogħol fl-Iskola tal-Imsida. | Madwar 500 student li jattendi l-iskola Primarja tal-Imsida u l-ħaddiema li jaħdmu fl-iskola | **Implimentata** |
| **59 (2023)** | Matul is-sena d-dieħla ser jitlesta x-xogħol fl-Iskola tal-Primarja fir-Rabat, Malta. | L-istudenti li jattendu l-iskola primarja tar-Rabat u l-ħaddiema li jaħdmu fl-iskola | **Implimentata** |
| **60 (2023)** | Matul is-sena d-dieħla ser jitlesta x-xogħol fil-bini ta' kumpless sportiv fl-Iskola ta' Santa Luċija. | Madwar 500 student li jattendi l-iskola ta' Santa Luċija u l-ħaddiema li jaħdmu fl-iskola | **Implimentata** |
| **64 (2023)** | Ser nestendu l-inizjattiva one-tablet-per-child u nqassmu laptop ġdid lil kull student fis-seba' sena mis-sena skolastika li jmiss. | 22,500 student | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| **65 (2023)** | Ser insaħħu l-programmi eżistenti ta' boroż ta' studju u tax-credits għal dawk l-istudenti li jixtiequ javvanzaw bl-istudji tagħhom fil- livell ta' Masters u Dottorat, anke permezz ta' fondi taħt il-Fond Soċjali Ewropew. | Madwar 500 applikant | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |



| Nru | Miżura | Impatt | Stat |
|---|---|---|---|
| 68 (2023) | Fuq livell nazzjonali ser nissoktaw bid-diskussjonijiet biex jitlesta u jiġi ppreżentat l-Att għall-Università. Din il-liġi ser tkun marbuta mal-Att dwar l-Edukazzjoni li daħal fis-seħħ lejn tmiem is-sena li għaddiet u tikkumplimenta l-Att għall-MCAST. | Studenti u Professjonisti fl-Università ta' Malta | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| 72 (2023) | F'Jannar li ġej ser jibdew id-diskussjonijiet dwar ftehim settorjali ġdid għall-edukaturi. | Madwar 8,000 edukatur impjegati fis-Servizz Pubbliku u dawk fl-Iskejjel tal-Knisja | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| 73 (2023) | Ser inżidu l-investiment fir-riċerka u l-innovazzjoni fosthom permezz ta' programm ġdid Technology Extension Support b'investiment sostanzjali ta' €5 miljun fejn permezz tal-parteċipazzjoni mis-settur privat. Ser niffinanzjaw proġetti innovattivi f'diversi oqsma. | Stakeholders fis-settur akkademiku u privat li japplikaw għal fondi f'oqsma tar-riċerka u l-innovazzjoni | **Implimentata** |
| 74 (2023) | Ser inwessgħu wkoll il-parteċipazzjoni fil-programm Horizon Europe. | Stakeholders fis-setturi pubbliċi, privati u akkademiċi interessati li jipparteċipaw fil-Programm Horizon Europe | **Implimentata** |
| 75 (2023) | Ser insaħħu n-National STEM Community Fund. | Stakeholders fis-setturi pubbliċi, privati u NGOs, flimkien ma' riċerkaturi u ċittadini | **Implimentata** |
| 102 (2023) | L-edukazzjoni u t-taħriġ tan-nies f'din l-industrija tal-films, ser isaħħu l-kwalità, il-kompetittività u ser jgħinu biex aktar Maltin jidħlu jaħdmu fil-produzzjonijiet li jagħżlu lil pajjiżna. | Madwar 300 ħaddiem fl-industrija tal-films | **Implimentata** |

| Nru | Miżura | Impatt | Stat |
|---|---|---|---|
| **254 (2023)** | Ser inżidu l-ħin u jiġi stabbilit in-numru ta' lezzjonijiet minimu tal- Edukazzjoni Fiżika. Diġà qed nistudjaw proġett pilota li għaddej biex nimxu lejn mudell fejn it-tfal ikollhom sessjoni waħda ta' attività fiżika kuljum. | Madwar 13,500 student | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| **255 (2023)** | Wara li ġew sottomessi l-pjanti għall-bini ta' ċirkwit ġdid f'Ħal Far, ser naraw li dan jinbena u jitlesta f'din il-leġiżlatura. L-investiment min-National Development and Social Fund (l-NDSF) għall-bini ta' Ċentru Nazzjonali tal-Motorsport f'Ħal Far ser jara upgrade tat-trakki eżistenti tad-drag racing u l-karting. Dan iċ-ċirkwit ser jgħolli l-livell tal-motorsports u jattira kampjonati ġodda lejn pajjiżna. | Dilettanti tal-motorsport | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| **256 (2023)** | B'investiment li jlaħħaq €9 miljun ser inkomplu bl-investiment biex inbiddlu l-Kumpless Sportiv tal-Marsa f'hub sportiv ta' livell internazzjonali kif ukoll bl-investiment biex il-korsa tal-atletika tal-Marsa tinbidel fi trakka tal-aqwa livell. | Atleti li jipprattikaw squash/weightlifting/ ġinnastika/atletika | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| **257 (2023)** | Naraw li jitlestew f'din il-leġiżlatura l-pixxina ta' daqs olimpiku f'Bormla. | Atleti li jipprattikaw dixxiplini fl-għawm | **Implimentata** |
| **258 (2023)** | Naraw li jitlestew f'din il-leġiżlatura x-xogħol fuq il-faċilitajiet sportivi f'dik li kienet l-iskola Maria Assunta fil-Ħamrun. | Atleti li jipprattikaw il-Handball | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| **259 (2023)** | Ser jissoktaw il-preparamenti biex pajjiżna jospita b'suċċess il-Logħob għall-Pajjiżi ż-Żgħar fl-2023. | Atleti f'diversi dixxiplini sportivi | **Implimentata** |
| **260 (2023)** | Qed inħejju għall-UEFA Under-19 European Championship fl-2023. | Tmien timijiet | **Implimentata** |
| **261 (2023)** | Tkomplija tar-rinnovar ta' numru ta' faċilitajiet sportivi. | Atleti li jipprattikaw dixxiplini fl-għawm u fl-isparar | **Implimentata** |
| **264 (2023)** | Ser inżidu t-tax rebate minn €100 għal €300 fis-sena għall-ġenituri li jibagħtu lil uliedhom għal attivitajiet sportivi. | 10,000 tifel/tifla | **Implimentata** |

## Minn Baġit 2022

| Nru | Miżura | Stat |
|---|---|---|
| 44 (2022) | Tingħata għotja b'medja ta' €10,000 fis-sena lil kull kap ta' skola tal-istat minn Kinder sa Sekondarja b'nefqa ta' miljun ewro, u jekk hemm bżonn din tiżdied, biex jaraw li t-tfal taħt is-superviżjoni tagħhom ma jkunux neqsin minn affarijiet bħall-ikel jew riżorsi bażiċi. Ser naraw li dawn il-flus ikunu disponibbli. | Implimentata f'Marzu 2023 |
| 95 (2022) | It-tnedija ta' programm ġdid imsejjaħ Go to Market. Dan il-programm għandu l-għan li jilħaq il-qofol ta' livell ta' teknoloġija avvanzata sabiex din tiġi kkummerċjalizzata kemm fis-suq lokali kif ukoll f'dak internazzjonali. | Implimentata f'April 2023 |
| 262 (2022) | SportMalta ser tkompli tinvesti f'aktar faċilitajiet sportivi fosthom il-pixxina ta' daqs olimpiku f'Bormla. | Implimentata f'Lulju 2023 |
| 270 (2022) | Ikomplu l-preparamenti biex fl-2023, Malta tospita l-Logħob tal-Pajjiżi ż-Żgħar. | Implimentata f'Mejju 2023 |



## Minn Baġit 2020

| Nru | Miżura | Stat |
|---|---|---|
| 182 (2020) | Se nkunu mmodernizzajna l-ewwel żewġ blokok tal-iskola sekondarja taż-Żejtun. Jinbdew ix-xogħlijiet fuq il-bqija tal-blokok tal-iskola taż-Żejtun.<br>(a) Blokk 3 fl-Iskola taż-Żejtun<br>(b) Blokk 4 fl-Iskola taż-Żejtun<br>(ċ) Blokk 5 fl-Iskola taż-Żejtun | Implimentata f'Ġunju 2023 |
| 191 (2020) | Jerġa' jitfassal studju nazzjonali fost l-istudenti biex jitkejjel il-piż ta' kull student u kif ukoll it-toqol tal-basktijiet. Naraw li jitfassal qafas ta' gwida dwar il-piż tal-basktijiet tal-istudenti. | Implimentata f'Jannar 2023 |
| 199 (2020) | Inkomplu nnaqqsu l-Iskills Gap. Se nkunu qed naraw li nkomplu nsaħħu l-Kunsill Malta għall-Ħiliet sabiex jintlaħaq l-għan li l-industrija u l-edukazzjoni jaħdmu flimkien biex jiżguraw li l-esperjenza ta' xogħol u tagħlim tkun waħda aktar effettiva. | Implimentata f'Ġunju 2023 |
| 350 (2020) | Malta se tkun qiegħda tipprepara bis-sħiħ għal-Logħob tal-Pajjiżi ż-Żgħar li se jsiru f'pajjiżna fl-2023. Għalhekk se nibdew bit-tħejjijiet biex sas-sena indikata nkunu f'pożizzjoni li nġeddu, nimmodernizzaw u nniedu numru ta' faċilitajiet sportivi ġodda għad-dixxiplini sportivi bħalma huma r-racing track, it-tennis, l-isquash, il-weightlifting u l-handball.<br>(a) Bini ta' Squash Courts u Weightlifting Centre<br>(b) Bini ta' Padiljun tal-Basketball<br>(ċ) Bini ta' Courts tat-Tennis | Implimentata f'Mejju 2023 |
| 351 (2020) | Se jitkompla x-xogħol fuq il-pixxina interna ġewwa l-Kottonera. | Implimentata f'Ġunju 2023 |



MINISTERU

**GĦAX-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI U L-IPPJANAR**

## Baġit 2023

| Nru | Miżura | Impatt | Stat |
|---|---|---|---|
| **201.1 (2023)** | Jitkompla x- xogħol fil-Park Nazzjonali f'Ta' Qali (Żona għal Kunċerti fil-miftuħ) | Il-pubbliku inġenerali | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| **201.2 (2023)** | Jitkompla x- xogħol fil-Park Nazzjonali f'Ta' Qali (Car park) | Il-pubbliku inġenerali | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| **201.3 (2023)** | Jitkompla x- xogħol fil-Park Nazzjonali f'Ta' Qali (Cycling u Jogging Track) | Il-pubbliku inġenerali | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| **201.4 (2023)** | Jitkompla x- xogħol fil-Park Nazzjonali f'Ta' Qali (Drainage and Portable Water Treatment Plant) | Il-pubbliku inġenerali | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| **201.5 (2023)** | Jitkompla x- xogħol fil-Park Nazzjonali f'Ta' Qali (Velodrome) | Il-pubbliku inġenerali | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| **201.7 (2023)** | Jitkompla x- xogħol fil-Park Nazzjonali f'Ta' Qali (Picnic Area) | Il-pubbliku inġenerali | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |





## Minn Baġit 2022

| Nru | Miżura | Stat |
|---|---|---|
| 143 (2022) | Is-sena d-dieħla ser tkun sena li ser tara l-pubblikazzjoni tal-abbozz ta' dak imsejjaħ 'Document F' li perit juża biex iħejji l-pjanta tal-Building Envelope u li abbażi tiegħu inġinier iħejji l-pjanti tal-Building Services għall-istess imkien. Dan ser iwassal biex ladarba jkun konkluż u approvat, il-bini tagħna jibda jaħli inqas enerġija. | Implimentata f'Ġunju 2023 |
| 147 (2022) | Titnieda l-Built Heritage Restoration Scheme, li permezz tagħha ser inkunu nistgħu nagħtu ħajja ġdida lill-binjiet storiċi. | Implimentata f'Ġunju 2023 |
| 160 (2022) | L-Awtorità għall-Bini u l-Kostruzzjoni li twaqqfet din is-sena ser ikollha taħt umbrella waħda l-entitajiet governattivi relatati mal-Industrija tal-Bini u l-Kostruzzjoni: l-Uffiċċju għar-Regolament tal-Bini, il-Bord tal-Bennejja u l-Bord għar-Regolament tal-Bini. | Implimentata f'Ġunju 2023 |

MINISTERU
GĦALL-ĠUSTIZZJA

## Baġit 2023

| Nru | Miżura | Impatt | Stat |
|---|---|---|---|
| **114.1 (2023)** | Ser inkomplu b'investiment massiċċ mill-Pjan ta' Rkupru u Reżiljenza (RRP) fid-diġitalizzazzjoni, investiment ta' 'l fuq minn €10 miljun fil-qasam tal-ġustizzja.<br><br>- L-Aġenzija għas-Servizzi tal-Qrati ser tkun qed timmodernizza s-sistema tal-WI-FI bil-għan li jittejjeb is-servizz eżistenti fejn bħalissa l-WI-FI qed jiġi offrut biss liċ-ċittadin f'żoni partikolari fil-Qrati. | Il-Membri tal-Ġudikatura, tal-impjegati tal-Qorti u l-pubbliku inġenerali | **Implimentata** |
| **114.2 (2023)** | Ser inkomplu b'investiment massiċċ mill-Pjan ta' Rkupru u Reżiljenza (RRP) fid-diġitalizzazzjoni investiment ta' 'l fuq minn €10 miljun fil-qasam tal-ġustizzja.<br><br>- L-Aġenzija għas-Servizzi tal-Qrati ser tkun qed tipprovdi u tinstalla Document Cameras/Overhead Projectors Diġitali fl-Awli kollha. | Il-Membri tal-Ġudikatura, tal-impjegati tal-Qorti u l-pubbliku inġenerali | **Implimentata** |
| **114.3 (2023)** | Ser inkomplu b'investiment massiċċ mill-Pjan ta' Rkupru u Reżiljenza (RRP) fid-diġitalizzazzjoni investiment ta' 'l fuq minn €10 miljun fil-qasam tal-ġustizzja.<br><br>- Se jiġi installat apparat tal-awdjo sabiex il-Membri tal-Ġudikatura u l-pubbliku jkollhom aċċess għal sistema tal-awdjo tal-aqwa kwalità. | Il-Membri tal Ġudikatura, il-ħaddiema tal-Qorti li jaħdmu fl-awli u l-pubbliku li jagħmel użu mis-servizz tal-Qorti | **Implimentata** |
| **114.4 (2023)** | Ser inkomplu b'investiment massiċċ mill-Pjan ta' Rkupru u Reżiljenza (RRP) fid-diġitalizzazzjoni investiment ta' 'l fuq minn €10 miljun fil-qasam tal-ġustizzja.<br><br>- Inkomplu ninvestu fl-għajnuna legali sabiex noħolqu sistema diġitali fejn il-klijenti prospettivi eliġibbli għall-għajnuna legali jkunu jistgħu japplikaw online, kif ukoll mis-service hubs ta' servizz.gov li jinsabu fir-reġjuni u rħula madwar Malta.<br><br>Replika: BM 284 (2022) | Pubbliku inġenerali | **Fil-proċess ta' Implimentazzjoni** |
| **114.5 (2023)** | Ser inkomplu b'investiment massiċċ mill-Pjan ta' Rkupru u Reżiljenza (RRP) fid-diġitalizzazzjoni, investiment ta' 'l fuq minn €10 miljun fil-qasam tal-ġustizzja.<br><br>- Spejjeż oħra relatati mal-investiment tad-diġitalizzazzjoni mill-RRP | Il-Membri tal Ġudikatura, il-ħaddiema tal-Ministeru tal-Ġustizzja u l-pubbliku li jagħmel użu mis-servizz tal-Ġustizzja | **Fil-proċess ta' Implimentazzjoni** |
| **221 (2023)** | Ser ikun stabbilit qafas legali ta' żmien fiss li fih trid tiġi ffinalizzata kumpilazzjoni, żvelar sħiħ tal-provi mill-prosekuzzjoni fil-bidu tal-kumpilazzjoni, kif ukoll l-eliminazzjoni tar-rinviji. | Pubbliku inġenerali | **Fil-proċess ta' Implimentazzjoni** |

| Nru | Miżura | Impatt | Stat |
|---|---|---|---|
| **222.1 (2023)** | Nużaw aħjar l-ispazju amministrattiv tal-Qorti billi jiġi kkonvertit f'bini ta' awli ġodda fil-bini prinċipali tal-Qorti bil-għan li nkomplu nżidu n-numru ta' seduti u fl-istess ħin innaqqsu t-tul tal-kawżi<br><br>- Awla 1 | Membri tal-Ġudikatura, impjegati tal-Qorti u l-pubbliku li jagħmel użu mill-Qorti | **Fil-proċess ta' Implimentazzjoni** |
| **222.2 (2023)** | Nużaw aħjar l-ispazju amministrattiv tal-Qorti billi jiġi kkonvertit f'bini ta' awli ġodda fil-bini prinċipali tal-Qorti bl-għan li nkomplu nżidu n-numru ta' seduti u fl-istess ħin innaqqsu t-tul tal-kawżi.<br><br>- Awla 2 | Membri tal-Ġudikatura, impjegati tal-Qorti u l-pubbliku li jagħmel użu mill-Qorti | **Implimentata** |
| **223 (2023)** | Ser inwettqu reviżjoni sħiħa tal-proċedura użata quddiem il-Qorti tal-Familja kemm mill-aspett ċivili u dak kriminali, bil-għan li din ir-reviżjoni twassal għal ġustizzja aktar effettiva u effiċjenti. | Pubbliku inġenerali | **Fil-proċess ta' Implimentazzjoni** |
| **224.1 (2023)** | Ser inwettqu riforma fil-kamp tal-inkjesti maġisterjali, bil-ħolqien ta' sezzjoni ġdida li tispeċjalizza fl-inkjesti.<br><br>- Kumitat sabiex jagħmel review u studju dwar kif din ir-riforma tista' sseħħ. | Membri tal-Ġudikatura, Spetturi tal-Pulizija, il-Pubbliku, Professjonisti Legali | **Fil-proċess tal-Implimentazzjoni** |
| **224.2 (2023)** | Ser inwettqu riforma fil-kamp tal-inkjesti maġisterjali, bil-ħolqien ta' sezzjoni ġdida li tispeċjalizza fl-inkjesti.<br><br>- Binja minn fejn jista' jopera l-Uffiċċju tal-Maġistrati Inkwerenti | Membri tal-Ġudikatura, Spetturi tal-Pulizija, il-Pubbliku, Professjonisti Legali | **Fil-proċess ta' Implimentazzjoni** |
| **225 (2023)** | Ikompli x-xogħol fuq il-proġett ta' kostruzzjoni ta' binja speċjalizzata (Asset Recovery Bureau) li tkun mgħammra bl-aħħar teknoloġija biex tospita laboratorju ta' traċċar ta' assi u spazju adegwat għall- preservazzjoni ta' assi konfiskati. Dan huwa qasam importanti ħafna li ser inkomplu nsaħħu fis-snin li ġejjin. | Impjegati tal-Uffiċċju tal-Irkupru tal-Assi | **Fil-proċess ta' Implimentazzjoni** |



## Minn Baġit 2017

| Nru | Miżura | Stat |
|---|---|---|
| 250 (2017) | Se nkomplu nsaħħu l-Aġenzija tal-Għajnuna Legali u nwettqu l-wegħda tagħna li jiġi assenjat imħallef biex iservi fil-Qorti ta' Għawdex.<br>(a) Aġenzija Għajnuna Legali<br>(b) Imħallef biex Iservi fil-Qorti ta' Għawdex | Implimentata f'Ġunju 2023 |



MINISTERU **GĦALL-ANZJANITÀ ATTIVA**

## Baġit 2023

| Nru | Miżura | Impatt | Stat |
|---|---|---|---|
| **35 (2023)** | Ir-Residenza San Vinċenz ser tinvesti f'CT scanner ġdid li ser jiswa €1.6 miljun. | Ir-Residenti ġewwa r-Residenza San Vinċenz u l-anzjani kollha fil-komunità | **Fil-proċess ta' Implimentazzjoni** |
| **36 (2023)** | Ir-Residenza San Vinċenz ser tinvesti f'ultrasound machine biex jissaħħaħ is-servizz tad-digital imaging. | Ir-Residenti ġewwa r-Residenza San Vinċenz u l-anzjani kollha fil-komunità | **Implimentata** |
| **37 (2023)** | Fir-Residenza San Vinċenz ser ikompli għaddej il-proġett ta' rinnovar tas-Sala San Ġużepp li jiswa man-nofs miljun ewro. | Ir-residenti ġewwa s-sala San Ġużepp | **Implimentata** |
| **38 (2023)** | Ser jiġu estiżi s-servizzi fil-komunità mir-Residenza San Vinċenz. | Ir-Residenti ġewwa r-Residenza San Vinċenz u l-anzjani kollha fil-komunità | **Implimentata** |
| **39 (2023)** | Fir-Residenza San Vinċenz ser jinfetaħ ġnien għall-persuni bid-dimenzja b'investiment ta' miljun ewro. | Ir-Residenti ġewwa r-Residenza San Vinċenz u l-anzjani kollha fil-komunità | **Implimentata** |
| **40 (2023)** | Outreach Clinic Ġdida f'Dar Padova, f'Għajnsielem.<br><br>Ser jiġu offruti faċilitajiet ġodda permezz ta' klinika vaskolari, podoloġija, occupational therapy, psikoterapija u interventi oħra. Dan jikkumplimenta s-servizzi diġà eżistenti li jingħataw miċ-ċentru ta' matul il-jum għall-persuni bid-dimenzja u ċentru ta' matul il-lejl fl-istess dar. | L-anzjani Għawdxin kollha 'l fuq minn sittin sena | **Implimentata** |

## Minn Baġit 2022

| Nru | Miżura | Stat |
|---|---|---|
| 52 (2022) | Aktar Investiment fir-Residenza San Vinċenz permezz ta' ġnien għall-persuni bid-dimenzja. Fid-disinn tiegħu dan il-ġnien ser ikun qed jindirizza l-bżonnijiet speċifiċi ta' persuni fi stadji differenti ta' din il-kundizzjoni. | Implimentata f'Mejju 2023 |



MIŻURI TA'

# BAĠITS PREĊEDENTI

## Minn Baġit 2022

| Nru | Ministeru | Miżura | Stat |
|---|---|---|---|
| 126 (2022) | MEEE | Permezz tal-proposta għal mekkaniżmu ta' Start-Up Residence Permit, Malta tista' tattira iktar start-ups u intraprendituri. Apparti l-iskemi li diġà' toffri l-Malta Enterprise, tinħass il-ħtieġa li jitwaqqaf punt ta' referenza li jkun jista' jifhem aħjar il-ħtiġiet ta' dawn l-intraprendituri, u tiġi offruta l-iStart-up Visa. Il-Malta Enterprise se tkun qed taħdem mal-Malta Residency Agency biex jitwaqqaf il-programm neċessarju għal dawk li ġejjin minn barra l-Unjoni Ewropea, u li qed ifittxu bażi li toffrilhom pakkett tajjeb ta' għotjiet, benefiċċji u opportunitajiet. Persuni li jikkwalifikaw għas-sett ta' kundizzjonijiet/kriterji, ikunu jistgħu japplikaw għal dan il-permess u jirrilokaw f'pajjiżna biex jagħtu kontribut fl-ekonomija Maltija. | **Implimentata f'Ottubru 2022** |
| 149 (2022) | MEEE | Biex nassiguraw progress kostanti skont kif tipprovdi l-Low Carbon Development Strategy, se nwaqqfu Bord ta' Monitoraġġ li ser jissorvelja l-implimentazzjoni tal-istrateġija u jirrapporta dwar l-andament b'mod regolari. | **Implimentata f'Awwissu 2022** |
| 156 (2022) | MEEE | Ser inkomplu għaddejjin bi proġetti tal-ġonna fuq soqfa (green roofs) bħal dak li qed isir fuq il-Liċeo San Ġorġ Preca.<br><br>A: Green roof fuq il-faċilitajiet sanitarji tas-Salini | **Implimentata f'Settembru 2022** |
| 177 (2022) | MEEE | Bi sħubija bejn l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi u Ambjent Malta, jitkompla t-twettiq tal-Management Plans tas-Siti Natura 2000 fejn ser ikomplu l-interventi ta' konservazzjoni tal-abitat naturali, li jinkludi tħawwil ta' siġar u arbuxelli indiġeni.<br><br>A: Fl-Aħrax tal-Mellieħa | **Implimentata f'Ottubru 2022** |
| 180 (2022) | MEEE | Bi sħubija bejn l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi u Ambjent Malta, jitkompla t-twettiq tal-Management Plans tas-Siti Natura 2000 fejn ser ikomplu l-interventi ta' konservazzjoni tal-abitat naturali, li jinkludi l-installazzjoni ta' sistemi ta' irrigazzjoni.<br><br>A: F'Kemmuna | **Implimentata f'Ottubru 2022** |
| 182 (2022) | MEEE | Ikomplu l-interventi ta' restawr u konservazzjoni fuq xogħol li diġà beda f'Kemmuna.<br><br>A: Jitkompla x-xogħol tar-restawr ambjentali tal-bur salmastru ta' Santa Marija billi jitħaffru għadajjar għall-għasafar li jpassu u jitneħħew speċi invażivi. | **Implimentata f'Awwissu 2022** |
| 183 (2022) | MEEE | Ikomplu l-interventi ta' restawr u konservazzjoni fuq xogħol li diġà beda fil-Magħluq ta' Wied il-Għajn.<br><br>A: Issir estensjoni tal-abitat 1410 Mediterranean salt meadows. | **Implimentata f'Settembru 2022** |
| 187 (2022) | MEEE | It-tħaddir tal-pajjiż jorbot mal-prinċipji tas-sostenibbiltà u l-bidliet li rridu nagħmlu biex l-impatt tagħna fuq l-ambjent jiġi mminimizzat u eventwalment pajjiżna jiġi newtrali mill-karbonju. | **Implimentata f'Novembru 2022** |

| Nru | Ministeru | Miżura | Stat |
|---|---|---|---|
| 230 (2022) | MEEE | Biex intejbu l-kwalità tas-servizz, ser naċċelleraw pjan qawwi ta' investiment fin-network tad-distribuzzjoni tal-Enemalta. Se ninvestu fil-livelli varji ta' vultaġġ u se nkomplu nżidu l-automation fin-network.<br><br>(a) Wied il-Għajn<br><br>(b) L-Imrieħel<br><br>(ċ) Ħal Tarxien | **Implimentata f'Novembru 2022** |
| 231 (2022) | MEEE | Is-sistema ta' kontijiet tad-dawl u l-ilma - Tiġi mħabbra sistema ġdida li hija ġusta għal kulħadd mingħajr ma timpatta b'mod negattiv lill-ebda klijent. Għal dan il-għan ser inbiddlu wkoll il-liġi biex inkunu nistgħu ndaħħlu din is-sistema l-ġdida. | **Implimentata f'Ottubru 2022** |

## Minn Baġit 2021

| Nru | Ministeru | Miżura | Stat |
|---|---|---|---|
| 117 (2021) | MAFA | Intejbu l-faċilitajiet fil-kwarantina tal-annimali żgħar. | **Implimentata f'Diċembru 2022** |
| 141 (2021) | MEEE | Se jitwessgħu skemi eżistenti fosthom dawk li jkopru l-iskart mill-ippakkjar u t-tagħmir elettroniku.<br><br>(a) Skema għal produtturi ta' ppakkjar li jaqa' taħt id-direttiva tal-plastik li jintuża darba sabiex ikunu koperti spejjeż ta' skart miġbur mis-sistema pubblika, mit-toroq u minn postijiet pubbliċi.<br><br>(b) Estensjoni ta' Skema dwar Skart ta' Tagħmir Elettriku u Elettroniku (WEEE) fid-Djar. | **Implimentata f'Novembru 2022** |
| 143 (2021) | MEEE | Matul is-sena d-dieħla titpoġġa f'postha l-infrastruttura neċessarja inkluż il-magni li fihom il-pubbliku inġenerali se jkun jista' jirritorna l-kontenituri vojta. | **Implimentata f'Novembru 2022** |
| 145 (2021) | MEEE | Il-pubbliku inġenerali jsir aktar konxju dwar il-ħsara li jikkawżaw is-single-use plastics fl-ambjent naturali. | **Implimentata f'Lulju 2022** |
| 157 (2021) | MEEE | L-Enemalta se tkompli ssaħħaħ id-distribuzzjoni tal-elettriku u s-servizz mogħti lill-konsumatur.<br><br>(a) Paceville<br>(b) Wied il-Għajn<br>(ċ) L-Imrieħel<br>(d) Ħal Tarxien | **Implimentata f'Novembru 2022** |

| Nru | Ministeru | Miżura | Stat |
| --- | --- | --- | --- |
| **258 (2021)** | MFH | Introduzzjoni ta' prodotti mediċinali ġodda mmirati, b'mod speċjali, lejn il-bżonnijiet ta' dawk il-persuni li jbatu minn mard kroniku. | **Implimentata f'Ottubru 2022** |
| **259 (2021)** | MFH | Se nżidu wkoll it-trattament tal-osteoporożi. Permezz ta' dan it-trattament se nkunu qed nindirizzaw il-bżonnijiet ta' pazjenti, speċjalment dawk anzjani vulnerabbli, li tipikament isofru minn kwalità ta' ħajja baxxa minħabba din il-kundizzjoni. | **Implimentata f'Ottubru 2022** |
| **301 (2021)** | MFJ | Se nkomplu nsaħħu l-istituzzjonijiet, bl-għajnuna ta' esperti mill-Bank Dinji, li għandhom iwasslu biex ikun hemm tisħiħ ulterjuri fl-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali u fl-Uffiċċju tal-Avukat tal-Istat. Din il-fażi tar-riforma tinkludi t-tfassil tal-istrutturi interni, proċeduri amministrattivi u organizzazzjoni tal-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali u l-Uffiċċju tal-Avukat tal-Istat sabiex jiġi żgurat li dawn l-Uffiċċji joperaw b'mod effiċjenti, trasparenti u b'salvagwardja għas-saltna tad-dritt f'pajjiżna, kif ukoll sabiex l-istrutturi interni u l-proċessi ta' dawn l-Uffiċċji jimxu mal-livell ta' professjonlità mitluba kemm lokalment kif ukoll fuq livell internazzjonali. | **Implimentata f'Novembru 2022** |
| **88 (2021)** | MGOZ | Permezz tat-teknoloġija Artifiċjali u Internet of Things se jitkompla l-proġett tas-smart parking ġewwa aktar parkeġġi u toroq madwar Għawdex sabiex persuna tkun taf kemm u fejn hemm parkeġġ disponibbli. | **Implimentata f'Ottubru 2022** |
| **93 (2021)** | MGOZ | Se jsir ukoll il-proġett ta' Virtual Reality ġewwa ċ-Ċittadella, li għandu jwassal biex il-viżitatur jesperjenza l-istorja u l-kultura tal-post b'mezzi interattivi. | **Implimentata f'Novembru 2022** |
| **98 (2021)** | MGOZ | Se nkomplu mixjin bil-bini ta' ħitan tas-sejjieħ. | **Implimentata f'Novembru 2022** |
| **300 (2021)** | MHAL | Se titniehed Strateġija tal-ICT għall-Gvern Lokali b'mod ħolistiku. | **Implimentata f'Novembru 2022** |
| **323 (2021)** | MHSR | Jitlesta l-immodernizzar fit-taqsima tal-forensika.<br><br>(a) Bini tal-Laboratorju tal-Forensika<br>(b) Investiment f'Apparat Modern | **Implimentata f'Settembru 2022** |
| **336 (2021)** | MHSR | Se jkompli l-investiment fit-taqsima marittima u tasal Malta l-ewwel fire boat għad-Dipartiment bil-kapaċità li titfi nirien u twettaq salvataġġi fuq il-baħar anke f'kundizzjonijiet tat-temp li jkunu ħżiena ħafna.<br><br>(a) Dinghies<br>(b) Fire Boats | **Implimentata f'Novembru 2022** |
| **345 (2021)** | MHSR | Nibdew nimplimentaw l-Istrateġija għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi. | **Implimentata f'Novembru 2022** |

| Nru | Ministeru | Miżura | Stat |
|---|---|---|---|
| **349 (2021)** | MHSR | Se jitwaqqaf Ċentru għall-komunità LGBTIQ li għandu l-għan li jġib taħt saqaf wieħed numru ta' servizzi u faċilitajiet provduti mill-Gvern u mis-Soċjetà Ċivili lill-komunità LGBTIQ. | **Implimentata f'Ottubru 2022** |

| Nru | Ministeru | Miżura | Stat |
|---|---|---|---|
| 228<br>(2021) | MSAA | Se titkompla l-ħidma fuq programm ta' manutenzjoni u tisbiħ fil-blokok ta' appartamenti u fl-oqsma tal-Bini tal-Gvern.<br><br>(a) Il-Birgu<br>Blk A Wesgħa Mattia Preti<br>Blk B Wesgħa Mattia Preti<br>Blk C Wesgħa Mattia Preti<br>Blk D Ent A Triq Fuq tal-Ħawli<br>Blk D Ent B Triq Fuq tal-Ħawli<br>Blk D Ent C Triq Fuq tal-Ħawli<br>Blk E Ent A Triq Mons Pawlu Galea<br>Blk E Ent B Triq Mons Pawlu Galea<br>Blk E Ent C Triq Mons Pawlu Galea<br>Blk F Ent A Triq Peppi Vella<br>Blk F Ent B Triq Peppi Vella<br>Blk F Ent C Triq Peppi Vella<br>Blk G Ent A Sqaq ta' Frakass<br>Blk G Ent B Triq il-Qalb ta' Ġesù<br>Blk G Ent C Triq il-Qalb ta' Ġesù<br>Blk G Ent D Triq il-Qalb ta' Ġesù<br><br>(b) San Ġwann<br>Blk 1 Ent A Misraħ Awrekarja<br>Blk 1 Ent B Misraħ Awrekarja<br>Blk 2 Ent A Misraħ Awrekarja<br>Blk 2 Ent B Misraħ Awrekarja<br>Blk 5 Ent A Misraħ Lewża<br>Blk 5 Ent B Misraħ Lewża<br>Blk 5 Ent C Misraħ Lewża<br>Blk 5 Ent D Misraħ Lewża<br>Blk 1 Ent A Triq l-Ewkaliptus<br>Blk 2 Ent B Triq l-Ewkaliptus<br>Blk 2 Ent A Vjal ir-Riħan<br>Blk 2 Ent B Vjal ir-Riħan<br>Blk 3 Ent A Triq il-Mimosa<br>Blk 3 Ent B Triq il-Mimosa<br><br>(ċ) Sta Luċija<br>Blk A Ent A Triq Tursin il-Bir<br>Blk A Ent B Triq Tursin il-Bir<br>Blk B Ent A Triq Tursin il-Bir<br>Blk B Ent A Triq Tursin il-Bir<br>Blk C Ent A Triq iċ-Ċikwejra<br>Blk C Ent B Triq iċ-Ċikwejra<br>Blk D Triq il-Margeriti<br>Blk E Triq Ħalib it-Tajr<br>Blk F Triq il-Peprin<br><br>(d) Ħaż-Żebbuġ<br>Blk 1 Triq il-Mitħna<br>Blk 2 Triq il-Mitħna<br>Blk 3 Triq il-Mitħna<br>Blk 4 Triq il-Mitħna<br>Blk 5 Triq il-Mitħna<br><br>(e) Ħal Luqa<br>Blk H Ent A Triq Wied in-Noqor<br>Blk H Ent B Triq Wied in-Noqor<br>Blk I Ent A Triq Wied in-Noqor<br>Blk I Ent A Triq Wied in-Noqor<br>Blk A Triq il-Ġdida<br>Blk B Triq il-Ġdida<br>Blk C Triq il-Ġdida | **Implimentata f'Lulju 2022** |

| Nru | Ministeru | Miżura | Stat |
|---|---|---|---|
| **195 (2021)** | MTIP | Proġetti Marittimi - Jitlesta x-xogħol fuq erba' mollijiet fil-Bajja ta' San Tumas u f'Wied il-Għajn. | **Implimentata f'Novembru 2022** |
| **169 (2021)** | OPM | Il-Gvern se jwettaq studju biex ikun hemm tibdil minn karozzi li jaħdmu bil-fjuwil għall-karozzi li jaħdmu bl-elettriku fis-Servizz Pubbliku. | **Implimentata f'Settembru 2022** |

## Minn Baġit 2020

| Nru | Ministeru | Miżura | Stat |
|---|---|---|---|
| **68 (2020)** | MEEE | Immaniġġjar tal-Iskart.<br><br>Qed jiġu identifikati tipi oħra ta' skart biex ikunu parti minn skemi simili intiżi sabiex l-iskart tabilħaqq jinbidel f'riżorsa utli li tintuża aktar minn darba. | **Implimentata f'Awwissu 2022** |
| **74 (2020)** | MEEE | Introduzzjoni ta' Skema fuq Ġbir ta' Konteniturі tax-Xorb. Sal-aħħar ta' din is-sena se tkun daħlet fis-seħħ il-Beverage Container Recycling Scheme, billi ser jiġu installati numru ta' magni bi prova, liema magni se jkunu qegħdin jintużaw biex titħaddem din l-iskema, u dan sabiex il-poplu jiffamiljarizza ruħu sakemm sal-aħħar tas-sena 2020 dawn it-tip ta' magni jkunu ġew installati madwar il-gżejjer Maltin. | **Implimentata f'Novembru 2022** |
| **234 (2020)** | MEYR | Strateġija Nazzjonali tal-Ispazju. Se jkun qed jitfassal dokument konsultattiv għall-pubbliku biex iservi ta' bażi għall-istrateġija nazzjonali, liema strateġija tkopri wkoll l-aspett ta' riċerka u innovazzjoni. | **Implimentata f'Novembru 2022** |
| **218 (2020)** | MFE | F'Marzu li ġej, grazzi għall-kuntatti siewja li qed tagħmel il-Borża ta' Malta, il-Federazzjoni tal-Boroż Mondjali, se tagħmel il-konferenza tagħha fuq settur speċifiku tal-finanzi. | **Implimentata f'Settembru 2022** |
| **369 (2020)** | MFE | Permezz tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Statistika tinġabar statistika dwar l-użu ta' mezzi differenti ta' trasport minn residenti f'Malta. Ir-riżultati miksuba jiġu analizzati u jsiru rakkomandazzjonijiet sabiex inkomplu ninkoraġġixxu l-użu ta' trasport alternattiv u sostenibbli. | **Implimentata f'Ottubru 2022** |
| **297 (2020)** | MGOZ | Matul is-sena d-dieħla se nkomplu ninvestu f'diversi greening measures; il-bdil tal-vetturi tal-Gvern għal dawk elettriċi biex inkomplu nimplimentaw id-Decarbonisation Strategy taħt l-Eko Għawdex. | **Implimentata f'Settembru 2022** |

| Nru | Ministeru | Miżura | Stat |
|---|---|---|---|
| 188 (2020) | MHAL | Se nkunu qed nibdew il-proċess meħtieġ sabiex il-lingwa Maltija, bħalma nsibu għal lingwi oħrajn, ikollha ċekkjatur tal-Malti disponibbli għall-użu online. Din l-inizjattiva ġdida qed tittieħed biex tintuża aktar u aħjar il-lingwa Maltija waqt li tinżamm ħajja billi jagħmilha iktar faċli li tuża l-lingwa Maltija għall-komunikazzjoni bil-kitba. | Implimentata f'Diċembru 2022 |
| 209 (2020) | MHAL | Se nkomplu nsaħħu l-Fond għall-Patrimonju Kulturali bil-għan li jkun hemm aktar investiment għal riċerka marbuta mal-arkeoloġija, l-esplorazzjoni, ir-riċerka fl-arkivji u oħrajn. | Implimentata f'Diċembru 2022 |
| 312 (2020) | MHSR | Se jitkompla l-proċess ta' mmodernizzar tal-Forzi Armati ta' Malta (FAM) fejn hemm it-tkomplija tal-proġett tax-xiri ta' offshore patrol vessel ġdida, mibnija skont speċifikazzjonijiet tal-Armata stess. | Implimentata f'Novembru 2022 |
| 342 (2020) | MHSR | Ugwaljanza u Drittijiet tal-Bniedem.<br><br>Se nimplimentaw ukoll l-ewwel strateġija u pjan ta' azzjoni nazzjonali għall-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri f'diversi setturi, fosthom fl-edukazzjoni, fis-saħħa u l-ġustizzja, xogħol u l-indipendenza finanzjarja, il-bilanċ bejn ix-xogħol, il-ħajja privata u tal-familja u biex tassigura wkoll li jkollna aċċess u opportunitajiet indaqs għal pożizzjonijiet ta' awtorità għan-nisa u l-irġiel. | Implimentata f'Novembru 2022 |

## Minn Baġit 2019

| Nru | Ministeru | Miżura | Stat |
|---|---|---|---|
| 77 (2019) | MEEE | L-Enemalta se tkompli ssaħħaħ id-distribuzzjoni tal-elettriku bl-estensjoni u x-xogħol f'diversi ċentri ta' distribuzzjoni fosthom dak f'Paceville, f'Wied il-Għajn u fil-Kappara biex tintlaħaq aħjar id-domanda tal-elettriku f'dawk il-lokalitajiet.<br><br>(a) Paceville<br><br>(b) Wied il-Għajn<br><br>(ċ) Il-Kappara | Implimentata f'Novembru 2022 |
| 78 (2019) | MEEE | Se jinbidlu transformers fiċ-ċentru tad-distribuzzjoni f'Ħal Tarxien. | Implimentata f'Novembru 2022 |
| 199 (2019) | MFH | Se nżidu wkoll it-trattament tal-osteoporożi. Permezz ta' dan it-trattament se nkunu qed nindirizzaw il-bżonnijiet ta' pazjenti, speċjalment dawk anzjani vulnerabbli, li tipikament isofru minn kwalità ta' ħajja baxxa minħabba din il-kundizzjoni. | Implimentata f'Ottubru 2022 |

| Nru | Ministeru | Miżura | Stat |
|---|---|---|---|
| 128 (2019) | MHSR | Għaddej xogħol estensiv fit-titjib tal-infrastruttura tat-Taqsima tal-Forensika. Barra minn hekk ser ikun hemm investiment f'dak li hu apparat aktar modern u titkompla l-mixja lejn l-akkreditazzjoni tal-laboratorju.<br><br>(a) Bini tal-Laboratorju tal-Forensika.<br><br>(b) Investiment f'Apparat Modern. | Implimentata f'Settembru 2022 |
| 132 (2019) | MHSR | Matul is-sena li ġejja se jsir investiment fit-taqsima marittima b'xiri ta' dinghies u fire boats tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili.<br><br>(a) Dinghies<br>(b) Fire Boats | Implimentata f'Novembru 2022 |

## Minn Baġit 2018

| Nru | Ministeru | Miżura | Stat |
|---|---|---|---|
| 101 (2018) | MEEE | Il-Gvern għandu l-ħsieb li jirrijabilita żewġ stazzjonijiet strateġiċi ta' ppumpjar li jinsabu fil-gallariji tal-ilma; f'Ta' Bakkja. | Implimentata f'Novembru 2022 |
| 103 (2018) | MEEE | Biex jiġi żgurat l-użu aħjar tal-ilma ta' taħt l-art, se jkun hemm moniteraġġ teknoloġiku tas-sistemi kollha tal-akwiferu tagħna. | Implimentata f'Novembru 2022 |
| 92 (2018) | MEEE | Il-Gvern se jkompli jaħdem ukoll fuq l-implimentazzjoni tal-pipeline tal-gass bejn Malta u l-Italja. Il-pipeline se jgħaqqad lil Malta man-Network tal-Gass tal-Unjoni Ewropea, itejjeb is-sigurtà tal-provvista tal-gass naturali f'Malta u għandu jissostitwixxi l-Floating Storage Unit temporanju li qiegħed f'Delimara. Matul l-2018, il-Gvern għandu jipproċedi bl-istudji ambjentali u tekniċi, inkluż stħarriġ marittimu dwar ir-rotta. | Implimentata f'Novembru 2022 |
| 149 (2018) | MHSR | Korp tal-Pulizija - Tisħiħ tas-sigurtà tal-pajjiż: It-titjib fl-infrastruttura tas-sezzjonijiet tal-forensika<br><br>(a) Bini tal-Laboratorju tal-Forensika<br><br>(b) Investiment f'Apparat Modern | Implimentata f'Settembru 2022 |
| 154 (2018) | MHSR | Il-Forzi Armati ta' Malta se jkomplu jissaħħu permezz ta' tkomplija ta' bini ta' lanċa ġdida għall-FAM | Implimentata f'Novembru 2022 |

## Minn Baġit 2017

| Nru | Ministeru | Miżura | Stat |
|---|---|---|---|
| **277 (2017)** | MEEE | (a) Wara diskussjonijiet bejn l-imsieħba konċernati, se nkunu qed inwaqqfu kumitat operattiv mill-Ministeru li jinkludi rappreżentanti ta' diversi entitajiet u Ministeri biex għall-ewwel darba naħdmu flimkien biex Kemmuna tingħata l-istatus ta' Park Nazzjonali. (b) Il-kumitat se jara wkoll li n-Natura 2000 Management Plan tal-gżejjer ta' Kemmuna jitwettaq.<br><br>(a) Kemmuna bi Status ta' Park Nazzjonali<br><br>(b) Management Plan għal Kemmuna | **Implimentata f'Awwissu 2022** |
| **63<br><br>(2017)** | MEYR | Il-Gvern se jkun qed jikkontribwixxi biex issir University Residence and Community Car Park f'Tal-Qroqq.<br><br>(a) University Residence<br><br>(b) Car Park | **Implimentata f'Novembru 2022** |
| **103 (2017)** | MPWP | Faċilitajiet sportivi fil-Kalkara u x-Xgħajra.<br><br>(a) Il-Kalkara<br><br>(b) Ix-Xgħajra | **Implimentata f'Awwissu 2022** |
| **141 (2017)** | OPM | Fil-kuntest tal-proposta li għandu jingħata ħlas ugwali għal xogħol tal-istess valur, fl-2017 se nkunu qed nifthu proċess ta' konsultazzjoni mal-istakeholders kollha involuti, inklużi dawk involuti f'aġenziji ta' xogħol temporanju, biex jinġabar tagħrif sħiħ dwar l-implikazzjonijiet kollha ta' pass bħal dan li permezz tiegħu l-paga u l-kundizzjonijiet tax-xogħol ta' ħaddiema ta' kuntrattur (sub-contractor) ikunu fuq l-istess livell bħal dawk tal-ħaddiema li jkunu tal-post fejn huma jkunu qed jaħdmu. | **Implimentata f'Diċembru 2022** |
| **150 (2017)** | OPM | Il-Gvern se jniedi proċess ta' konsultazzjoni dwar il-proposta li ġenitur ikun jista' jibbenefika minn leave tal-mard meta jimirdu t-tfal. | **Implimentata f'Lulju 2022** |

## Minn Baġit 2016

| Nru | Ministeru | Miżura | Stat |
|---|---|---|---|
| **181 (2016)** | MEEE | Rijabilitazzjoni tal-Qajjenza. Hekk kif l-Enemalta ħadet f'idejha dan is-sit, minnufih sar eżerċizzju ta' sorveljanza sabiex ikun żgurat li s-sit huwa sigur u assigurat totalment. Minn dakinhar is-sit imsemmi sar sigur u ħieles minn kull periklu għal min jipprova jidħol fih. Attwalment l-Enemalta qed tevalwa diversi għażliet rigward dan is-sit. | **Implimentata f'Awwissu 2022** |
| **205 (2016)** | MEEE | Studji għal Pipeline tal-Gass. L-istudju għal implimentazzjoni tal-proġett tal-pipeline tal-gass issa daħal f'fażi oħra u diġà beda x-xogħol biex jiġi identifikat kuritur ta' 1.2 kilometri f'qiegħ il-baħar minn fejn ikun jista' jgħaddi l-pipeline u jiġu identifikati l-impatti ambjentali, kemm fuq in-naħa ta' Malta kif ukoll fuq in-naħa tal-Italja. Għal dan il-għan, irnexxielna niksbu €400,000 f'fondi Ewropej taħt il-Connecting Europe Facility għat-twettiq ta' dan l-istudju wara applikazzjoni li ġiet sottomessa fl-aħħar ta' April. Matul din is-sena, se nkunu qed naħdmu fuq dan l-istudju. | **Implimentata f'Novembru 2022** |
| **31a (2016)** | MHSR | Barra minn hekk, hemm ukoll numru ta' proġetti kapitali kosponsorjati mill-ISF 2014-2020 li l-proċess tagħhom se jibda fl-2016 stmati li jiswew €75 miljun fuq ħames snin. Dawn jinkludu fosthom ix-xiri ta' offshore patrol vessel ġdida għas-somma ta' madwar €38 miljun, upgrade lill-P61 għal valur ta' madwar €7 miljun u xiri ta' robot u vann għall-EOD stmati li jiswew man-nofs miljun ewro.<br><br>(a) Xiri ta' Offshore Patrol Vessel Ġdida | **Implimentata f'Novembru 2022** |
| **38 (2016)** | MHSR | Għas-sena 2016 hemm il-pjan li jiġi mniedi proġett fit-Teknoloġija tal-Informatika msejjaħ Offender Management System u dan sabiex l-utenti ta' dan is-servizz (ħabs, probation u parole, qrati) ikollhom networking aktar effiċjenti. | **Implimentata f'Novembru 2022** |